# l-aċċent

il-ħarga 23

id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea

Tislima lid-Dipartiment tal-Malti..........03
messaġġ ta' Dr Helga J. Zahra

Ħajr lil Helga J. Zahra..........05
It-tim ta' *l-aċċent*

Il-lingwaġġ inklużiv fil-Malti..........06
Victor Bonanno

Wirja permanenti dwar l-ilsien Malti fi Brussell..........10
Alex Grima

It-terminoloġija u l-mekkaniżmi tagħha..........12
Andrew Sammut

Intervista lil Mark Vella..........14
Mark Amaira
Intervista lil Alfred Palma..........18
Patrick Sammut

L-ewwel rumanz miċ-Ċiniż għall-Malti..........22
Stephen Cachia

Termattwalità..........26
Clyde Triganza, Jennifer Debarro, Andrew Sammut

Irregolaritajiet fis-sistema verbali Maltija..........28
Mark Paul Vella

Niktbu għal kulħadd..........30
David Schembri

Saydon vs Saydon: analiżi tat-tibdil lessikali..........34
Paul Zahra

Id-dizzjunarju jiggwida..........44
Prof. Charles Briffa

San Ġwann tas-Salib bil-Malti..........49
Ivan Said

Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib: *l-aċċent* jagħti ġieħ lil Ġorġ Peresso u lil Albert M. Cassola..........58

Il-kliem Taljan fil-Malti standard..........74
Joseph Brincat

Ħajr lill-artikolisti. Iktbilna fuq **l-accent@ec.europa.eu**.

**Il-Bord Editorjali** Ivan Said, Paul Zahra, Helga J. Zahra u Norman Vella
**L-Edituri** Ivan Said u Paul Zahra
**Qari tal-provi** Janice Bonnici u Jean Gové
**Produzzjoni** Mark Amaira
**Stampar** L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE
© 2024, il-Kummissjoni Ewropea

**Ċaħda**
Il-Kummissjoni Ewropea u kull persuna li taġixxi f'isimha mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mill-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha m'huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.



*"Il-Malti bħal donnu qed jissemma aktar, l-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba mimlijin kotba bil-Malti, iżda fl-istess ħin, skont l-aħħar ċensiment, il-Malti qed jintuża inqas mill-popolazzjoni.*

*Hemm ħafna tajjeb li qed isir, iżda hemm ħafna aktar li jeħtieġ isir. Il-ħolma tiegħi hi li pajjiżna jkollu sistema edukattiva li timplimenta dak li għandna fil-Kostituzzjoni: it-tagħlim ta' żewġ lingwi li huma l-lingwi uffiċjali ta' pajjiżna b'enfasi fuq il-lingwa li hi l-lingwa nazzjonali. Almenu fl-iskejjel tagħna rridu niżguraw li t-tfal kollha — Maltin u barranin — jitgħallmu bil-Malti u jkunu komdi jesprimu ruħhom bil-Malti. Imbagħad hemm bżonn ninsistu fuq il-profiċjenza f'lingwa oħra.*

*Iktar ma nkunu nafu lingwi, iktar inkunu nistgħu nifhmu nies, soċjetajiet u ideat u iktar jinfetħulna bibien ta' opportunitajiet."*

Helga

# Tislima
## lid-Dipartiment tal-Malti

**Dr Helga J. Zahra**
Il-Kap tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea

Għat-tieni u l-aħħar darba jmissni nwasslilkom il-messaġġ tal-Bord Editorjali, messaġġ li se jkun aktar personali milli kont qed nippjana. Dan għaliex f'Ottubru ta' din is-sena se nkun qed inħalli d-Dipartiment tal-Ilsien Malti fil-Kummissjoni Ewropea u għalhekk nixtieq nagħti ħarsa lejn dawn l-aħħar snin li qattajt immexxih.

Meta bdejt naħdem mal-Kummissjoni fl-2007 id-dipartiment kien immexxi minn Aġent Kap Spanjol, is-Sur Xavier Valeri Cobo. Kollha għandna memorji sbieħ taż-żmien li għamel magħna; ta' kemm stinka biex ipoġġi lid-dipartiment fuq bażi soda. Tgħallimna ħafna mill-kollegi Spanjoli. Waħda mill-ħolmiet tas-Sur Valeri kienet li d-dipartiment ikollu ġurnal tal-lingwa u t-traduzzjoni bħalma kellhom l-Ispanjoli. Hekk twieled *l-aċċent*.

**l-aċċent** għadda minn ħafna jdejn matul is-snin. Se nipprova ma ninsa lil ħadd mill-edituri li kellu fil-passat f'din il-lista: Carmel Attard, Mark A. Vella, Louise Vella, Antoine Cassar, Sandro Mangion, Alan Delia, Marija Agius, Ivan Said, Paul Zahra, Mark Amaira. Dawn, flimkien ma' oħrajn, ilkoll ikkontribwew għal *l-aċċent* li għandna llum. Louise Vella b'mod partikolari kienet fil-bord editorjali ta' *l-aċċent* mill-bidu nett u baqgħet sa ftit snin ilu. Kienet il-mutur li żgura li *l-aċċent* jibqa' għaddej.

Tul is-snin saru ħafna bidliet. Illum wasalna għal ġurnal ippubblikat darba fis-sena li jittratta suġġetti li jaqgħu taħt il-kapep tal-lingwa, it-traduzzjoni u l-letteratura, miktuba minn kontributuri li jaħdmu kemm fl-istituzzjonijiet kif ukoll barra minnhom.

Mal-evoluzzjoni ta' *l-aċċent*, kien hemm l-evoluzzjoni tad-dipartiment, flimkien ma' tibdil fundamentali ieħor f'bosta aspetti tax-xogħol tat-traduzzjoni. Meta bdejt naħdem mal-Qorti tal-Ġustizzja bħala ġurista lingwista, l-aktar għodda importanti li kellna kienet id-dizzjunarju ta' Aquilina. Konna naħdmu fuq dokumenti li kien ikollhom ċerti partijiet ripetuti lesti, iżda r-riċerka kienet issir manwalment u r-riżorsi kienu ftit.

Meta mbagħad ingħaqadt mal-Kummissjoni bdejt nuża l-prekursuri tal-għodod li nużaw illum, u dawn diġà kienu jħaffu ħafna x-xogħol. Illum għandna għodod, bħat-traduzzjoni awtomatika, li laħqu livelli pjuttost tajbin ħafna. Jgħinuna ħafna fix-xogħol u fil-konsistenza fit-traduzzjoni però ċertament ma jiħdux post l-element uman li huwa dejjem meħtieġ. L-istess traduzzjoni awtomatika tiddependi fuq it-traduzzjoni umana biex tiżgura li l-lingwa tat-traduzzjoni awtomatika tibqa' aġġornata bl-iżviluppi kostanti li jsiru fil-lingwa.

U xi ngħidu għall-passi ta' ġgant li saru fit-terminoloġija? Sehem il-Malti fid-database tat-terminoloġija — il-IATE — tant hu kbir li xi drabi jaqbeż is-sehem li jipprovdu lingwi oħrajn fl-istess database.

Matul l-aħħar snin kien hemm ukoll evoluzzjoni fis-suq tat-traduzzjoni f'Malta. Fi żmien is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea rajna espansjoni fis-suq u fin-numru tan-nies li kienu interessati f'karriera fit-traduzzjoni. Is-suq beda jikber u kien ikun hemm ammont ġmielu ta' studenti kull sena jistudjaw it-traduzzjoni. Meta konna norganizzaw selezzjonijiet għal tradutturi temporanji, imbagħad, dejjem konna nsibu kandidati. Dejjem kien hemm applikanti għat-traineeships u, meta kienet issir sejħa għall-kuntratti freelance, dejjem kien ikollna għadd ta' kumpaniji u individwi li kienu jesprimu l-interess.

Barra minn hekk, meta kienu jiġu organizzati l-kompetizzjonijiet għal tradutturi permanenti tal-Malti mal-istituzzjonijiet kien ikun hemm ruxxmata applikazzjonijiet. Il-postijiet riżervati għall-Maltin finalment imtlew, aktar bil-mod minn lingwi oħrajn, imma pass pass konna wasalna.

Fl-aħħar snin il-folja donnha nqalbet. In-numru ta' studenti Maltin li jispeċjalizzaw fit-traduzzjoni naqas ġmielu u għadu jonqos. L-applikazzjonijiet għat-traineeships saru iktar rari u l-kuntratturi li lesti jaħdmu mal-istituzzjonijiet lanqas għandek bżonn is-swaba' ta' id waħda biex tgħoddhom. Is-suq jidher li qed ibatti.

Ħaġa li dejjem xtaqt nara kienet aktar għaqda — forsi anki organizzazzjoni — fost it-tradutturi tal-Malti. Din minn Malta trid tiġi u naħseb li għandha tkun inkoraġġuta minn meta t-tradutturi futuri jkunu għadhom studenti. Sfortunatament għandi l-impressjoni li ftit hemm interess biex dan isir.

Fil-frattemp qed ninnota li llum ħafna Maltin ma jafux tliet lingwi b'livell għoli biżżejjed biex ikunu jistgħu jgħaddu mill-kompetizzjoni tat-tradutturi. Filwaqt li fil-passat bosta Maltin setgħu jiftaħru li kellhom ħakma ta' tliet lingwi — il-Malti, l-Ingliż u t-Taljan — illum it-Taljan intilef.

Iċ-ċensiment tal-2021 ma tantx jagħmilli kuraġġ. Minnu jirriżulta li għalkemm il-Malti hu l-aktar ilsien li jintuża mill-Maltin, 25% tat-tfal taħt l-10 snin iqisu l-Ingliż bħala l-ilsien ewlieni tagħhom. Fost dawk ta' bejn l-10 snin u d-19-il sena hemm 14.7% li jikkunsidraw l-Ingliż l-ilsien ewlieni tagħhom. Dan ifisser li llum fost it-tfal u ż-żgħażagħ Maltin hemm ammont sostanzjali li lanqas biss iqisu l-Malti bħala l-ilsien ewlieni tagħhom. Ma nimmaġinax li dawn se jitħajru għal karriera fit-traduzzjoni għall-Malti.

Minn naħa, l-istampa llum naraha aktar sempliċi u, minn naħa oħra, naraha aktar ikkumplikata minn kif kienet għoxrin sena ilu. Saru żviluppi li forsi ma konniex noħolmu bihom, partikolarment fit-traduzzjoni awtomatika, u hemm għodod li għadna qed noħolmu bihom, bħal ċekkjatur uffiċjali għall-ilsien Malti (għalkemm internament fil-Kummissjoni żviluppajna ċekkjatur bażiku li qed inkomplu ntejbuh kontinwament).

Il-Malti bħal donnu qed jissemma aktar, l-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba mimlijin kotba bil-Malti, iżda fl-istess ħin, skont l-aħħar ċensiment, il-Malti qed jintuża inqas mill-popolazzjoni.

Hemm ħafna tajjeb li qed isir, iżda hemm ħafna aktar li jeħtieġ isir. Il-ħolma tiegħi hi li pajjiżna jkollu sistema edukattiva li timplimenta dak li għandna fil-Kostituzzjoni: it-tagħlim ta' żewġ lingwi li huma l-lingwi uffiċjali ta' pajjiżna b'enfasi fuq il-lingwa li hi l-lingwa nazzjonali tagħna. Almenu fl-iskejjel tagħna rridu niżguraw li t-tfal kollha — Maltin u barranin — jitgħallmu bil-Malti u jkunu komdi jesprimu ruħhom bil-Malti. Imbagħad hemm bżonn ninsistu fuq il-profiċjenza f'lingwa oħra.

Iktar ma nkunu nafu lingwi, iktar inkunu nistgħu nifhmu nies, soċjetajiet u ideat u iktar jinfetħulna bibien ta' opportunitajiet.

*It-Tim Editorjali*

# *jrodd ħajr lil Helga J. Zahra*

Il-Bord Editorjali, flimkien mal-istaff tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, jixtieq irodd ħajr lil Dr Helga J. Zahra għas-servizz impekkabbli li wettqet f'dawn l-aħħar sbatax-il sena li ilha magħna fid-dipartiment, għall-ewwel bħala kap tal-unità (2007-2012) u mbagħad bħala kap tad-dipartiment (2012-2024).

Fl-1 ta' Ottubru, Helga ħalliet it-tmexxija tad-Dipartiment tal-Malti biex tkompli sservi lill-Kummissjoni fid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni bit-tmexxija ta' komunità lingwistika magħmula minn żewġ lingwi uffiċjali oħrajn.

Helga kienet xprun ta' dak kollu li hu Malti, kemm fid-dipartiment u anki fid-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni. Dejjem stinkat biex ikollna l-istaff adattat għat-traduzzjoni bil-Malti, kemm fejn jidħlu n-numri ta' tradutturi u assistenti, u anki fejn jidħlu l-kwalità u t-taħriġ ta' kulħadd.

Fuq kollox kienet leader li ħadmet għall-għaqda u l-armonija fostna t-tradutturi u l-assistenti Maltin u, b'mod individwali, biex kulħadd ikun kuntent u sodisfatt bl-iżvolġiment tal-karriera tiegħu fid-dipartiment. Helga wrietna fil-prattika kemm kienet kburija bl-istaff Malti tagħha, kemm fid-dipartiment u f'kull rokna tal-Kummissjoni.

Fil-Kummissjoni Ewropea, Helga kienet promotur ewlieni tal-ilsien Malti u ta' kwalitajiet oħrajn li jagħmluna Maltin: il-kultura, il-letteratura u d-drawwiet. Kienet il-moħħ wara l-avveniment annwali li organizzajna għal ħafna snin fil-binja JMO tal-Lussemburgu biex infakkru l-festa nazzjonali tal-Vitorja. F'dak il-jum konna naqsmu dak kollu li hu Malti, mhux biss ikel u xarbiet iżda anki laqtiet kulturali Maltin ma' tradutturi u ħaddiema oħrajn ta' lingwi u nazzjonalitajiet differenti biex niċċelebraw l-għaqda fid-diversità li fuqha hi msejsa l-Unjoni Ewropea.

Kienet ukoll wieħed mill-imħuħ ta' *l-aċċent*, bħala membru u bħala president tal-bord editorjali. Bħala kap tad-dipartiment dejjem rat li jkollna r-riżorsi u l-ħin meħtieġa biex nipproduċuh imqar darba fis-sena.

Aħna minn qalbna nawguraw lil Helga kull suċċess fir-rwol il-ġdid tagħha u minn qalbna ntennu r-ringrazzjament għal dak kollu li wettqet fid-dipartiment u tul it-tmexxija tagħha għas-suċċess ta' din ir-rivista.

# Il-lingwaġġ inklużiv fil-Malti

Victor Bonanno

Il-Malti hu lingwa li tuża l-ġens grammatikali. Dan ifisser li n-nomi animati kif ukoll dawk inanimati jiġu kklassifikati f'sistema binarja bħala maskili jew femminili. Barra minn hekk, hemm it-tendenza li jintuża l-maskil ġeneriku biex din is-soċjetà binarja tiġi omoġenizzata taħt qafas lingwistiku maskili.

Dan joħloq problema kemm għall-popolazzjoni mhux binarja, li kulma jmur dejjem qed tikber, meta jirreferu għalihom infushom fil-Malti, kif ukoll għal dawk li jidentifikaw mal-ġeneru femminili, li jħossuhom fi żvantaġġ lingwistiku. Madanakollu, il-lingwa Maltija toffri għadd ta' alternattivi għal lingwaġġ newtrali għall-ġeneru. Ħafna minn dawn l-għażliet jinsabu fil-linji gwida *Lingwa li Tuża Ġens Newtrali fil-Parlament Ewropew*[1] u fil-*Komunikazzjoni Inklużiva fis-SĠK*[2] tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

## Il-bidla mill-maskil ġeneriku għal alternattivi aktar newtrali

Hu komuni li tintuża l-forma tradizzjonalment maskili biex tirreferi għaż-żewġ ġeneri, iżda qed tikber it-tendenza li nimxu lil hinn mill-idea li l-forma maskili hija l-forma ġenerika, kif jidher ukoll fl-Att dwar l-Interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' Malta. Dan l-Att kien jiddikjara li *"kliem li juri ġens maskil jinkludu l-ġens femminil"*, iżda dan il-punt issa ġie estiż bil-frażi *"u l-kliem li juri l-ġens femminil jinkludi l-ġens maskil"*.[3]

Eżempju ieħor ta' din il-bidla narawha fl-eżamijiet tal-iskejjel tal-gvern. Fejn qabel konna nsibu struzzjonijiet bħal "l-**eżaminatur** għandu jiġbor il-karta mingħand il-**kandidat**", issa qed jintuża l-plural, li fil-Malti m'għandux markaturi għall-ġens. Dan hu konformi mal-linji gwida tal-Parlament Ewropew li jisħqu li: *"l-użu ta' termini fil-maskil ġeneriku ma għadux il-prassi assoluta u li "[f]ilwaqt li tiġi rispettata l-ħtieġa ta' ċarezza, [i]l-maskil ġeneriku, għandu jiġi evitat kemm jista' jkun."*






### X'jiġri, iżda, fil-każ tat-tielet persuna singular (hu/hi)?

F'dawn il-każijiet, minflok nomi li joħolqu distinzjoni ċara bejn il-ġeneri (eż. *raġel/mara*, *wieħed/waħda*, *huwa/hija*, eċċ.), f'ċerti każijiet jistgħu jintużaw nomi epiċeni, bħal pereżempju *persuna* u *tarbija*.

Dawn in-nomi, għalkemm grammatikament għandhom ġens wieħed, xorta waħda jistgħu jintużaw għaż-żewġ ġeneri, eż. ***John persuna dħulija*** vs *John huwa raġel dħuli*.

Min-naħa l-oħra, il-pronomi (eż. *kulħadd*, *ħadd*, *xi ħadd*, *min*), li jintużaw minflok in-nom, normalment jużaw il-maskil ġeneriku, eż. *Ħadd ma jitħalla jibqa' lura*.

Iżda kemm in-nomi epiċeni u anki l-pronomi jeskludu lil nies li ma jidħlux fis-sistema binarja. F'ċerti każijiet, bħal fil-każ tal-pronomi possessivi, wieħed jista' jevita li juża l-pronom għalkollox u minflok jirrepeti n-nom; eż. *Dan ma japplikax għal meta l-passiġġieri jitilfu titjira konnessa li għaliha l-passiġġieri għandhom booking.*

Din l-alternattiva, iżda, tista' toħloq sintassi artifiċjali u strutturi ripetittivi, u għalhekk wieħed għandu joqgħod attent meta jużaha.

### Titli ta' impjiegi u ta' professjonijiet

Fil-każ tat-titli li jirreferu għal impjiegi u professjonijiet, filwaqt li ħafna minnhom għandhom forom differenti skont il-ġeneru tas-suġġett (normalment jiżdied suffiss mal-forma maskili, bħal *tabib(a)*), hemm nomi oħra li l-forma tagħhom ma tinbidilx, eż. *kollega* jew *ekonomista*.

Dawn in-nomi m'għandhomx ġens grammatikali fiss u jistgħu jintużaw ma' kwalunkwe ġeneru ta' suġġett, filwaqt li nomi oħra, bħal *Ministru* u *Sindku* tradizzjonalment huma maskili iżda jintużaw ukoll biex jirreferu għal kwalunkwe ġeneru b'mod aktar newtrali u ġeneriku.

In-nisa professjonisti stess huma ġeneralment kontra l-femminizzazzjoni ta' dawn in-nomi tal-aħħar, eż. *Ministra*, iżda skont teżi ta' Joseph Galdes hemm it-tendenza li l-avukati u l-inġiniera nisa jippreferu l-forma femminili *avukata* jew *avukatessa* u *inġiniera* rispettivament.

Xi kultant il-kittieb jispeċifika l-ġeneru tas-suġġett billi jżid il-kelma "mara" mat-titlu (eż. "pilota mara") iżda, waqt is-seminar tal-2017 fuq is-suġġett tas-sessiżmu fil-lingwa Maltija, il-Prof. JosAnn Cutajar saħqet li din l-ispeċifiċità mhux mitluba tagħti l-idea li l-mara mhix kwalifikata jew kompetenti biżżejjed biex timmerita l-istess titlu bħar-raġel.

Min-naħa l-oħra, fl-istess seminar, John Zammit u Angela Callus qalu li meta titlu li normalment jingħata lil raġel jintuża għaż-żewġ ġeneri, dan ikun qed ifixkel il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-viżibbiltà femminili fuq il-post tax-xogħol.

Angela Callus tispjega wkoll li, fil-ħajja ta' kuljum u għall-professjonijiet li ma jitqisux "prestiġjużi", għadna nagħmlu distinzjoni bejn il-forma maskili u dik femminili, eż. *kantant(a)*, *ħajjat(a)*, filwaqt li meta nirreferu għal karrieri aktar "prestiġjużi", b'mod partikolari fuq il-midja u f'kuntesti formali, hemm it-tendenza li tintuża aktar il-forma ġenerika maskili.

Zammit ippropona li għandu jkun hemm inizjattiva mmexxija mill-Istat, b'kollaborazzjoni man-nisa professjonisti fl-oqsma tax-xogħol partikolari, biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata bl-aħjar mod possibbli, iżda minn dak is-seminar li sar seba' snin ilu sal-lum għadhom ma ħarġux linji gwida ċari fuq dan is-suġġett Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza ħarġet linji gwida[4] biex tippromwovi l-użu ta' lingwaġġ newtrali fir-rigward ta' titli professjonali u l-użu tal-plural meta dan ma jkunx possibbli.

### L-użu tal-passiv

Fil-każ tal-verbi, ladarba t-tielet persuna singular tinfletti għall-ġens skont il-ġeneru tas-suġġett, wieħed jista' juża l-passiv u jissostitwixxi s-suġġett animat bl-oġġett inanimat. Jiġifieri minflok *Il-President tal-Kunsill Ewropew, Charles Michel, mexxa l-laqgħa.* wieħed jista' jikteb *Il-laqgħa tmexxiet minn Charles Michel, il-President tal-Kunsill Ewropew.*

B'hekk, noffru alternattiva newtrali li ma timmarkax lill-persuna inkwistjoni b'ġeneru partikolari. Madanakollu, il-Parlament Ewropew jisħaq li l-passiv "*idealment ma jintużax spiss, biex jiffavorixxi l-użu tal-attiv kif jindikaw ir-regoli tal-kitba ċara*".[5]

## L-inklużività u s-sottotitli

Waqt seminar organizzat mill-Kummissjoni Ewropea fil-Belt Valletta f'Diċembru 2023 dwar lingwa u kitba aċċessibbli għal kulħadd, Dr Giselle Spiteri Miggiani qalet li ħadmet fuq linji gwida għal sottotitli inklużivi f'kuntest Malti.[6] Dawn il-linji gwida jiffukaw fuq kwistjonijiet marbutin esklużivament mas-sottotitli, bħal-limitazzjoni tal-karattri, il-veloċità u l-ħin tal-qari, biex is-sottotitli jkunu aktar inklużivi u aċċessibbli, filwaqt li jkopru wkoll aċċess sensorju u lingwaġġ sensittiv fir-rigward tal-etniċità, ir-razza, l-età, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali u d-diżabbiltà fil-midja Maltija.

Dr Spiteri Miggiani semmiet ukoll proġett li qed isir b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta biex f'xi wħud mis-siti ewlenin ta' Malta, bħall-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-MUŻA, ikun hemm awdjogwidi inklużivi għad-dispożizzjoni tal-viżitaturi. Dawn l-awdjogwidi, li jkunu disponibbli bil-Malti u bl-Ingliż, jistgħu jintużaw kemm mill-adulti kif ukoll mit-tfal, u jistgħu jintużaw ukoll mill-komunità tal-persuni neqsin mid-dawl.

Fl-istess seminar, Loran Ripard Xuereb, Membru tal-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ, semma li għalkemm illum il-ġurnata sirna iktar konxji u hemm aktar aċċess għas-sottotitli fil-midja Maltija, għandu jkun hemm l-għażla li wieħed jibdel id-daqs u l-kulur ta' dawn is-sottotitli biex isiru aktar inklużivi, anke għal persuni li għandhom limitazzjoni viżwali.

Qal ukoll li, fl-imgħoddi, in-nies neqsin mis-smigħ ma kellhomx daqstant aċċess għal edukazzjoni formali tajba bħall-bqija tal-pubbliku ġenerali, u għaldaqstant parti minn din il-komunità jista' jkun li ssib diffikultà biex taqra s-sottotitli.



Għalhekk jaf m'hemmx soluzzjoni waħda li tista' taqdi lil kulħadd. Qal ukoll li l-persuni neqsin mis-smigħ, li huma l-udjenza fil-mira ta' dan il-proġett, għandhom jiġu inklużi fid-diskussjonijiet dwar kif dan il-kontenut għandu jsir aktar aċċessibbli u inklużiv fil-futur.




## L-inklużività tal-komunità queer

F'Marzu 2023, il-Gvern ta' Malta ħareġ dizzjunarju queer[7] li jispjega terminoloġija mill-qasam tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali.

Dan id-dizzjunarju, li ħareġ bil-Malti u bl-Ingliż, jgħin lill-qarrejja jesprimu lilhom infushom u jidentifikaw lill-oħrajn b'terminoloġija korretta. It-termini u d-definizzjonijiet jinkludu entrati bħal *ċisġeneru*, *demisesswali*, *ġeneru fluwidu*, *pansesswali* u *pomosesswali*.

## Konklużjoni

B'mod ġenerali, hemm żieda gradwali fl-għarfien dwar l-inklużività fl-ilsien Malti. Diversi organizzazzjonijiet qed joħorġu linji gwida dwar il-lingwaġġ inklużiv u aċċessibbli. Madanakollu, dawn għadhom mhux qed jiġu implimentati biżżejjed.

Dak li qed jiġi propost fit-teorija mhux qed jitwettaq biżżejjed fil-prattika. Is-setturi tal-midja u tal-ġurnaliżmu, li huma influwenzaturi kbar fil-pajjiż, għandhom isaħħu l-impenn tagħhom jekk irridu li jiżdied l-użu tal-lingwaġġ inklużiv. Għandhom isiru aktar diskussjonijiet mal-komunitajiet affettwati. L-għodod hemm qegħdin, iżda għad irridu nitgħallmu nużawhom aħjar.

## NOTI TA' TMIEM L-ARTIKLU

1. https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/187105/GNL_Guidelines_MT-original.pdf.
2. https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/cef4a4cd-91cb-11eb-b85c-01aa75ed71a1/.
3. https://legislation.mt/eli/cap/249/20170901/mlt.
4. https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2023/06/reklamar_inklussiv.pdf.
5. https://www.europarl.europa.eu/cmsdata/187105/GNL_Guidelines_MT-original.pdf, il-paġna 16.
6. https://www.localiseinmalta.com/guidelines.
7. https://humanrights.gov.mt/en/Pages/LGBTIQ%20equality/Publications.aspx.

*Victor Bonanno hu traduttur tal-Parlament Ewropew fil-Lussemburgu*

# Wirja permanenti dwar



L-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, il-Lussemburgu u n-NATO Clint Tanti u d-Direttur ta' LING 2, Katelijn Serlet
ritratt: Dan Marasescu



Ir-Rappreżentanta Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, l-Ambaxxatriċi Marlene Bonnici flimkien mal-uffiċjal Duncan Borg mir-Rappreżentanza Permanenti
ritratt: Dan Marasescu

Parti mill-wirja *Il-Malti: Il-Mixja sal-Għarfien Uffiċjali*, li ttellgħet f'Malta fl-2023, issa tinsab esebita b'mod permanenti fil-binja LEX fi Brussell, fejn hemm miġburin l-unitajiet kollha tat-traduzzjoni tal-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

F'Malta, il-wirja kienet ittellgħet bejn il-21 ta' Frar u t-30 ta' April 2023 fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u kienet il-frott ta' kollaborazzjoni bejn Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti.

Permezz ta' dokumenti, kotba u tabelli bit-tagħrif, il-wirja f'Malta kopriet l-istorja tal-ilsien Malti mill-għeruq Semitiċi tiegħu tul iż-żminijiet sakemm fl-1964 ġie ddikjarat l-ilsien nazzjonali ta' Malta u fl-2004 beda jitqies wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Wara s-suċċess tal-wirja f'Malta, fuq inizjattiva tal-Unità tal-lingwa Maltija fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ġie deċiż li kopji tat-tabelli bit-tagħrif li kienu parti mill-wirja f'Malta jitqiegħdu għall-wiri b'mod permanenti fi Brussell, kif fil-fatt sar bl-għajnuna ta' Heritage Malta.

L-organizzazzjoni tal-wirja fi Brussell saret mill-Unità tal-lingwa Maltija, bħala parti mill-attivitajiet li ttellgħu mis-servizz tat-traduzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (LING) fl-okkażjoni tax-xahar iddedikat għall-multilingwiżmu, qasam mill-aktar importanti għalina t-tradutturi.



Għall-ftuħ ta' din il-wirja nhar il-15 ta' Settembru 2023 attendiet fost l-oħrajn ir-Rappreżentanta Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, l-Ambaxxatriċi Marlene Bonnici, kif ukoll l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, Clint Tanti, li għamlu diskorsi tal-okkażjoni.

Dawk preżenti ġew indirizzati wkoll mill-Kap tal-Unità tal-lingwa Maltija, Monika Barabasz-Lopes, u minn waħda mid-Diretturi tas-Servizz tat-Traduzzjoni, Katelijn Serlet.

L-akbar sfida tagħna hi li ngħaddu dan il-wirt lill-ġenerazzjonijiet futuri tagħna bħala wirt ħaj li bih inkomplu nagħrfu lilna nfusna.

# Il-ilsien Malti fi Brussell

jikteb Alex Grima
traduttur tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi Brussell

Għal dan il-għan ġiet organizzata żjara għall-istudenti Maltin li jattendu l-Iskola Ewropea fi Brussell. Matul din iż-żjara, l-istudenti setgħu jkomplu jkattru l-għarfien li għandhom dwar il-lingwa Maltija tul attivitajiet marbuta mal-wirja. Nittamaw li intom ukoll titħajru żżuruha.



Il-Kap tal-Unità tal-Malti fil-Kunsill tal-UE Monika Barabasz-Lopes titkellem mal-Ambaxxatriċi Marlene Bonnici
ritratt: Dan Marasescu




Is-Sinjura Monika Barabasz-Lopes waqt id-diskors tal-ftuħ tal-wirja fi Brussell
ritratt: Dan Marasescu




Id-Direttur ta' LING 1 Goska Stecko
ritratt: Dan Marasescu

# It-terminoloġija u l-mekkanizmi tagħna għall-iżvilupp tal-lingwa Maltija

Andrew Sammut

*Flimkien ma' Jennifer DeBarro, Andrew Sammut hu terminologu tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu*

L-iżvilupp tat-terminoloġija hu aspett kruċjali fil-komunikazzjoni effettiva u preċiża, speċjalment fil-kuntest multilingwi tal-komunikazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

It-terminoloġija tiffaċilita l-fehim u l-interpretazzjoni korretta tat-testi u tad-diskorsi uffiċjali. Dan hu vitali b'mod partikolari meta wieħed iqis in-natura vinkolanti tal-liġijiet tal-UE u l-ħtieġa għal komunikazzjoni ċara u, fis-sustanza, identika fil-lingwi kollha tal-UE.

Għal din ir-raġuni, id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea jagħti importanza kbira lit-terminoloġija, tant li mill-2012 'l hawn alloka żewġ terminologi full-time f'kull Dipartiment tal-lingwa.

L-argument huwa li investiment serju fir-riċerka u fid-dokumentazzjoni tat-termini, apparti l-lat kwalitattiv u ta' standardizzazzjoni, jissarraf fi ffrankar konsiderevoli tar-riżorsi.

Fil-kuntest partikolari tagħna, ix-xogħol tat-terminoloġija hu parti integrali mill-proċess tat-traduzzjoni għax ifittex li jaqleb ċerti kunċetti kumplessi, li diġà huma rrappreżentati fil-lingwa sors, għal ekwivalenti fi lsien li s'issa qajla kellu għalfejn iħabbel moħħu kif se jaqbad jirreferi għalihom.

Dawn l-ideat aktarx ikunu kompletament ġodda, jew f'oqsma li l-Malti mhuwiex imdorri jaħseb dwarhom bi lsien pajjiżu.




### X'jiġri fil-prattika?

Meta fl-oriġinal it-traduttur isib terminu li ma jkunx familjari miegħu, l-ewwel ma jagħmel idur fuq l-għodod ewlenin disponibbli — tipikament il-IATE, il-EUR-Lex u l-memorji tat-traduzzjoni — biex jara jekk dak it-terminu kienx diġà ġie stabbilit (fl-istess kuntest). Jekk dawn it-tfittxijiet ma jagħtux il-frott, it-traduttur idur fuq id-dizzjunarji u l-glossarji li jintużaw fid-Dipartiment tal-Malti. U jekk lanqas dawn ma jipprovdu tweġiba, it-traduttur jinvolvi lit-terminologi.

It-terminologu inkarigat qabelxejn jidentifika l-kunċett, jiġifieri jifhem sew l-idea li jkun qed jirrappreżenta dak it-terminu fil-lingwa sors. Meta jiżgura li m'hemm l-ebda terminu ekwivalenti ddokumentat għalih fil-Malti, it-terminologu jara jekk hemmx xi espert fis-suġġett li jista' jassistih. Madanakollu, fir-realtà, l-esperti fl-oqsma tekniċi, li huma wkoll imdorrija jaħdmu bil-Malti, tgħoddhom fuq subgħajk u għalhekk ħafna drabi qajla nsibu tweġibiet sodisfaċenti fil-ftit ħin li jkollna allokat għat-traduzzjoni. Sikwit, ir-responsabbiltà taqa' fuq spallejn it-terminologi biex isibu soluzzjoni fi żmien qasir — waħda li fi lsienna ma tkunx dehret qabel.

Meta bil-Malti ma tkun teżisti l-ebda alternattiva, it-terminologi jħaddmu diversi mekkaniżmi biex jirriflettu l-kunċett li l-awtur kellu f'moħħu hu u jfassal it-test oriġinali b'lingwa oħra.

**1. Il-kompożizzjoni (compounding)**

Din it-teknika tinvolvi l-kombinament ta' żewġ kelmiet eżistenti jew aktar biex jinħoloq terminu ġdid (kompost jew bi prepożizzjoni). Kull element individwali jikkontribwixxi għat-tifsir tat-terminu kompost, biex tinkiseb tifsira aktar speċifika. Eż: *parteċipazzjoni taċita*, *rata tar-ritorn tal-batteriji*, *livell tal-konformità fil-mira*, *kejl tar-riskju/i*.

**2. Id-derivazzjoni**

Dan il-mekkaniżmu jinvolvi l-użu tal-affissi (ħafna drabi prefissi jew suffissi) biex jinħoloq kliem ġdid minn bażijiet eżistenti. Eżempju ta' dan hu l-kelma *informatika* li, jekk mhix missellfa sħiħa, tissawwar bis-suffiss **-atika** li jindika qasam tax-xjenza jew tal-arti. L-affissi differenti jagħtu xejriet partikolari lit-tifsira taz-zokk, eż: *manipul*-**azzjoni**, **-attiv**, **-atur**, **-at/a/i** jew *oper*-**attiv**, **-atorju**, **-azzjonali**, **-atur**, **-at/a/i**.

Sikwit insibu termini oriġinali li biex naqilbuhom bil-Malti jkollna nżewġu d-derivazzjoni t'hawn fuq mal-kompożizzjoni li semmejt qabel biex insibu soluzzjoni eleganti li taqdina perfettament f'kuntesti tekniċi. Eż. *żejt semisintetiku*, *ilma superimkessaħ*, u *kampjunatur devjatur*.

**3. In-neoloġiżmi**

Dawn huma termini kompletament ġodda li noħolqu biex nissodisfaw bżonnijiet tekniċi jew lingwistiċi speċifiċi. Ngħidu aħna meta jkollna kliem bħal *internet* jew *software*, li ġew adottati madwar id-dinja kollha, in-neoloġiżmi fit-traduzzjoni jkollhom jiġu ttrattati b'ċerta kawtela. Dan għaliex jekk terminu jkun qed jintuża għall-ewwel darba f'test, mill-kuntest ta' dan it-test irid joħroġ ċar dak li jkun irid jgħid l-awtur.

Bħala eżempji nsemmi *flotta mistura* (għal *dark fleet*), *fenomenu tal-merħla* (għal *bandwagon effect*), *ikkalandrar* (għal *calendaring*), u *immaxinjar* (għal *machining*).

Id f'id man-neoloġiżmi hemm il-kwistjoni tal-frekwenza tal-użu u l-ħeffa tal-adozzjoni. Ħtieġa ġdida u urġenti, bħal meta tfeġġ sitwazzjoni dinjija ġdida (bħalma kienet il-COVID, xi kollass tas-swieq dinjin, żvilupp teknoloġiku rivoluzzjonarju), taf iżżid drastikament il-frekwenza tal-ħtieġa li jintuża terminu ġdid. U għalhekk repożitorju ċentrali bħall-IATE jista' jgħin biex soluzzjoni waħda tinfirex ħafna u malajr, u b'hekk taqbad fil-lingwa.

**4. It-twessigħ jew it-tidjiq semantiku**

Dan il-metodu jinvolvi l-estensjoni tal-firxa semantika ta' kelma eżistenti biex tkopri kunċetti ġodda. Eż. *mobile* oriġinarjament kienet tirreferi għal xi ħaġa li tista' tiċċaqlaq faċilment, iżda fil-Malti nużawha wkoll għal *telefown ċellulari*. Jew *qarquċa*, li mdorrijin nużawha fl-anatomija, iżda aħna nużawha wkoll fil-kuntest tal-lamelli tax-shutters. Eżempju ieħor riċenti hu *bokka tal-USB* għal USB-port. Min-naħa l-oħra, kultant ikollna ndejqu s-sinifikat fejn s-sens jeżiġi distinzjoni, eż: *sigurtà* nużawha għal *security*, u għal *safety* nużaw *sikurezza*.

**5. Il-kalk**

Dan jinvolvi l-adozzjoni ta' element lingwistiku minn lingwa għal oħra, bħal pereżempju l-kelma *ħelikopter* li hija kalk dirett mill-Ingliż *helicopter*. Il-Malti għandu l-vantaġġ (jew is-salib?) li kemm-il darba jkun jista' jdur fuq aktar minn lingwa sors waħda. F'dan il-każ partikolari, teżisti l-possibbiltà li noħolqu t-terminu *elikotteru* mir-Rumanz. Min-naħa l-oħra, tajjeb ngħidu li dawn it-tipi ta' soluzzjonijiet kultant idarrsu għax huma "l-eħfef soluzzjoni" għat-traduttur. Faċli nduru għall-kalk, sew jekk nadattaw it-terminu oriġinali biex jieħu laqta Maltija bħal *kaxxa tal-għodda regolatorja* għal *regulatory toolbox*, kif ukoll jekk niktbuh kif inhu, bl-ortografija tal-lingwa oriġinali, eż. *dumper*. Tajjeb inżommu f'moħħna li soluzzjoni faċli mhux dejjem tkun l-aħjar waħda. Min-naħa l-oħra, soluzzjoni faċli, sempliċiment għax hija faċli, mhux bilfors tfisser li għandha titwarrab.

Dan jorbot mal-isfida ewlenija tal-aċċettazzjoni u l-użu mifrux ta' termini ġodda fost il-professjonisti tat-traduzzjoni, u mbagħad fost il-pubbliku. Din l-aċċettazzjoni jaf tkun diffiċli f'komunità bilingwi bħal tagħna, b'żewġ influwenzi jew iżjed jikkompetu ma' xulxin għal pożizzjoni aktar prominenti fuq il-palk tal-lingwa. Id-dokumenti li nittraduċu, tkun xi tkun l-importanza tagħhom, xi darba se jiskadu, u għalhekk huma sekondarji għall-għan fit-tul tal-iżvilupp tal-Malti.

Hija din l-akbar responsabbiltà tagħna: li nsibu bilanċ fid-deċiżjonijiet żgħar (jew kbar) li nieħdu f'xogħolna, fil-kliem li ndaħħlu fit-traduzzjonijiet u fil-proġetti terminoloġiċi, u li ninsġuhom flimkien b'mod eleganti u li jinftiehem. Hija r-responsabbiltà tagħna wkoll li nsibu soluzzjonijiet studjati, kreattivi, u li jirrispettaw ir-regoli tal-lingwa ħalli lsienna jissaħħaħ u jistagħna.



# l-aċċent

## Mark Amaira jintervista lil

# Mark Vella

Mark Vella ħadem għal 18-il sena mad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bħala traduttur u terminologu u mbagħad bħala kap tal-unità fil-Lussemburgu, u sekondat bħala Uffiċjal tal-Lingwa f'Malta. Bħalissa jmexxi l-komunikazzjoni fir-Rappreżentazna tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta f'isem id-Direttorat Ġenerali tal-Komunikazzjoni. Mark Vella hu awtur, traduttur u riċerkatur letterarju. Minbarra għadd ta' studji u kitbiet kritiċi kif ukoll reċensjonijiet fil-gazzetti, Vella ppubblika r-rumanz *X'Seta' Ġralu lil Kevin Cacciattolo?* (Merlin, 2014) u ġabar in-novelli mhux ippubblikati ta' Juann Mamo fi *Ġrajja Maltija* (KKM, 2010). Ittraduċa kotba għat-tfal mill-Franċiż għall-Malti, u tliet kotba oħra mit-Taljan: *L-Aħħar Sajf ta' Berlin* (Merlin 2020), *Mur Ġibek...* (Horizons, 2022), rebbieħ tal-kategorija tat-traduzzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2024, u *Fjura tas-Sabbara, Fjura tax-Xadina* (KKM, 2023).


Mark Vella

Sakemm daħal fil-kamra l-oħra jġibli tazza ilma kiesħa, intfajt għarqan xraba fuq pultruna fl-istudju mdaqqas kollu kotba tal-awtur Mark Vella, kollega tiegħi fil-Kummissjoni Ewropea, bit-tir li nieqfu nitħaddtu fuq mitt suġġett u niffokaw fuq il-ftit mistoqsijiet li ħejjejt għal din l-intervista ta' *l-aċċent*. Lanqas ilħaqt ftaħt il-laptop biex insib il-mistoqsijiet li ma nismax il-vuċi ħoxna u soda tiegħu dieħla fil-kamra u narah riesaq lejja b'żewġ tazzi ilma sax-xifer.

"Int diġà bdejt tirrekordja?" staqsieni fil-pront malli lemaħ il-mikrofonu ppreparat. "Le, imma xħin tgħidli nistgħu nibdew hux," għedtlu. U għalhekk inxteħet bilqiegħda ħdejja fuq is-sufan u jien bil-buttuna tar-recording taħt subgħajja minnufih staqsejtu...

**Biex nibdew minn fejn tlaqt, imnejn bdiet in-namra u l-passjoni tiegħek għal-lingwa Maltija, il-letteratura, il-kotba u l-arti inġenerali?**

Ara jien naħseb li l-bidu nett tiegħi mal-Malti kien meta kont is-sekondarja u għall-matrikola ta' dak iż-żmien konna qed nistudjaw lil *Leli ta' Ħaż-Żgħir*.

L-awtur tiegħu, Ġużè Ellul Mercer inzerta z-ziju ta' missieri, u apparti minn hekk kellna wkoll il-poeżiji ta' Ružar Briffa, u nista' ngħid li bis-saħħa tiegħu nnamrajt mal-letteratura. Biex tkompli tiżdied id-doża, f'dawk is-snin kien jgħallimna Mario Seracino Inglott, in-neputi ta' Erin Seracino Inglott.

Imma n-namra tiegħi mal-Malti kellha tieqaf ħesrem meta bdejt naħseb għall-karriera tiegħi – dak iż-żmien kienu diġà jisħqu ħafna fuq is-suġġetti tax-xjenza u tal-ekonomija – u jien kont għażilt ix-xjenzi minkejja l-pariri differenti tal-guidance teacher. U insomma, għamilt sentejn nistudja x-xjenzi, mort ħażin u mal-ewwel ċans li kelli wara dawk is-sentejn ta' falliment fis-Sixth Form waqaft sena biex nistinka ħalli nġib l-A level tal-Malti waħdi.

Bis-saħħa ta' dik is-sena rnexxieli nidħol l-Università, u hemm infetħuli l-bibien beraħ għall-ideat tal-arti, tal-kultura u l-bqija, li mbagħad kellhom jiffurmaw il-bqija tal-ħajja professjonali tiegħi.

**Din ma kinitx ippjanata, imma la qed issemmi lil Ružar Briffa, u l-poeżija tiegħu laqtet ħafna lili wkoll fiż-żgħożija tiegħi, irrid insaqsik x'elementi partikolari għandha l-poeżija ta' Briffa li setgħu jolqtuk jew jinfluwenzawk daqshekk?**

Aħna kemm-il darba nitkellmu fuq il-letteratura minn perspettiva kummerċjali – jien kont pubblikatur ukoll – bħala dik li tmiss il-polz tal-poplu, li tkun rilevanti għas-soċjetà jew għaż-żgħażagħ pereżempju.

Issa Ružar Briffa kien ħaġa antika, ħaġa ta' ġenerazzjoni 'l bogħod minn tagħna, imma l-appell tiegħu hu xorta waħda universali. Jiġifieri dak ir-romantiċiżmu li mhuwiex tipiku, qisu postromantiċiżmu, daqsxejn intimista, krepuskolari li għandu appell dejjiemi għar-ruħ żagħżugħa. Taf inti, eżempju jitkellem ħafna fuq l-imħabba u għandu mod partikolari kif iħaddem l-ekonomija tal-kliem... u ħafna elementi oħrajn li jagħmluh kittieb differenti mis-soltu, u hekk jibqa'.

**Mark, semmejtli li kont pubblikatur, xi tgħidli dwar dak il-perjodu?**

Malli ksibt il-libertà biex nistudja l-istudji umanistiċi u soċjali... jien kont u għadni nħobb il-kultura Taljana li rnexxieli naċċessaha mit-televixin, b'mod partikolari mir-RAI3. U dak kien żmien kbir għal dak l-istazzjon bi programmi alternattivi u innovattivi. U matul dik is-sena li studjajt il-Malti waħdi, kont insib il-ħin biex nara t-televixin fil-ħinijiet inqas popolari u dawk il-programmi laqqgħuni ma' temi varji, fosthom fuq il-films, it-teatru, il-letteratura u bdejt nieħu idea tal-panorama letterarja kulturali. Eventwalment sifirt bosta drabi lejn l-Italja u bdejt nosserva kif kienu jintwerew il-kotba fil-ħwienet u kif taħdem l-industrija editorjali Taljana inġenerali, u ġejt lura Malta ispirat biex noħloq xi ħaġa simili.

Għall-ewwel kont sibt kumpanija Taljana li konna nikkollaboraw flimkien biex nippreżentaw xi kotba lill-iskejjel, fosthom dawk li jgħallmu l-lingwi lill-barranin. Imbagħad meta gradwajt, lejn l-aħħar tad-disgħinijiet, kont bdejt insib awturi Maltin biex nippubblika xogħlijiet oriġinali. Bi prominenza skoprejt u ħdimt ma' Ġużè Stagno bħala awtur ġdid bil-ktieb pereżempju *Nbid ta' Kuljum*; kien l-ewwel xogħol letterarju li ppubblikajt. Illum il-ġurnata nħares lura u nħossni kuntent li kien irnexxielna nibdew xi ħaġa ġdida, bdejna polemika u idjoma ġdida, u fil-fehma tiegħi bosta kitbiet ġodda li ġew wara kienu b'riħ dak l-iżvilupp.

Allura nista' nsemmi ħidmet il-Minima, ix-xogħol ta' Stagno, imbagħad il-pubblikazzjonijiet ta' Immanuel Mifsud. Billi sa dak iż-żmien Mifsud kien jippubblika l-kotba tiegħu hu stess, jien tista' tgħid kont l-ewwel pubblikatur ta' Mifsud b'*L-Istejjer Strambi ta' Sarah Sue Sammut*. U llum għandi l-pjaċir li kont parti minn dak il-proġett.

**Inti kont ukoll traduttur u eventwalment mexxejt tim tat-tradutturi għal bosta snin f'istituzzjoni Ewropea. Dik l-esperjenza kif saħħet il-karriera tiegħek, u x'bidliet u titjib rajt f'dan il-qasam tul dawk is-snin?**

Nista' ngħid li l-karriera tiegħi rat l-iżvilupp tat-traduzzjoni mill-angoli kollha. Bdejt bħala traduttur, imbagħad sirt kap tal-unità, imbagħad imxejt laġenba għal uffiċjal tal-lingwa fir-Rappreżentanza f'Malta. Bħala kap tal-unità ħaddimt bosta prinċipji ta' tmexxija u adattajthom għall-ambitu tal-Kummissjoni. Iżda għalija kienet ukoll skola li għallmitni prinċipji oħrajn li stajt napplikahom biex immexxi grupp ta' tletin persuna u fuqhom, u niżgura li l-unità tibqa' għaddejja b'xogħolha skont l-aspettattivi tal-amministrattiv tal-Kummissjoni.

Fl-ewwel snin kellna nibdew mix-xejn. Ma kellniex riżorsi tat-traduzzjoni għax sa dak iż-żmien il-Malti ma kienx jinqaleb f'dak il-livell; u f'daqqa waħda kellna nadattaw biex nittraduċu ċertu volum ta' xogħol tekniku, politiku u legali. Din kienet is-sitwazzjoni wkoll fid-dipartimenti tal-lingwi l-ġodda l-oħra, u allura ma kinitx għadma iebsa biss għall-Maltin.

Sakemm imbagħad, matul l-għoxrin sena tat-traduzzjoni, irnexxielna nibnu strutturi li saħansitra jinfluwenzaw ix-xogħol tal-Gvern Malti, fosthom il-website traduzzjoni.mt li hi msejsa għalkollox fuq l-eTranslation tal-Kummissjoni Ewropea u fuq ix-xogħol tat-tradutturi tal-Kummissjoni. Għandna għodod bħall-IATE mibnija mit-terminologi, għandna l-Masters fit-traduzzjoni tal-Università ta' Malta li saret parti mill-European Masters in Translation, u dħalna f'sistema li qed tagħmel il-ġid lill-Malti għax għandha r-riżorsi kollha li għandhom il-bqija tal-lingwi uffiċjali Ewropej.



L-uniku diżappunt li għandi fil-ħidma tiegħi fit-traduzzjoni għall-Malti hu li l-kisbiet kollha li għamilna bħala servizzi lingwistiċi f'istituzzjonijiet differenti ma rnexxilniex insarrfuhom f'xi ħaġa ekwivalenti f'Malta.

Dan ifisser li qisu f'Malta dawn l-iżviluppi ma ġrawx. U għalhekk ċentru tal-Malti f'Malta jista' jaqdef b'ritmu mgħaġġel 'il quddiem jekk jieħu u jitgħallem mill-esperjenza tagħna u fi ftit żmien jista' jibni l-istrutturi li hemm bżonn.

Hija ironika li l-progress li għadda minnu l-Malti fil-Lussemburgu u fi Brussell qajla jseħħ f'Malta. Din l-esperjenza tagħna ta' għoxrin sena u fuqhom fit-traduzzjoni, u kif irnexxielna nibnu sistema b'diversi saffi li qatt ma konna noħolmuha għall-Malti, hija sistema li nistgħu nesportaw minn hawn u nimportaw f'Malta għax għandha ċ-ċavetta biex isiru l-affarijiet li jeħtieġ jitwettqu f'Malta, inkluż fejn jidħlu t-teknoloġija u l-għarfien tekniku.

Mark Vella waqt waħda mit-taħditiet tiegħu fir-rwol tiegħu mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea, il-Belt Valletta

**Nixtieq insaqsik fuq it-traduzzjoni tal-letteratura, imma qabelxejn nixtieq insir naf ftit dwar uħud mill-perspettivi tiegħek fuq il-letteratura Maltija...**

Ara, kien hemm żmien, anzi, għad hawn żmien, li l-kittieba Maltin jiġu promossi barra minn Malta, jew li jirbħu l-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea, li llum sar iżjed ristrett. Qisu hemm din il-ħtieġa li nesportaw ix-xogħol tal-awturi Maltin barra minn xtutna, u allura hemm ħafna kitbiet li qed jinqalbu għal lingwi oħrajn. U għalhekk qisni nistaqsi, imma hi f'lokha li aħna niktbu biex nissodisfaw lill-qarrej barrani? Jew għandna minflok, nikkonċentraw biex niktbu b'sinċerità u b'onestà dwarna? U allura qegħdin verament niktbu fuqna nfusna jew medhijin naraw kif se mmexxuha lil hinn u kif l-awturi tagħna jistgħu jiksbu fama barra minn Malta? Fil-fehma tiegħi, iva, fiċ-ċokon tagħha, ix-xena letterarja Maltija hija varjata immens: hemm kitbiet tal-pubblikazzjoni u kittieba stabbiliti, imma mbagħad hemm ukoll ir-realtà, bħalma hija l-*Aphroconfuso*, pereżempju, immexxija minn Loranne Vella li tipproduċi kontinwament kitba minn kittieba ġodda, u eventwalment se tippubblika hi wkoll. Jiġifieri fir-realtà jeżisti ċertu ferment... mhux ferment movimentistiku jiġifieri mhix xi għaqda letterarja bi statut, imma ferment ta' nies li qed jiktbu.




Għax tinsiex, u dan mhux fil-letteratura bil-Malti biss... l-internet għamel differenza kbira f'ħafna affarijiet f'Malta, u għad xi darba jkollna l-opportunità nitkellmu dwar dan b'mod aktar strutturat, imma fil-qosor irrid ngħid li ċerta libertà tal-ħsieb u ċertu ftuħ biex dak li jkun jagħmel affarijiet differenti, saru possibbli minħabba l-libertà li joffri l-internet: realtà li f'żgħożiti ma kienx hemm. U allura jekk ma stajtx tesprimi ruħek, tibqa' ma tesprimix ruħek għax id-dinja kienet mod ieħor.

**Apparti l-ħafna kitbiet tiegħek 'l hemm u 'l hawn, għandek il-pubblikazzjoni ewlenija *X'seta' ġralu lil Kevin Cacciattolo*. Kif tiddeskrivi lil dana Kevin f'kelma waħda?**

Niddeskrivih bħala il-mhux mifhum, jew il-mifhum ħażin.

**U x'rabtiet tara bejnu u l-awtur?**

"Uuuu hemm ħafna," qalli b'dik it-tbissima ta' ftit mistħija. U żied jgħidli...

Hemm ħafna ġrajjiet li ħadthom direttament mit-tfulija u ż-żgħożija tiegħi u ħadt gost nilgħab bihom: uħud minnhom irrakkontajthom kif ġraw, filwaqt li oħrajn użajthom bħala bażi biex ngħid xi ħaġa oħra. Hemm oħrajn mill-fantasija tiegħi imma li huma msejsin fuq realtajiet u persuni veri, tant li hemm min qrah u għaraf lil ċerti persuni u ċerti postijiet. *Cacciattolo* hu rumanz Slimiż-Gżirjan, pereżempju, u min kiber fil-viċinanzi għaraf ċerti postijiet. Fi ftit kliem huwa jien... Huwa jien... u jista' jkun li hu dak ir-rumanz tipiku li jkun semi-awtobijografiku.

**Jiġifieri tarah bħala qrara? U għalfejn mhux mifhum?**

Iva bħala qrara u riżoluzzjoni, sa ċertu punt, tal-ewwel parti ta' ħajti. Narah ukoll bħala fejqan, bħala espjazzjoni. Naħseb ukoll – qed tgħaddili minn moħħi bħalissa din – il-fatt li toqgħod tilgħab bit-tifkiriet tiegħek, flok toqgħod tixtarrhom u thewden, u tagħtihom sura differenti fi storja li bilkemm naf kif ġietni f'moħħi, naħseb iva, hemm element terapewtiku u ta' fejqan.

Staqsejtni dwar il-"mhux mifhum". Ara l-ewwel nett naħseb hu t-tip ta' ktieb li jew jogħġbok ħafna jew ma jogħġbok xejn, almenu hekk ħassejt mir-reazzjonijiet tal-qarrejja. Iddispjaċini imma li fil-Premju tal-Ktieb ma kienx ġie mal-finalisti, u hemmhekk donni nistaqsi jekk bħala ktieb inftihemx.
OK, bħala rumanz għandu difetti, u kieku kelli nerġa' niktbu llum jaf niktbu xi ftit differenti... ftit imma! U lanqas ma jien qed inqabbel lili nnifsi mal-awturi l-kbar mhux mifhuma. Imma donni nikkonsla li min għoġbu, għoġbu verament.

**Kemm tikkritika lilek innifsek fix-xogħol li tagħmel, mit-traduzzjoni sal-kitba?**

Għal hekk ma tantx nikteb u m'għadnix nippubblika għax jien kritiku ħafna tiegħi nnifsi. Intfajt ħafna fuq l-akkademiku u fuq ir-riċerka dan l-aħħar, u qed inkompli naħdem biex navvanza fl-istudji tiegħi tal-letteratura. Imma xorta għadni entużjast għall-kitba.

**U footnote, il-kitba tiegħek taraha kerha wara ż-żmien?** "Le, iva, naraha kerha u..." qalli fil-pront, "Aħna li mdorrijin bit-track changes, ma niddejjaq xejn noqgħod nirrevedi, naqta' u nikkritika lili nnifsi meta nerġa' naqra xogħli wara s-snin."

**Ee u ridt insaqsik, hemm medjokrità fil-kitba bil-Malti jew fil-letteratura? Jew qiegħda f'ħalqna wisq din il-kelma?**

Il-medjokrità tista' teżisti f'kull qasam tal-ħajja għax hija attitudni. Imma jiena jidhirli li l-kelma "medjokrità", forsi minħabba l-vjaġġ akkademiku tiegħi, f'ċerti żminijiet sfortunament saret qisha l-catch-all-phrase biex wieħed jgħid li x-xogħol mhuwiex tajjeb, meta hemm ċerti prodotti kulturali li mhux lakemm tiskontahom bħala medjokri u daqshekk. Jien aktar tinkwetani l-medjokrità ta' xi ħadd li suppost mhux medjokri, milli ta' kittieb mingħajr pretensjonijiet.

Hemm awturi naïve li minkejja li jiktbu għall-konsum popolari, il-kitba tagħhom turi insights eċċellenti fuq is-soċjetà tagħna li ċerti awturi stabbiliti joħolmu ħafna li jkollhom. Għandhom aktar polz fuq xi jmexxi s-soċjetà, u anki bħala teknika... il-plott kemm-il darba jkun aktar avvinċenti minn tal-istabbiliti. U allura mhux lakemm tgħid "medjokri" sempliċiment għax tkun letteratura popolari u għall-konsum, jew li għandna nwarrbuha. Jien ma naħdimx biss fuq idea sempliċiment estetika, u fuq l-universalità tal-awturi, imma nipprova nitkellem ukoll fuq kif il-kitba għandha din ir-rabta mal-aspett soċjali u mal-proċess kulturali.




**La qed nitkellmu fuq it-traduzzjoni u l-letteratura, irrid insaqsik fuq iż-żewġ kotba li traduċejt inti mit-Taljan, tal-awtriċi Irene Chias. Wieħed jismu *Fjura tas-Sabbara, Fjura tax-Xadina* u l-ieħor *Mur Ġibek*, li rebbħek il-premju prestiġġjuż tal-letteratura. Xi tgħidli fuq l-esperjenza tat-traduzzjoni ta' biċċa letteratura femminista, u fuq l-iżvolti f'*Mur Ġibek*?**

Qabel nitħaddet dwar dawn iż-żewġ traduzzjonijiet irrid nirringrazzja lill-Fond Malti tal-Ktieb għall-għajnuna li tawni biex ippubblikajt dawn iż-żewġ kotba. L-awtriċi Irene Chias inzertat il-mara tiegħi u allura dak kien vantaġġ matul iż-żewġ traduzzjonijiet. Li għandhom komuni bejniethom hu l-angolu femminista daqskemm politiku tal-ġrajja, angolu tant karatteristiku tal-kitba ta' Irene. Din hija ħaġa daqsxejn ġdida fix-xenarju letterarju bil-Malti, u allura din kienet diġà l-ewwel sfida għalija.

*Fjura tas-Sabbara, Fjura tax-Xadina* għandu reġistru kważi romantiku, xi ftit jew wisq tradizzjonali, u reġistru ultraxjentifiku għax dan il-ktieb hu parodija tar-rumanzi maħruġin apposta mill-editorija Taljana biex jissodisfaw (suppost) il-gosti tan-nisa. Imbagħad fil-każ tal-ktieb *Mur Ġibek...*, l-isfida kienet akbar għax iħaddem aktar reġistri differenti, mill-ġinekoloġija sa ċerti kitbiet tax-xjenza, sa kwotazzjonijiet letterarji diversi. Jiġifieri t-tnejn li huma ħabbtuni b'reġistri differenti, imma lili niżluli għasel għax kont naf li huma sfida li tista' tingħeleb. Il-Malti mħaddem tajjeb fit-traduzzjoni, sew fl-idjoma li jagħżel it-traduttur u sew fis-soluzzjonijiet li kapaċi jsib, juru li l-Malti għandu l-potenzjali daqs kull lingwa oħra, u allura verament nistgħu nittraduċu kollox.




Biex inwaħħadha daqsxejn max-xogħol li kont nagħmel bħala traduttur, bħalma konna nsibu rkaptu għal kollox, anki għal suġġetti li qatt ma mess magħhom il-Malti, hekk ukoll fil-letteratura, traduttur tas-sengħa jista' jaqleb realitajiet li huma għalkollox differenti minn tagħna, u li ma għexnihomx biżżejjed, u xorta waħda joħroġ prodott bil-Malti li jrieġi daqs l-oriġinal.

**U finalment irrid insaqsik fuq it-traduzzjoni tad-drammi, Mark. Jien wasalli għal widnejja li qed tittraduċi xogħol għall-palk... xi tgħidli dwar dan?**

Ma tantx jien persuna tat-teatru, nistqarr miegħek, imma iva, ingħatajt l-inkarigu minn Spazju Kreattiv – sfida ġdida li ħtaftha – biex nittraduċi biċċa xogħol teatrali tal-awtur Joe White li jisimha *Blackout Songs* u li rebħet l-Olivier Awards fl-2023. Traduċejtha, u issa bdew l-awdizzjonijiet. L-atturi huma tnejn, u jintagħżel min jintagħżel, kollox jidher li se jkunu tnejn mill-aqwa atturi li għandna f'Malta. U allura għalkemm m'iniex involut fl-għażla tal-atturi, kelli l-privileġġ, pereżempju, nara tliet atturi nisa li lkoll bdew jagħtu interpretazzjoni differenti ta' dan it-test. Din l-esperjenza tat-teatru hija sabiħa, ma kontx naf li hija sabiħa daqshekk, u verament ħerqan biex naraha maħduma, interpretata, interpretata mill-ġdid, modifikata... bħal xi ħaġa ħajja fil-prattika. U għalhekk qabel intemmu din l-intervista nixtieq inħeġġeġ lill-qarrejja ta' *l-aċċent* biex ank'huma jiġu jarawha.



# l-aċċent

## Patrick Sammut jintervista lil

# Alfred Palma

Alfred Palma twieled il-Furjana fit-8 ta' Settembru, 1939. Studja fl-iskola primarja ta' Ħaż-Żabbar u fil-Kulleġġ ta' De La Salle, il-Kottonera, fejn beda jikteb l-ewwel poeżiji tiegħu. Kien għalliem u impjegat maċ-ċivil (1957–1987). Fis-snin sittin kiteb bosta poeżiji u drammi għar-Rediffusion, u fl-1966 beda t-traduzzjoni tiegħu bil-Malti, sħiħa u rrimata, tad-*Divina Commedia* ta' Dante, li temm fl-1986. Fl-1994 beda jaħdem fuq it-traduzzjoni tad-drammi kollha ta' Shakespeare (inkluż *Is-Sunetti*). Palma kompla jikteb il-poeżiji, id-drammi u kotba fuq suġġetti varji u jaqleb għall-Malti xogħlijiet ta' awturi u poeti kbar bħal Oscar Wilde, Voltaire, D.H. Lawrence, u Thomas Mann. Kiteb bl-Ingliż diversi kotba soċjopsikoloġiċi, ippubblikati fl-Ingilterra, fl-Istati Uniti u l-Kanada. Rebaħ bosta konkorsi tal-poeżija f'Malta, fl-Ingilterra, fl-Italja u fl-Istati Uniti. Rebaħ ukoll għadd ta' konkorsi letterarji. Fl-2006 ġie onorat bil-Primo Cittadino dell'Anno mill-Comune di Villabate (Sicilia) għall-kontribut letterarju tiegħu, u fl-2008 bil-Lauro Dantesco mill-Comune ta' Ravenna, għat-traduzzjoni tiegħu bil-Malti tad-*Divina Commedia*. Fost unuri oħra li rċieva Palma hemm: Ġieħ Ħaż-Żabbar mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar (2000), Ġieħ ir-Repubblika (2009) u Cavaliere di Sicilia mis-Soċjetà Esperantista (2020). Fl-2021 ġiet stampata t-tieni edizzjoni tat-traduzzjoni tiegħu tad-*Divina Commedia*, bis-saħħa tas-Sur Richard Muscat, l-AZAD u l-Istituto Italiano di Cultura f'Malta. U b'digriet uffiċjali tal-President Taljan Dottor Sergio Mattarella, fit-2 ta' Diċembru 2021, Palma nħatar Cavaliere della Stella d'Italia.


Alfred Palma

Iltqajna ma' Alfred Palma f'għodwa mill-isbaħ biex ma' kikkra kafé u biċċtejn gallettini f'kafetterija għall-kwiet insaqsuh dwar il-karriera twila tiegħu fil-kitba ta' bosta xogħlijiet letterarji u dwar l-esperjenzi tiegħu fit-traduzzjoni għall-Malti.

Wara li tkellimna ġmielu ntbaħna li l-kafé bħal donnu kesaħ quddiemna, u allura waqafna nitħaddtu biex inbillu ftit ġriżmejna. Imbagħad malli skittna ħtaft iċ-ċans u bdejt nistaqsih...

**Allura Alfred imnejn ġiet eżattament din il-ħajra jew il-passjoni fik għat-traduzzjoni?**

"Il-ħajra jew il-passjoni jitwieldu ma' dak li jkun," qalli.
Sa mill-jiem bikrin tal-iskola, kull meta kont nieħu grazzja ma' xi poeżija jew kitba letterarja, kont inħoss kilba fija biex nara kif kienu jinħassu bil-Malti. U aktar ma bdejt nikber, aktar bdiet tikber il-kilba ġo fija.

**Imma minn fejn ġibt l-għarfien u l-ħakma tal-ilsna, kemm tal-Malti u anki tal-lingwi barranin bħall-Ingliż, it-Taljan u l-Franċiż?**

L-ilsna minn dejjem saħħruni, primarjament il-Malti. L-Ingliż, meta kont fil-primarja, bdejt ninnamra miegħu u ngħożżu; fis-sekondarja, it-Taljan u l-Franċiż fetħuli orizzonti ġodda ta' letteratura mondjali u nħkimt dejjem aktar mill-kilba biex indawwarhom fi lsieni.

**"Imma kemm jidhrilek li hi importanti llum it-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji barranin għall-Malti?"** staqsejtu fil-pront.

It-traduzzjoni hija arti, u hi dejjem importanti għax tiftaħ b'mod aktar wiesa' l-valur ta' xogħlijiet letterarji kbar; barra minn hekk, tgħin lil min ma jkunx jaf il-lingwa oriġinali biex jifhem u japprezza x-xogħol letterarju fi lsienu.

**Hemm għodda bħad-dizzjunarji tradizzjonali jew online li aħna t-tradutturi nużaw ħafna f'xogħolna. Liema huma l-għodda speċifiċi li spiss tirreferi għalihom meta tkun qed tittraduċi?**

Jien ili nittraduċi sa mis-snin 60, meta bdejt bit-traduzzjoni tad-*Divina Commedia* ta' Dante. Sakemm daħal il-kompjuter kont ninqeda primarjament b'dizzjunarji tajbin jew nirreferi għal traduzzjonijiet tax-xogħol inkwestjoni, biex nara kif tradutturi oħra jkunu fehmu jew interpretaw ix-xogħol oriġinali.

**Kemm jgħinek li titkellem ma' nies tas-sengħa differenti fil-kisba u l-għarfien ta' vokabularju dejjem usa'? Kemm hu importanti dan meta tiġi biex tittraduċi?**

Jgħinni ħafna, iżda fit-traduzzjoni hu importanti ħafna li l-vokabularju użat ikun jarmonizza mal-poeta jew mal-awtur, u ma' żmienu… Inkella kollox jisfa' inverosimili.

**Liema huma l-fażijiet differenti li tgħaddi minnhom meta tittraduċi xogħol partikolari? Ġieli ddiskutejt dwar dan ma' tradutturi jew ħbieb jew kittieba oħra waqt il-proċess tat-traduzzjoni ta' xogħol partikolari? Jew għalik it-traduzzjoni hija iktar xogħol individwali?**

Il-fażijiet tiegħi huma dejjem personali; insir inħobb xogħol letterarju, ikun xi jkun, u nagħmlu tiegħi, u nagħtih biss ħsibijieti u ħsusi. Ġieli ddiskutejt ma' oħrajn dwar ħidmieti, iżda jien dejjem kont żgur minni nnifsi u qatt ma bdejt xogħol qabel ma kont assolutament inħobbu u konvint minnu.

**Ġieli mort korsijiet li speċifikament jittrattaw il-qasam tat-traduzzjoni? Ġieli ġejt mistieden minn istituzzjonijiet edukattivi lokali biex titkellem dwar it-traduzzjoni bħala sengħa?**

Korsijiet qatt. Ġieli kont mistieden biex nitkellem dwar it-traduzzjonijiet tiegħi, l-aktar fuq diversi mezzi tax-xandir. U l-għan kien dejjem wieħed edukattiv.

**X'inhi għalik it-traduzzjoni: arti jew xjenza? Hemm min jgħid ukoll li t-test tradott fih innifsu hu test letterarju ġdid, differenti minn dak oriġinali. Xi tgħid dwar dan? U dan jintrabat mal-għajdut li "la traduzione è tradittrice"?**

Arti u xjenza. Iva, test tradott huwa test ġdid u ta' siwi. It-traduttur fidil u leali qatt ma jista' jissejjaħ "traditur".

**Fit-traduzzjonijiet għall-Malti li għamilt s'issa dejjem ittraduċejt direttament mil-lingwa oriġinali, jew kien hemm drabi meta ppreferejt tittraduċi minn traduzzjoni ta' xi ħaddieħor? Kemm huwa importanti li tittraduċi mil-lingwa oriġinali, mhux minn verżjoni diġà tradotta?**

Fejn jidħlu l-Ingliż, it-Taljan u l-Franċiż dejjem qlibt mill-oriġinali, b'tiftix f'dizzjunarji tajbin u tiftix ieħor sporadiku fi traduzzjonijiet oħrajn meta fit-test oriġinali jinbtu fija dubji f'dik li hija interpretazzjoni.

**Meta tittraduċi test letterarju għall-Malti tara qabel kif ġie tradott minn ħaddieħor? U meta tiddeċiedi liema test letterarju ħa taqleb għall-Malti, liema edizzjoni tal-oriġinal tuża, jew tirreferi għal iktar minn waħda?**

Qabel ma nittraduċi xogħol letterarju, dejjem naqra x-xogħol oriġinali b'reqqa kbira. Dan iħejjili t-triq personalment u, kif għidtlek, indur lejn traduzzjonijiet oħra biss meta jitqanqlu fija xi dubji, jew inħoss il-ħtieġa li niċċara jew nifhem aħjar xi elementi ambigwi jew dubjużi.

**X'tagħmel meta tiġi wiċċ imb wiċċ ma' kliem jew frażijiet "intraduċibbli"? Jeżistu dawn? U kemm hu importanti li jinżamm l-"ispirtu" oriġinali tax-xogħol li tkun se taqleb għall-Malti?**

Naturalment, frażijiet bħal dawn joħolquli ħafna diffikultajiet u jeħduli aktar ħin. Iżda dejjem nagħmel mezz biex nibqa' fidil kemm nista' lejn it-test oriġinali.

**Għaliex ħassejt il-bżonn li taqleb id-*Divina Commedia* ta' Dante, u kif tqabbel ix-xogħol tiegħek ma' dak ta' Erin Serracino-Inglott?**

Ironikament, Erin Serracino Inglott kebbes fija l-kilba għat-traduzzjoni tiegħi. Erin ippubblika biss *L-Infern* (1964), traduzzjoni stupenda, iżda mhux irrimata. Dan ġagħalni nistaqsi lili nnifsi… tista' l-*Commedia* tinqaleb bir-rima? U l-*Purgatorju* u l-*Ġenna*? Dawn tal-aħħar ma dehru qatt, u minn ħadd, u l-*Commedia* qatt ma dehret kollha bil-Malti u rrimata. U dan bdieli l-ħidma tremenda tat-traduzzjoni tiegħi fl-1966.

**Apparti Dante, għaliex l-għażla tiegħek li tittraduċi għall-Malti waqgħet fuq kittieba bħal Shakespeare, Wilde, Lawrence, Voltaire, u oħrajn? U għaliex kotba speċifiċi oħra u mhux oħrajn?**

Taqbel miegħi li l-awturi jew il-poeti li semmejtli huma figuri ġganteski tal-letteratura mondjali. Inħobb ilsien art twelidi kif inħobbu, ridt minn dejjem nagħnih bix-xogħlijiet ta' dawn il-ġganti, biex kulħadd jifhem darba għal dejjem li l-Malti mhuwiex l-ilsien tal-kċina, iżda huwa kbir, sabiħ u nobbli daqs kull ilsien ieħor.



Dawk li jifhmu sewwa s-siwi tal-letteratura inġenerali japprezzaw ix-xogħol li jien wettaqt, u ta' dan nirringrazzjahom. Min ma jinteressah xejn mill-ħidma u t-tbatija tiegħi żgur li mhux se japprezza. Iżda dan għalija sar ma jfisser xejn. Li għamilt u li għadni qed nagħmel fil-qasam letterarju għamiltu primarjament għal Malta tiegħi u għall-ilsien Malti li tant inħobb, u li għadu tant imkasbar, u li għal bosta għadu l-ilsien tal-kċina!

**Inti qlibt ukoll xi xogħlijiet letterarji Maltin għal ilsna oħra bħall-Ingliż u t-Taljan. Xi tgħid dwar dan? Liema ssib l-iktar ta' sfida, li taqleb mill-Malti għall-ilsna barranin jew viċiversa? Għaliex?**

Iva, u dejjem kont ħerqan li mill-Malti naqleb għal ilsna oħra. Xogħol letterarju tajjeb u ta' stoffa dejjem ikun jistħoqqlu għarfien u rispett, u jien infittex li niksibhulu. Kif għedtlek, kull lingwa hija nobbli u, imżewġa ma' xogħol letterarju tajjeb, tiftaħ orizzonti usa' u aktar utiqa lill-bnedmin u żżid tgħaqqadhom dejjem aktar flimkien.

**Hemm min jemmen li l-akbar mertu tiegħek hu dak li daħħalt lil Shakespeare u klassiċi importanti bil-Malti fil-Manoel. Xi tgħid dwar dan, u anki dwar xogħlijiet bħal *Hekuba* ta' Ewripide?**

Iva, fil-fatt kien Mario Micallef li ħareġ bl-idea li, għall-ewwel darba, itella' dramm ta' Shakespeare bil-Malti, u talabni nittraduċilu *The Comedy of Errors ...il-Kummiedja tal-Iżbalji*. Tant kienet suċċess li wara, għal bosta snin, komplejna, kull Jannar, intellgħu dramm ta' Shakespeare bil-Malti fit-Teatru Manoel.

Fl-2003, il-bravissima u l-mibkija attriċi Karmen Azzopardi talbitni nittraduċilha *Hekuba* bil-Malti, u t-traġedja Griega ttellgħet f'Ta' Qali mill-Kumpanija Talenti b'suċċess enormi. U ftit tas-snin ilu *Hekuba* ttellgħet ukoll fit-Teatru Manoel, b'Karmen Azzopardi mill-ġdid fil-parti ewlenija, għal darb'oħra b'suċċess kbir.

**Apparti x-xogħol ta' traduttur hawn, x'kien ir-rwol tiegħek f'relazzjoni mal-Manoel?**

Ir-rwol tiegħi fir-rigward tat-Teatru Manoel kien dejjem fil-linja teatrali klassika, bħala traduttur, primarjament fid-drammi ta' Shakespeare.

**Proprju l-aħħar xogħol tradott minnek u li ttella' fil-Manoel kien *Il-Missier* ta' Florian Zeller. Għaliex għażiltu xogħol bħal dan? Kif intlaqa' dan ix-xogħol bil-Malti? Għaliex Mario Micallef għal darb'oħra?**

Id-dramm *Il-Missier* ta' Florian Zeller għamel hit mondjali, u saħansitra nħadem film, b'Anthony Hopkins bħala Andre. Jum wieħed, Mario Micallef talabni nittraduċihulu bil-Malti biex jittella' fil-Manoel. Aċċettajt, saru l-arranġamenti meħtieġa, dwar drittijiet u x'naf jien, u d-dramm ittella' fi Frar li għadda. Dan il-kapolavur teatrali dwar it-traġedja tad-dimenzja ntlaqa' b'suċċess kbir.

Ma setax jonqos li Mario Micallef, attur ikoniku fit-teatru Malti, li qata' figura memorabbli bħala r-*Re Lear* meta, snin ilu, id-dramm ta' Shakespeare bil-Malti kien ittella' fil-Manoel, jintagħżel ukoll għall-parti diffiċilissma ta' Andre f'dan id-dramm favoluż u traġiku ta' Zeller.



**Xena waqt *Hekuba* fit-Teatru Manoel, u l-attriċi Karmen Azzopardi fil-parti ewlenija**

"**Xi jmiss issa?**" staqsejtu biex nagħlaq l-intervista.

"Ftit ilu ħriġt ġabra ta' poeżiji bit-titlu *Weraq tal-Aħħar.*" weġibni, "Il-ħsieb, issa li xjaħt, hu li nniżżel is-siparju fuq il-karriera letterarja tiegħi. Miżżewweġ kif jien lil tliet nisa: il-pittura, il-mużika u l-letteratura, għandi d-dubji tiegħi kemm dan l-imbierek siparju se jdum imniżżel, u kemm se jdum biex b'xi mod jerġa' jitla'!

*Dr Patrick Sammut hu għalliem, poeta, kittieb u kritiku letterarju. Hu wkoll il-fundatur u l-editur tar-rivista* Il-Pont





**Xena waqt *Il-Missier* fit-Teatru Manoel, u l-attur Mario Micallef fil-parti ewlenija**



# "Għoljet il-Qasab"

*traduzzjoni*

## Kif qlibt l-ewwel rumanz miċ-Ċiniż għall-Malti

Stephen Cachia

F'Lulju tal-2023, bl-għajnuna tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, id-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa u ċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, tnieda *Għoljet il-Qasab*, rumanz Ċiniż li qlibt għall-Malti. Dan ir-rumanz, li sa dak iż-żmien kien għad ma kellux traduzzjoni bl-Ingliż, qlibtu direttament miċ-Ċiniż wara li ġie ppublikat fl-2016. Għalkemm din ma kinitx l-ewwel esperjenza tiegħi li naqleb miċ-Ċiniż, kienet l-ewwel darba li qlibt rumanz sħiħ. Dan kellu jkun ukoll l-ewwel rumanz sħiħ li nqaleb miċ-Ċiniż għall-Malti.

Il-ġrajja tal-ktieb iddur madwar tifel żvinturat, You An li twieled fl-1898, żmien ta' faqar u instabbiltà kbira fiċ-Ċina. Ommu tmut waqt li tkun qed twelldu u jitrabba minn missier mutu. Dan jiżżewweġ lit-tieni mara iżda din issawwat liċ-ċkejken You An.

It-tifel jgħaddi minn diversi avventuri li matulhom jiltaqa' ma' diversi reliġjużi Ewropej bil-kultura u l-arti karatteristiċi tagħhom. Jintebaħ li għandu ħiliet artistiċi li ma kienx jaf bihom, iżda għall-ewwel ma tantx jingħata ċ-ċans jiżviluppahom.

L-awtriċi tal-ktieb, Yin Jian Ling, hija magħrufa sew fiċ-Ċina. Rebħet diversi premjijiet prestiġġjużi letterarji u taħdem fil-ġurnaliżmu f'Shanghai. Tgħid li l-ispirazzjoni għal dan ir-rumanz kienet wirja ta' ritratti antiki li kienet rat fl-2010 f'Shanghai. Dawn ir-ritratti antiki kienu juru diversi tfal orfni Ċiniżi qed jiġu mgħallmin diversi snajja' minn patrijiet Ewropej fiċ-Ċina tal-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Kienu dawn ir-ritratti li kebbsu fiha l-immaġinazzjoni biex tibda tikteb l-istorja ta' dan it-tifel u l-post fejn kellu jqatta' ħafna minn tfulitu: Għoljet il-Qasab.

### Kitba biċ-Ċiniż

Nistqarr li għalkemm ħadt ħafna gost nagħmel din it-traduzzjoni, ma kinitx biċċa xogħol faċli. F'dan l-artiklu se nispjega liema kienu l-isfidi ewlenin li kelli niffaċċa. L-ewwel nett, il-kitba innifisha biċ-Ċiniż. Din fiha eluf ta' "ittri" differenti (teknikament magħrufa bħala "karattri", mhux ittri), u kull karattru jirrappreżenta sillaba, mhux konsonanti jew vokali per se. Jerġa', kull karattru aktarx ikollu tifsira marbuta miegħu u ġieli parti minnu tgħinek ukoll biex tkun taf kif se taqrah bħala pronunzja.

Fil-fatt, kontra dak li jemmnu xi wħud, iċ-Ċiniż miktub għandu elementi fonetiċi wkoll u mhux sempliċement wieħed 'pittografiku' (jiġifieri ġabra ta' "tpinġijiet" li jirrappreżentaw ideat jew oġġetti).

Ħafna kliem biċ-Ċiniż jikkonsistu minn żewġ sillabi flimkien, ġieli minn sillaba waħda u rarament tliet sillabi jew iktar. Ħa nagħti xi eżempji:

| "Ittra" (karattru) biċ-Ċiniż | Tifsira | Pronunzja | *Oriġini tal-karattru* | *Element fonetiku?* |
|---|---|---|---|---|
| 马 | żiemel | mǎ | Tpinġija ta' żiemel | Le |
| 女 | femminil, tan-nisa | nǚ | Tpinġija ta' mara | Le |
| 妈 | omm | mā | Il-karattru femminil (女) u l-karattru taż-żiemel (马) | Iva, il-parti taż-żiemel (马) tindika li tingħad "ma" |
| 妈妈 | omm | mā ma | Żewġ karattri jiffurmaw kelma | Iva (bħal f'妈) |

L-isfida għal dawk li mhumiex Ċiniżi hija biex jitgħallmu dawn l-eluf ta' karattri (kif tiktibhom, kif tgħidhom u xi jfissru) biex ikunu jistgħu jaqraw il-kitba biċ-Ċiniż u jiktbuha wkoll. Biex nagħtikom idea dwar dan li qed nitkellem dwaru... biex wieħed ikun kapaċi jaqra artiklu ta' livell bażiku f'gazzetta, huwa stmat li jrid ikun jaf bejn 1,800 u 2,000 karattru differenti.

Dan il-proċess ta' tagħlim tal-karattri hu wieħed li t-tfal Ċiniżi jibdew mill-ewwel snin tal-iskola u li jkompli għal għadd ta' snin b'ħafna u ħafna prattika, sakemm jilħqu livell ta' qari u kitba tal-adulti.

Madankollu, għal dawk li mhumiex Ċiniżi, dan il-proċess jeħtieġ ħafna prattika u ħafna snin. Dan għax mhux biss trid titgħallem ħafna karattri ġodda, imma trid ukoll tibqa' tiftakar dawk li tkun ġa tgħallimt filwaqt li mhux bilfors tkun qed tgħix f'ambjent Ċiniż bħat-tfal Ċiniżi.

Fil-każ tiegħi, dan il-proċess bdejtu fl-2008 meta kont bdejt nitgħallem iċ-Ċiniż fiċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, il-Belt, u mbagħad komplejtu l-Confucius Institute fl-Università ta' Malta fl-2010. Bejn l-2010 u l-2017 kont għamilt ukoll xi żmien ngħix, naħdem, nistudja u nivvjaġġa fiċ-Ċina. Dan għenni sew fit-tagħlim taċ-Ċiniż, kemm fil-mitħaddet kif ukoll fil-kitba.

Iżda ma kienx qabel l-2015 li nista' ngħid li kont kapaċi naqra artikli u kotba tal-livell tal-adulti. Din kienet ukoll is-sena meta kont bdejt il-kors tal-Masters fl-istudji taċ-Ċiniż u l-kultura Ċiniża, li temmejt b'suċċess fl-2018.

### It-traduzzjoni

Matul dan il-kors attendejt diversi study units dwar it-traduzzjoni (u l-interpretazzjoni) miċ-Ċiniż għall-Ingliż u viċiversa, u għamilt bosta traduzzjonijiet bejn iż-żewġ lingwi bħala parti mit-taħriġ tiegħi. Meta ggradwajt fl-2018, qajla kont naħseb li fi ftit snin kont se nuża dawn il-ħiliet biex nibda naqleb rumanz miċ-Ċiniż għall-Malti. Ftit wara, bdejt nagħti l-lectures l-Università ta' Malta dwar il-lingwa, il-kultura u l-istorja Ċiniża.

L-ewwel darba li sirt naf b'dan ir-rumanz kien fl-2019 meta s-Sur Mark Camilleri, iċ-chairman (2013-2021) tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kien qed jipprova jsib persuna biex jaqleb rumanz kontemporanju miċ-Ċiniż għall-Malti. Dan l-isforz kien parti minn proġett akbar biex xi xogħlijiet tal-letteratura miktubin b'ilsna oħra, jinqalbu għall-Malti ħalli iktar Maltin isiru jafu bil-kitbiet u bil-kulturi ta' pajjiżi oħra.

Meta ma seta' jsib lil ħadd biex jagħmel dan, sar jaf li jien kont qed ngħallem iċ-Ċiniż fl-Università ta' Malta. Ikkuntattjani b'chat u staqsieni jekk kontx imħajjar nidħol għal dan ix-xogħol.

Peress li kienet l-ewwel darba li ntlabt naqleb rumanz sħiħ, nistqarr li ma kontx ċert għall-ewwel u għalhekk tlabt lil Mark jurini silta minnu. Fil-fatt, hu bagħtli kopja elettronika u malli qrajt l-ewwel ftit paġni, mal-ewwel indunajt li kienet biċċa xogħol li stajt inwettaq.




It-tieni sfida li ridt niffaċċja kienet dik tad-distanza kulturali u lingwistika enormi li hemm bejn il-Malti u ċ-Ċiniż. Kif se taqleb kliem biċ-Ċiniż, fost ħwejjeġ oħra, dwar ikel, użanzi, festivals, għasafar, xtieli, siġar u għodda li huma speċifikament Ċiniżi u li għalihom m'għandniex ekwivalenti bil-Malti?

Soluzzjoni 'faċli' hi li tmur għall-kelma bl-Ingliż jew iżżommha biċ-Ċiniż imbagħad tiktibha bl-ortografija tal-Malti jew tal-Ingliż, iżda f'dak il-każ jaf ikun hemm bżonn spjegazzjoni. Madankollu, xorta trid toqgħod attent li ma tispiċċax b'test li jinstema' tqil u artifiċjali għax ikollok wisq minn dan il-kliem.

Din tad-distanza kulturali u lingwistika hija sfida komuni għat-tradutturi, imma fil-każ taċ-Ċiniż jaf tkun ħafna ikbar għax Malta u ċ-Ċina ġeografikament u storikament jagħmlu sehem minn kontinenti, kulturi u familji lingwistiċi li huma differenti ħafna minn xulxin. Filwaqt li aħna l-Maltin naqsmu ħafna ikel, użanzi, festi, għasafar, xtieli, siġar u għodda mat-Taljani u l-Ispanjoli pereżempju, u b'mod iktar limitat mal-bqija tal-Ewropa, dan jibda jsir ħafna iktar diffiċli iktar ma nitbiegħdu minn Malta.

Biss biss, ħafna mill-festi tradizzjonali u użanzi tagħna huma marbutin mar-reliġjon Kattolika, filwaqt li l-festi tradizzjonali u l-użanżi Ċiniżi għandhom għeruq Buddisti, Daoisti, Konfuċjani jew fit-twemmin folkloristiku Ċiniż.

Hekk, pereżempju, insibu s-Spring Festival li hu marbut mas-Sena l-Ġdida Ċiniża. Ngħid jien, jagħmel sens li dan jiġi tradott bħala l-Festival jew il-Festa tar-Rebbiegħa mingħajr il-kuntest karatteristiku Ċiniż li jimmarka l-bidu tas-Sena l-Ġdida tradizzjonali Ċiniża bbażata fuq il-qamar?

Li għamilt kien li qlibtu bħala l-Festival tar-Rebbiegħa iżda fl-istess sentenza żidt ukoll li dan kien marbut mas-Sena l-Ġdida Ċiniża biex nagħtih iktar kuntest kulturali. Ktibt:

> *Kien fi żmien is-Sena l-Ġdida Ċiniża, fil-festival tar-rebbiegħa, li n-nanna, li ma kienx raha għal ħafna snin, ġiet biex tieħdu f'raħal twelidha, Nanhui, biex hemmhekk ikun jista' jiċċelebra l-bidu tas-Sena l-Ġdida*.

Fil-każ tal-annimali, is-siġar u x-xtieli li m'għandniex kliem għalihom bil-Malti, stajt nagħżel il-kelma bl-Ingliż jew l-isem xjentifiku bil-Latin, pereżempju:

> *Eżatt barra kull dar, kienet inżergħet siġra, l-iktar tal-osmantus imma anke xi siġra jew tnejn tal-ganfra.*

Għall-ikel tipiku Ċiniż, għażilt il-kelma bl-Ingliż, bħal *wontons*, anke għax dan it-tip ta' ikel hu magħruf sew mill-Maltin.

## L-ismijiet Ċiniżi

Sfida oħra li ltqajt magħha kienet dik ta' kif għandhom jinkitbu l-ismijiet tal-personaġġi, tad-dinastiji, tal-bliet, tal-irħula, tax-xmajjar u tal-popli Ċiniżi peress li dawn m'għandniex l-ekwivalenti tagħhom bil-Malti. Il-prassi normalment hija li jintuża l-alfabet Ingliż, bħal fil-każ ta' Shanghai jew id-dinastija Tang. Fil-ktieb jissemma r-raħal fejn kienet toqgħod in-nanna, Nanhui — li hija t-trasliterazzjoni bl-Ingliż tal-isem Ċiniż: 南汇.

Il-problema hija li meta jingħata l-isem bl-Ingliż, kif se jinqara bil-Malti? Għall-bliet magħrufa bħal Shanghai, kulħadd jaf li għandha tingħad: Xang-ħaj jew Xang-aj; imma kif għandek tgħid /Nanhui/, /Nan-ħuj/, /Nan-ħwi/, jew /Nan-ħwej/?

It-tweġiba korretta fil-fatt hi t-tielet waħda, għax hija bbażata fuq is-sistema - illum standard - li biha ċ-Ċiniż jinkiteb bl-alfabet Ingliż. Din is-sistema hija magħrufa bħala *pinyin* u hija rikonoxxuta mad-dinja kollha, ħlief bi ftit eċċezzjonijiet minħabba raġunijiet politiċi (pereżempju fit-Tajwan).

Meta bdejt it-traduzzjoni, l-ewwel impuls tiegħi kien li nipprova nikteb l-ismijiet Ċiniżi bl-ortografija Maltija biex il-qarrejja jkunu jafu kif għandhom ilissnuhom tajjeb. Hekk, il-protagonist, You An, bdejt naqliblu ismu bħala Jow An, Nanhui bħala Nanħwej, Shanghai bħala Xangħaj eċċ. Madankollu, ingħatajt il-parir li dawn għandhom jinkitbu bis-sistema tal-*pinyin* li mhux dejjem, kif rajna, taqbel mar-regoli tal-ortografija Maltija.

Din il-problema ħsibt għaliha billi inkludejt tabella fil-bidu tal-ktieb biex nagħti l-isem bil-*pinyin* u kif għandu jinqara bl-ortografija Maltija. L-ismijiet innifishom imbagħad ktibthom bil-*pinyin* fit-test tat-traduzzjoni.

Ismijiet Ċiniżi (bil-*pinyin*)

| **Persuni** | **Kif għandhom jinqraw bil-Malti** |
|---|---|
| *Yin Jian Ling* (l-awtriċi) | *Jin Ġjen Ling* |
| *You An* | *Jow An* |
| *Xiao Man* | *Xjaw Mann* |

It-tieni kolonna tagħti biss tagħrif dwar kif għandhom jinqraw bejn wieħed u ieħor, għax il-konsonanti u l-vokali Ċiniżi mhumiex kollha eżatt bħal dawk Maltin. Punt interessanti ieħor hu l-għażla tat-titlu tal-ktieb: *Għoljet il-Qasab*. It-titlu biċ-Ċiniż hu Ye Mang Po (野芒坡) li jfisser "l-għolja fejn jikber il-qasab selvaġġ". Dan hu wkoll l-isem tal-orfanatrofju fejn jispiċċa ċ-ċkejken You An. Iddeċidejt li nuża l-isem kemxejn qasir ta' *Għoljet il-Qasab* u li nuża wkoll l-istat kostrutt (flok "l-għolja tal-qasab"), għax b'hekk nemmen li jkollu bixra iktar Maltija.

## Punti oħra

Il-ktieb fih ukoll referenzi għal ħrejjef karatteristiċi Ċiniżi li għall-qarrej Malti ma jfissru xejn, iżda li huma magħrufin fost iċ-Ċiniżi tista' tgħid kollha. Hekk, pereżempju, insibu l-"ħrafa tal-vleġeġ miksubin mid-dgħajjes bil-manikini tat-tiben". Biex nagħti iktar kuntest u tifsira lil din il-ħrafa, inkludejt nota f'qiegħ il-paġna fejn tissemma l-ħrafa. F'din in-nota spjegajt il-ħrafa fil-qosor.

Peress li l-ġrajja tal-ktieb hija ambjentata fil-bidu tas-seklu għoxrin, jiġifieri waqt żmien movimentat sew fiċ-Ċina, ħassejt il-bżonn li nagħti daqsxejn kuntest storiku qasir fil-bidu tal-ktieb. Dan għax fil-ktieb jissemmew diversi ġrajjiet, fosthom ir-Rewwixta tat-Taiping u persunaġġi storiċi bħall-Imperatriċi Ci Xi, li aktarx mhumiex magħrufin fost il-qarrejja Maltin. Ktibt:

> *It-tmiem tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin kien żmien imqalleb ħafna għaċ-Ċina. Il-pajjiż kien għadu mmexxi mill-Imperaturi tad-dinastija Qing. Din id-dinastija kienet ilha taħkem il-pajjiż għal iktar minn 250 sena. Wara bosta gwerer u rewwixti fis-seklu dsatax, fosthom il-Gwerer tal-Loppju u r-Rewwixta tat-Taiping, iċ-Ċina kienet ftaqret sew.*




Meta lestejt it-traduzzjoni, kont tajt it-test lil ziti Doris Demicoli li tatni l-ewwel kummenti tagħha dwaru. Immarkatli wkoll xi żbalji li ma kontx indunajt bihom. Wara, għaddejt it-test lill-Prof. Toni Aquilina li hu qarrej tal-provi professjonali u lecturer tal-lingwi b'esperjenza twila. B'sabar u b'dedikazzjoni, il-Prof. Aquilina ċċekkjali t-test u mmarka diversi żbalji ortografiċi, grammatikali u tal-punteġġatura. Kien hemm ukoll xi punti fejn ma kienx fehem eżatt x'ridt ngħid. Għaldaqstant iltqajna diversi drabi flimkien biex naslu għal ftehim dwar liema kelma jew kelmiet għandhom jintużaw.

### Għeluq

Fl-aħħar nett, ma nistax ma nsemmix lid-diversi nies li għenuni matul il-proċess kollu tat-traduzzjoni. B'mod partikolari nixtieq nirringrazzja li missieri Joe, lil ommi Adelina, oħti Claudine u lil Doris Demicoli tal-appoġġ tagħhom. Grazzi lil Mark Camilleri (2013-2021) mill-Kunsill tal-Ktieb għall-opportunità li nagħmel din it-traduzzjoni, u lil Matthew Borg għall-għajnuna siewja tiegħu.

Ħajr lil Patrick Sammut li ġentilment qara siltiet mill-ktieb waqt it-tnedija u liċ-Ċentru Kulturali Ċiniż. Ħajr lill-qarrej tal-provi, il-Prof. Toni Aquilina tax-xogħol metikoluż tiegħu, lil ħbiebi Guo Qi Zheng u Zeng Yuan, lil Joanne Micallef tal-Faraxa għall-pariri tagħha u lil Paul Zahra, koeditur ta' *l-aċċent*, għall-interess tiegħu f'din it-traduzzjoni.

*Stephen Cachia hu għalliem, lettur, kittieb u traduttur*



## akkademja (academy)
## vs dinja akkademika (academia)

Fit-traduzzjonijiet tad-dokumenti legali, jeħtieġ nagħmlu d-distinzjoni bejn:
**akkademja** (*academy*) eż. l-Akkademja tal-Malti, l-akkademja tax-xjenzi, l-akkademja tal-pulizija, u l-bqija, u
**id-dinja akkademika** (*academia*) li tirreferi għall-individwi akkademiċi kif ukoll għall-istituzzjonijiet akkademiċi .

## apprendiment (learning)
## vs tagħlim (teaching)

Għalkemm fil-Malti, "tagħlim" tintuża kemm għal *learning* u anki għal *teaching*, fit-traduzzjonijiet tad-dokumenti legali jeħtieġ niddistingwu bejniethom, speċjalment fl-istess dokument.

Għalhekk, bi qbil interistituzzjonali, jeħtieġ nużaw **apprendiment** għal *learning* u **tagħlim** għal *teaching*. U sakemm ma nkunux marbuta mod ieħor minn xi att leġiżlattiv fis-seħħ, jeħtieġ nużaw pereżempju **tagħlim mill-bogħod** (*distance teaching*) u **apprendiment mill-bogħod** (*distance learning*) jew **apprendiment tul il-ħajja** (*life-long learning*).

*termatt*

# kapaċità potenzjali (*capability*) vs kapaċità reali (*capacity*)

Fir-reġistru diġitali u teknoloġiku, pereżempju fil-leġiżlazzjoni u fl-istqarrijiet għall-istampa tal-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep u tas-semikondutturi, issir distinzjoni ċara bejn il-**kapaċità reali** jew il-**kapaċità** (*capacity*) u l-**kapaċità potenzjali** jew il-**potenzjal** (*capability*).

F'dawn il-każijiet, speċjalment meta ż-żewġ termini jokkorru b'mod distint u mhux interskambjabbli, din id-distinzjoni jeħtieġ nagħmluha wkoll fit-traduzzjoni bil-Malti.

Ngħidu aħna:

bl-Ingliż: 'production capability' means the potential output of a semiconductor manufacturing facility under optimal resources.

bil-Malti: "kapaċità potenzjali tal-produzzjoni" tfisser l-output potenzjali ta' faċilità tal-manifatturar tas-semikondutturi b'riżorsi ottimali.

imbagħad:

bl-Ingliż: 'production capacity' means the output of a semiconductor manufacturing facility.

bil-Malti: "kapaċità reali tal-produzzjoni" tfisser l-output ta' faċilità tal-manifatturar tas-semikondutturi.

*walità!*

*jikteb* ***Clyde Triganza*** *b'kollaborazzjoni mat-terminologi* ***Jennifer Debarro*** *u* ***Andrew Sammut***

# Verbi mqarqċin

## Irregolaritajiet fis-sistema verbali Maltija

Mark Paul Vella

Seminar għat-tradutturi Maltin organizzat mill-Kunsill tal-UE fi Brussell

Biex il-kitba tagħna tkun effettiva, komunikattiva u fuq kollox aġġornata jeħtieġ li nifhmu x'mekkaniżmi u proċessi jseħħu fil-lingwa miktuba. Fost l-elementi lingwistiċi, il-verbi huma parti mill-bażi elementali tal-lingwa. L-inġenjożità tas-sistema verbali Maltija hija n-natura ibrida tagħha. L-element Rumanz/Ingliż intraxx tul iż-żmien fuq il-bażi stabbilita Semitika. Fuq naħa hemm l-element Semitiku msejjes fuq l-għerq, il-forom u l-affissi, u fuq in-naħa l-oħra hemm l-element non-Semitiku msejjes fuq iz-zokk morfemiku u l-affissi.

Fit-8 ta' Ġunju 2023, it-tradutturi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea organizzaw is-seminar fi Brussell *Verbi mqarqċin: irregolaritajiet fis-sistema verbali Maltija*, li għalih attendew ukoll tradutturi minn istituzzjonijiet oħra, fosthom mill-Kummissjoni Ewropea. Dan is-seminar ta' ġurnata sar mill-Prof. Michael Spagnol.

Il-Prof. Michael Spagnol beda biex tkellem dwar id-diminuttiv, dwar kif fit-tagħlim u f'ħafna xogħlijiet grammatikali tal-Malti bosta drabi donnu jeżisti d-diminuttiv ta' nisel Semitiku biss, filwaqt li paradossalment, fil-ħajja ta' kuljum dan qajla jintuża u jintuża aktar id-diminuttiv Rumanz/Ingliż:

| Diminuttiv (Semitiku) popolari fit-tagħlim, iżda mhux daqshekk fl-użu | Diminuttiv (Rumanz/Ingliż) aktar popolari fl-użu ta' kuljum |
|---|---|
| **bwejba** (isir bl-infiss -ej-) | **pastina** (isir bis-suffiss -ina/-ini) |
| **twejqa** (isir bl-infiss -ej-) | **trumbetta** (isir bis-suffiss -etta/-etti) |
| **ktejjeb** (isir bl-infiss -ejje-) | **banketta** (isir bis-suffiss -etta/-etti) |
| **swejqa** (isir bl-infiss -ej-) | **ġuvnott** (isir bis-suffiss -ott/-otti) |
| **irwejsa** (isir bl-infiss -ej-) | **paletta** (isir bis-suffiss -etta/-etti) |

Struttura kurjuża li tixhed l-ibridiċità tal-Malti hija l-forma Semitika tad-diminuttiv, jiġifieri l-infiss *-ejje-*/*-aj-*, li jintuża mbagħad f'nomi ta' nisel Rumanz:

| Nom Rumanz | Infiss Semitiku | Diminuttiv |
|---|---|---|
| kamra | *-aj-* | km**aj**ra |
| ċerv | *-ejje-* | ċr**ejje**v |
| serp | *-ejje-* | sr**ejje**p |

L-analiżi daret imbagħad fid-dettall fuq kategorija ta' verbi mqarqċin, dawk li ma għandhomx it-temp tal-perfett. Din l-anomalija sseħħ ħafna drabi fil-verbi stativi, dawk li juru stat. Il-verb **jismu** huwa wieħed minnhom, jibqa' dejjem bil-prefiss *j-*, u biex naqilbuh għall-femminil nużaw is-suffiss pronominali *-ha*, jiġifieri jisimha. Żewġ verbi stativi oħra ta' bla perfett huma **jaf** u **jaħti**. Id-differenza bejniethom hija li l-verb **jaf** ma għandux perfett morfoloġiku filwaqt li **jaħti** għandu, imma effettivament ma jintużax. Għaldaqstant għall-perfett ta' dawn iż-żewġ verbi jkollna ninqdew bil-verb awżiljarju **kien** fit-tielet persuna maskili jew fil-persuna rispettiva, quddiem l-imperfett:

| | Imperfett | Perfett | Imperfett | Perfett | Perfett (m) |
|---|---|---|---|---|---|
| jiena | naf | kont naf | naħti | kont naħti | ħtejt |
| inti | taf | kont taf | taħti | kont taħti | ħtejt |
| huwa | jaf | kien jaf | jaħti | kien jaħti | ħata |
| hija | taf | kienet taf | taħti | kienet taħti | ħtiet |
| aħna | nafu | konna nafu | naħtu | konna naħtu | ħtejna |
| intom | tafu | kontu tafu | taħtu | kontu taħtu | ħtejtu |
| huma | jafu | kienu jafu | jaħtu | kienu jaħtu | ħtew |

Verb ieħor interessanti komuni fl-użu ta' kuljum huwa **jaħraq**. Fis-sens ta' azzjoni għandu l-perfett **ħaraq**, imma fis-sens stativ dan il-perfett ma jaqdiniex. Meta nuru l-istat ta' nom b'dan il-verb irridu nużaw l-istruttura tal-verb awżiljarju u l-imperfett. Eż. **Il-platt kien jaħraq** (il-platt ħaraq).

L-istess mekkaniżmu jseħħ fil-verb **jiżloq**, li għandu l-perfett **żelaq**, u ngħidu: **Il-madum kien jiżloq** (il-madum żelaq).

Għalhekk fil-Malti nsibu din l-imperfezzjoni: il-verbi kollha għandhom l-imperfett, imma mhux il-verbi kollha għandhom il-perfett. Fil-preżentazzjoni tiegħu, Spagnol tkellem ukoll fuq kif jista' jkun hemm interferenza bejn mudelli ta' verbi fil-każ tal-verb moħfi **biegħ**. Grupp ta' verbi moħfijin kultant ikollhom xi diffikultà fil-formazzjoni tal-perfett. Anki fl-Għarbi tiġri. Liema hija t-tajba, jiena **begħt** jew **biħħejt**?

Bil-fomm it-tnejn tajbin, iżda meta niktbu nużaw **begħt**, għax KvKK huwa l-mudell tal-verb moħfi fil-perfett. Il-konjugazzjoni tal-verb moħfi, meta jkollha diffikultà, faċli tmur fuq mudell ta' verb ieħor. Ġeneralment din tmur fuq l-istruttura tal-verb trux (eż: *ħabb*). F'dan il-każ naraw din l-analoġija għaddejja:

**begħt / bigħt***
il-mudell: *qist*
(verb moħfi)

<<< INTERFERENZA >>>

**biħħejt**
il-mudell: *ħabbejt*
(verb trux)

* fil-kitba, din biss hija aċċettabbli

Verb imqarqaċ ieħor hu **sab** (s-j-b). L-irregolarità ta' dan il-verb hija għax għandu żewġ strutturi fis-7 forma b'tifsiriet differenti minn xulxin. It-tendenza hija li fis-7 forma, il-konsonanti "x" u "s" (konsonanti sibilanti) jieħdu t-"t" warajhom, iżda dan illum il-ġurnata mhux dejjem hu l-każ. Jiġifieri hemm min jgħid **jinxteħet l-iskart** u min jgħid **jinxeħet l-iskart**. L-istess **jinstaq** u **jinsaq**. Hemmx il-konsonanti "t" jew le, dawn il-varjanti tas-7 forma jfissru l-istess f'kull kuntest. Mhuwiex il-każ ta' **jinstab** u **jinsab**, li mhumiex verbi varjanti. Il-kuntest jiddetermina l-bżonn tal-waħda u mhux tal-oħra:

**jinsab**
eż. Il-katavru jinsab
fis-sala mortwarja

<<< IS-SEBA' FORMA >>>
(tifsira passiva / riflessiva)

**jinstab**
eż. Il-katavru jinstab
viċin Kemmuna

Dan is-seminar tefa' dawl fuq xi problemi lingwistiċi li fit-traduzzjoni tajjeb li nkunu konxji tagħhom, problemi li mhux dejjem hemm tweġibiet u soluzzjonijiet ċari għalihom. Serva biex fil-lingwa Maltija aħna mhux biss inkunu s-sewwieqa, iżda l-mechanics tagħha wkoll.

Mhux biss inkunu nafu kif nużaw il-lingwa fil-kitba iżda nkunu nafu wkoll kif taħdem il-lingwa bl-irregolaritajiet tagħha. Dan meta l-Malti għaddej minn bidla mgħaġġla ħafna. Il-lingwa biex tibqa' ħajja trid tibqa' tiġi żviluppata biex tirrifletti r-realtajiet ġodda u l-bżonnijiet tal-mument. It-tradutturi preżenti għas-seminar setgħu mhux biss jifhmu dawn il-karatteristiċi lingwistiċi, iżda jistaqsu u jiddiskutu l-fehmiet tagħhom.

*Mark Paul Vella hu traduttur tal-Kummissjoni Ewropea*

# niktbu għal kulħadd

David Schembri

*Il-lingwa Maltija kif tista' tintuża biex tkun aktar inklużiva? Dak li qed niktbu huwa aċċessibbli għal kulħadd? Qegħdin mingħajr ma nafu nonqsu lil gruppi ta' nies bil-mod li bih niktbu u nittraduċu u kif nippreżentawh? Kif nistgħu noħolqu materjal li jista' jinftiehem u jitgawda minn aktar nies?*

Dawn kienu d-domandi li ġew indirizzati waqt il-konferenza *Niktbu għal kulħadd: il-kitba inklużiva u l-kontenut aċċessibbli f'Malta* li saret fil-Valletta Campus tal-Università ta' Malta nhar it-2 ta' Diċembru 2023.

Il-konferenza kienet parti mill-programm tat-Translating Europe Workshops li jsiru madwar l-Unjoni Ewropea kollha, u ttellgħet mill-uffiċċju tad-DĠT f'Malta flimkien mad-Dipartiment tal-Malti u d-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretazzjoni tal-Università ta' Malta — kollaborazzjoni li wasslet għal attività b'rilevanza interdixxiplinari u li għaliha kien hemm firxa wiesgħa ta' nies li wrew interess.

Id-diskors ewlieni ngħata mill-Prof. Jorge Díaz Cintas, espert internazzjonali fuq is-sensittività lingwistika fil-mezzi tax-xandir, li ta bosta eżempji ta' kif it-traduzzjoni tista' tkun preġudikata, mingħajr ġustifikazzjoni, lejn xi gruppi partikolari ta' persuni.

Fil-preżentazzjoni tiegħu, il-Prof. Jorge Díaz Cintas minn CenTraS tal-University College London, wera bosta eżempji ta' kif it-traduzzjoni tista' tiġi influwenzata mill-bosta preġudizzji jew perspettivi tat-tradutturi, li ġieli saħansitra jżidu elementi li jonqsu lil xi kategoriji tas-soċjetà li ma kinux preżenti fix-xogħol oriġinali.



**Il-Prof. Jorge Díaz Cintas**
**espert fis-sensittività lingwistika fuq il-mezzi tax-xandir**
Ritratti: Elisa Von Brockdorff






Il-konferenza saret fil-biċċa l-kbira bil-Malti — kif wara kollox kien xieraq — iżda għall-benefiċċju tal-barranin fis-sala, fosthom l-istudenti internazzjonali li qed jagħmlu l-kors tat-traduzzjoni, kien hemm l-interpretazzjoni mill-Malti għall-Ingliż, prassi li tippermetti lill-Maltin jitkellmu bi lsienhom f'pajjiżhom, mingħajr ma jeskludu lil dawk li ma jifhmuhx.

Saret ukoll l-interpretazzjoni għal-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM).

**Waħda mis-sessjonijiet waqt il-konferenza**
Ritratti: Elisa Von Brockdorff



Il-konferenza nfetħet mill-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza Dr Helena Dalli, li għandha għal qalbha ħafna dan is-suġġett.

Fid-diskors tagħha saħqet fuq ir-rwol tal-lingwa biex tgħaqqad kif ukoll tifred, u fuq l-importanza tal-lingwaġġ kif ukoll tal-mezzi ta' komunikazzjoni użati biex il-messaġġi li nibagħtu jkunu jistgħu jinftiehmu minn kemm jista' jkun nies.

**Diskors tal-Kummissarju Helena Dalli**
ritratt: Elisa Von Brockdorff



Romario Sciberras, riċerkatur fid-dipartment tal-Malti wriena kif il-lingwa Maltija, li tħaddem il-ġens grammatikali b'mod frekwenti, tista' tintuża b'mod li tkun aktar inklużiva għall-ġeneri kollha bir-riżorsi u l-kwalitajiet li diġà għandha l-lingwa, u li ħafna drabi kulma jkun jeħtieġ hu ftit aktar ħsieb, għarfien u kuxjenza.

**Taħdita ta' Romario Sciberras**
ritratt: Elisa Von Brockdorff

Saret ukoll intervista fuq il-palk ma' Loran Ripard Xuereb, li huwa nieqes mis-smigħ u mid-dawl, dwar kif hu u nies bħalu jesperjenzaw il-midja u d-dinja, u x'jeħtieġu biex ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni u l-materjal kulturali li ħaddieħor għandu aċċess għalih mingħajr intoppi.

Dr Giselle Spiteri Miggiani, pijunier fl-istudju tat-traduzzjoni awdjoviżiva f'Malta, u koordinatriċi tas-suġġett fid-Dipartment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretazzjoni, spjegat kif it-traduzzjoni tista' tkun mezz li jqarreb aktar nies lejn il-prodotti kulturali.

X'jiswa li tisma' biss u ma tħaddimx dak li titgħallem? U għalhekk f'nofs il-konferenza saru żewġ laboratorji prattiċi: wieħed dwar il-kitba ċara u l-ieħor dwar strateġiji għal traduzzjoni aktar inklużiva. Iż-żewġ laboratorji tmexxew minn membru tad-DĠT u ieħor tad-Dipartment tal-Malti: Carmen Carabott u Joseph Buttigieg mexxew il-laboratorju tat-traduzzjoni inklużiva, waqt li Mark P. Vella u Thomas Pace mexxew dak dwar il-kitba ċara. Kienu kollaborazzjonijiet li għenu lil żewġ istituzzjonijiet li jaħdmu favur il-Malti biex joqorbu ftit aktar lejn xulxin.



**Intervista lil Loran Ripard Xuereb**
ritratt: Elisa Von Brockdorff



**Intervent ta' Dr Giselle Spiteri Miggiani**
ritratt: Elisa Von Brockdorff



**David Schembri, l-Uffiċjal tal-Lingwa fir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta**
ritratt: Elisa Von Brockdorff

# SAYDON vs SAYDON

## analiżi tat-tibdil lessikali f'*Bibbja Saydon (1995)*

**Paul Zahra**

Meta, ilu issa ftit tas-snin mhux ħażin, xtrajt kopja ta' *Bibbja Saydon (1995)*,[1] kont bl-impressjoni li qed nikseb kopja tat-traduzzjoni kif ħarġet mill-pinna ta' Monsinjur Professur Pietru Pawl Saydon (1895-1971). Tqarraqt.

Indunajt b'dan meta bdejt naqraha u niltaqa' ma' bosta kliem Rumanz li intuwittivament bdejt inħossu jmur kontra dak kollu li Saydon dejjem stqarr, jiġifieri, li hu dejjem uża kliem Rumanz meta dan kien assolutament meħtieġ. Iddiżappuntajt ruħi bil-bosta u fl-istess waqt tqanqalt biex nara sa liema limitu ġiet mittiefsa t-traduzzjoni oriġinali ta' Saydon. B'hekk, iddeċidejt li nanalizza u nikteb dan l-artiklu dwar it-tibdil li seħħ eżattament fil-verżjoni *Bibbja Saydon* ippubblikata mis-Soċjeta MUSEUM fl-1995 sewwasew f'għeluq il-mitt sena minn twelidu.

Qabel ngħaddi għal dak li se nikteb, nixtieq nistqarr li din l-analiżi mhix se tkun qed tittratta aspetti eseġetiċi jew ta' interpretazzjoni biblika. U billi m'għandi ebda għarfien kemm tal-Lhudi/Ebrajk u l-Aramajk m'iniex f'qagħda li nikkummenta jekk l-għażliet lessikali ta' Saydon kinux l-aħjar għażliet jew le. Minn banda, għalhekk, l-analiżi tiegħi għandha titqies purament biss bħala waħda komparattiva bejn iż-żewġ verżjonijiet tat-traduzzjonijiet. Mill-banda l-oħra, billi wkoll m'għandix il-ħin u sintendi lanqas l-ispazju meħtieġ *f'l-aċċent* biex nanalizza t-73 ktieb li minnhom hi magħmula l-Bibbja, se nkun qed nillimita lili nnifsi biss għat-Testment il-Qadim u nqabbel biss il-verżjonijiet tal-kotba tal-Pentatewku.

Dawn il-ħames kotba qed inqishom bħala kampjuni tat-traduzzjoni sħiħa kif imwassla minn Saydon bejn l-1928 u l-1959.[2] Minn hawn 'il quddiem, it-traduzzjoni tal-kotba tal-Pentatewku kif ippubblikata minn Saydon qed nirriferi għaliha bħala l-verżjoni oriġinali u dik tal-Kummissjoni tas-Soċjetà MUSEUM bħala *Bibbja Saydon (1995)*. B'din l-analiżi testwali komparattiva se nipprova nistabbilixxi kemm it-traduzzjoni oriġinali ta' Saydon tilfet mill-awtentiċità tagħha fil-verżjoni *Bibbja Saydon (1995)* minħabba reviżjonijiet lessikali li Saydon kien ċertament jirrifjuta li jsiru li kieku kien għadu ħaj.

Skont il-Kummissjoni MUSEUM, il-verżjoni *Bibbja Saydon (1995)* hi "l-istess bħall-edizzjoni... li s-Soċjetà MUSEUM ippubblikat fi tliet volumi (fl-1976, fl-1982 u fl-1990) b'reviżjoni minima ta' xi kelmiet 'l hawn u 'l hinn."[3] Għalhekk qed nassumi li l-analiżi komparattiva tiegħi bejn il-verżjoni oriġinali u *Bibbja Saydon (1995)* tkopri wkoll it-tliet volumi tal-1976, tal-1983 u tal-1990 li hawnhekk qed issir referenza għalihom fl-introduzzjoni tal-Kummissjoni MUSEUM.

Biex nasal għal dan it-tqabbil, kif għidt hawn fuq, illimitajt ruħi għal Pentatewku. It-tqabbil ibbażajtu fuq *Tifsir il-Kliem tal-Kotba: Ġenesi, Eżodu, Levîtku, Nûmri, Dewteronomju* li Saydon kien ippubblika fl-1931, preċiżament, biex ifisser il-kliem Semitiku li seta' ma jinftehimx, imħaddem minnu fit-traduzzjoni biblika tiegħu.






Fil-lista alfabetika lessikali mogħtija minnu f'*Tifsir* jinstabu r-referenzi bibliċi meħudin minn dawn l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja.[4] Bis-saħħa tal-lista u r-referenzi f'*Tifsir* stajt għalhekk inqabbel dak li jinsab fit-traduzzjoni oriġinali tiegħu mal-verżjoni *Bibbja Saydon (1995)*. Ħloqt tabella b'erba' kolonni li semmejthom:

(a) Lista f'*Tifsir*;
(b) Sorsi lessikografiċi;[5]
(ċ) Referenzi bibliċi f'*Tifsir*; u
(d) Sostituzzjonijiet misjuba f'*Bibbja Saydon (1995)*.[6]

It-tabella fil-paġni li jmiss, minħabba raġunijiet ta' spazju, tinkludi biss it-termini li fihom saru s-sostituzzjonijiet fil-lessiku magħżul minn Saydon fit-traduzzjoni oriġinali tiegħu.[7] Dawn is-sostituzzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni MUSEUM jammontaw għal 128 terminu mill-219 mogħtijin f'*Tifsir*.

Fosthom hemm ukoll xi termini bħal *ġarab*, *ħarb*, *ħaten*, *kittien* eċċ., li għal xi raġuni jew oħra, jew purament b'neġliġenza, mhux dejjem jiġu għalkollox sostitwiti b'lessiku ġdid, u daqqa jitħallew kif jagħtihom Saydon u daqqa oħra kif il-Kummissjoni MUSEUM deherilha li kellhom jinbidlu. Iżda l-maġġoranza tat-termini li jinsabu fil-lista alfabetika li qed tidher fit-tabella nbidlu mill-Kummissjoni MUSEUM b'mod konsistenti. Ta' min jinnota li l-impatt tat-tibdil fuq it-traduzzjoni oriġinali ta' Saydon hu ferm akbar milli turi t-tabella.

Dan għax Saydon f'*Tifsir* ma jagħtix ir-referenzi kontestwali kollha tat-termini elenkati minnu li niltaqgħu magħhom fil-Pentatewku. Għalhekk, il-frekwenza tal-użu tagħhom fit-traduzzjoni oriġinali tiegħu tissupera bil-bosta l-eżempji mogħtijin fit-tabella. Wieħed ma jridx ukoll jeskludi li hemm bosta tibdiliet oħrajn, kemm ta' lessiku arkajku kif ukoll ta' provinċjaliżmi[9] u derivattivi, li billi mhumiex inklużi fil-lista mogħtija f'*Tifsir*, lanqas m'huma qed jiġu inklużi f'din l-analiżi.

Ftit eżempji ta' dawn it-tibdiliet f'*Bibbja Saydon (1995)*, li mhumiex inklużi fil-lista mogħtija minn Saydon u sintendi lanqas fit-tabella, jinsabu pereżempju fi:

- Lev. 24:4 *imnara* ssir *gandlier*;
- Lev. 26:46 *ħaqq* issir *preċetti*;
- Lev. 26:46 *tusijiet* issir *digrieti*;
- Num. 7:25 *merżuq* issir *baċir* (f'*Tifsir* ir-referenza Num. 7:25 mhix inkluża mar-referenzi l-oħrajn fl-entrata tagħha mogħtijin minn Saydon);
- Num. 4:13 *xoqqa* ssir *drapp*;
- Num. 4:49 *wissieh* issir *ordnalu*.

It-tibdil li għamlet il-Kummissjoni MUSEUM hu intensiv u ħafna drabi sistematiku. Biex l-iskala tat-tibdil toħroġ fl-intier tagħha jeħtiġilha ssir analiżi komparattiva strutturali ta' kull vers fit-traduzzjoni oriġinali, xi ħaġa li kieku kellha ssir teħtieġ snin sħaħ biex titwettaq.

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Amar | Vassalli | Num. 32:25 | - jagħmlu l-qaddejja tiegħek kif **jordna** sidi |
| | | Eż. 17:1 | - timxi u tieqaf skond l-**ordni** tal-Mulej |
| | | Num. 22:18 | - ma nistax nikser l-**ordni** tal-Mulej |
| | | Eż. 36:6 | - U **ordna** Mosè, u ħarġu xandira fil-kamp |
| | | Eż. 38:21 | - li kien magħdud bl-**ordni** ta' Mosè |
| | | Num. 9:18 | - Bl-**ordni** tal-Mulej kienu jimxu wlied Israel |
| | | Num. 10:13 | - skond l-**ordni** li tal-Mulej b'Mosè |
| | | Num. 14:41 | - Għaliex tiksru l-**ordni** tal-Mulej? |
| | | Num. 23:20 | - Ara, biex inbierek jien ħadt l-**ordni** |
| Atar | Vassalli | Ġen. 13:3 | - **telaq għal fuq** triqtu |
| | | Ġen. 33:14 | - **bil-pass** tal-bhejjem |
| | | Lev. 13:28 | - **marka** tal-kiwja |
| | | Ġen. 30:30 | - **fejn imxew** riġlejja |
| | | Lev. 13:23 | - **marka** tat-tmur |
| Awl, Ewl | Vassalli | Ġen. 49:3 | - Ruben, int il-**kbir** tiegħi |
| | | Dt. 21:17 | - l-**ewwel** iben tiegħu |
| | | Num. 15:20 | - **ewl** l-għaġin tagħkom |
| | | Num. 15:21 | - **ewl** l-għaġin tagħkom |
| Barr | Soldanis | Ġen. 16:7 | - ħdejn għajn ilma fid-**deżert** |
| | | Ġen. 21:20 | - u għammar fid-**deżert** u sar qawwas |
| | | Ġen. 21:21 | - U għammar fid-**deżert** ta' Faran |
| | | Eż. 13:18 | - dawwar Alla l-poplu lejn triq id-**deżert** |
| | | Eż. 13:20 | - u waqfu f'Etam f'tarf tad-**deżert** |
| | | Lev. 7:38 | - jagħtu l-offerti tagħhom lill-Mulej fid-**deżert** ta' Sinaj |
| Barra | Vassalli | Lev. 26:43 | - l-art **mitluqa** minnhom |
| | | Lev. 26:44 | - fl-art l-għadu ma **warrabthom** |
| | | Num. 14:31 | - l-art li intom **warrabtu** |
| Behem | Soldanis | Eż. 29:20 | - is-**saba' l-kbir** ta' idhom |
| | | Lev. 8:23 | - is-**saba' l-kbir** ta' idu |
| | | Lev. 8:24 | - is-**saba' l-kbir ta' riġlu** (Lev. 8:23) |
| | | Lev. 14:14 | - is-**saba' l-kbir ta' idu** |
| Birek | | Ġen. 24:11 | - l-iġmla **jistrieħu** |
| | | Ġen. 49:9 | - **Birek**, **imtedd** bħal iljun |
| | | Num. 24:9 | - jinxteħed, **jimtedd** bħal iljun |
| | | Ġen. 41:43 | - u bdew jgħajtu quddiem: "**Abrek**" |
| Bkur | | Eż. 34:22 | - il-**bikri** tal-ħsad tal-qamħ |
| | | Eż. 23:19 | - L-**ewwel frott** ta' artek |
| | | Lev. 2:12 | - offerta tal-**bikri** |
| | | Lev. 2:14 | - offerta tal-**bikri** |
| | | Lev. 23:17 | - offerta tal-**bikri** |
| | | Lev. 27:26 | - l-**ewwel ferħ** tal-bhejjem ... hu **bikri** tal-Mulej |
| | | Num. 18:12 | - il-**bikri** li jagħtu lil Mulej |
| | | Ġen. 25:31 | - il-**primoġenitura** |
| | | Ġen. 25:31 | - il-**primoġenitura** |
| | | Ġen. 25:33 | - il-**primoġenitura** |
| | | Ġen. 27:36 | - il-**primoġenitura** |
| Bordi | | Eż. 2:3 | - qoffa tal-**papiru** |
| Bruka | | Ġen. 21:33 | - siġra tat-**tamarisk** |
| Darab | | Num. 14:12 | - **Nidrobhom** bil-pesta |
| | | Eż. 7:27 | - sa **nidrob** l-art tiegħek |
| | | Ġen. 12:17 | - **darab** il-Mulej |
| | | Eż. 9:15 | - u **drabt** lilek u l-poplu tiegħek |
| | | Eż. 12:12 | - u **nidrob** kull imwieled |
| | | Eż. 12:23 | - biex **jidrob** l-Eġizzjani |
| | | Eż. 17:5 | - li **drabt** bih in-Nil |
| | | Eż. 32:35 | - U **darab** il-Mulej lill-poplu |
| | | Lev. 26:24 | - **nidrobkom** jien ukoll seba' darbiet |
| | | Num. 8:19 | - ma jkunux ulied Israel **midrubin** |
| | | Num. 11:33 | - u **darbu** b'qirda kbira |
| | | Eż. 11:1 | - **Sawt** ieħor inżid inġib |
| | | Eż. 12:13 | - **nidrob** l-art ta' l-Eġittu |
| | | Ġen. 12:17 | - **darab** il-Mulej 'il Fargħun |
| Dbiba | Vassalli | Ġen. 1:24 | - l-bhejjem selvaġġi ta' l-art |
| | Magri | Ġen. 1:26 | - il-bhejjem fuq l-annimali selvaġġi kollha ta' l-art |
| | Falzon | Ġen. 7:14 | - ħlejjaq kollha ... fuq wiċċ l-art |
| | Caruana | Ġen. 7:21 | - bhejjem u annimali selvaġġi ... fuq l-art |
| | | Eż. 23:11 | - bhejjem tax-**xagħri** |
| | | Lev. 5:2 | - annimal selvaġġ imniġġes |
| Debaħ | Vassalli | Eż. 20:24 | - **sagrifiċċju** tiegħek tal-ħruq |
| | Taylor | Lev. 6:2 | - **sagrifiċċju** tal-ħruq |
| | | Eż. 18:12 | - **vittmi** maħruqa |
| | | Num. 23:6 | - l-**offerta** tiegħu maħruqa |
| | | Num. 23:17 | - l-**offerta** tiegħu maħruqa |
| | | Lev. 1:3 | - baqra maħruqa tkun l-**offerta** tiegħu |
| | | Ġen. 8:20 | - bhejjem ... u **ħaraqhom** fuq l-artal |
| | | Eż. 10:25 | - vittmi u **offerti** biex naħarquhom |
| | | Num. 23:30 | - **ħaraq** għoġol u muntun |
| | | Dt. 12:13 | - taħraq is-**sagrifiċċju** tiegħek |
| Dehen | Soldanis | Eż. 29:7 | - tieħu ż-żejt tal-**konsagrazzjoni** |
| | Vassalli | Eż. 25:6 | - ħwawar għaż-żejt tal-**konsagrazzjoni** |
| | | Eż. 29:7 | - tieħu ż-żejt tal-**konsagrazzjoni** |
| | | Eż. 29:21 | - miż-żejt tal-**konsagrazzjoni** |
| | | Lev. 10:7 | - żejt tal-**konsagrazzjoni** |
| | | Num. 4:16 | - żejt tal-**konsagrazzjoni** |
| Dejma | Soldanis | Ġen. 21:22 | - mexxej tal-**milizzja** |
| | | Ġen. 21:32 | - mexxej tal-**milizzja** |
| | | Ġen. 26:26 | - mexxej tal-**milizzja** |
| Delu | Vassallo | Num. 24:7 | - Ifur l-ilma mis-**satal** tiegħu |
| Demla | Soldanis | Lev. 13:18 | - fil-ġilda ta' ġismu **tumur** |
| | Falzon | Lev. 13:20 | - ġerħet il-ġdiem hi, imfaqqsa fit-**tumur** |
| | | Lev. 13:23 | - tebgħa ... tkun marka tat-**tumur** |
| | | Dt. 28:27 | - bl-**infafet** ta' l-Eġittu bil-morliti, bil-ġarab u bil-ħakk |
| Dewigħa | Vassalli | Ġen. 2:21 | - ħa waħda minn **kustiljih** |
| | Caruana | Ġen. 2:22 | - sawwar il-Mulej Alla l-**kustilja** |
| Dorbies | Vassalli | Ġen. 49:9 | - **Iljun** ferħ Ġuda |
| | | Num. 23:24 | - bħal mart l-**iljun** iqum |
| | | Num. 24:9 | - Jinxeħet, jimtedd bħal **iljun** |
| Fqad | Caruana | Dt. 20:5 | - ikellmu l-**uffiċjali** lill-poplu |
| | | Dt. 20:8 | - ikellmu l-**uffiċjali** lill-poplu |
| | | Dt. 20:9 | - ikellmu l-**uffiċjali** lill-poplu |
| Ġarab | Soldanis | Lev. 21:20 | - jew għandu l-**mard tal-ġilda** |
| | Vassalli | Dt. 28:27 | - bil-morliti, bil-**ġarab** u bil-ħakk |
| Ġemus | Saydon[10] | Num. 24:8 | - bħall-qawwa ta' **gendus** għalih |
| | | Dt. 33:17 | - qrun ta' **gendus** qrunu |
| Ġibha | Vassalli | Eż. 28:38 | - tkun fuq **ġbinu** dejjem |
| | | Lev. 13:41 | - waqagħlu min-naħa ta' **ġbinu** jkun fartas |
| | | Lev. 13:42 | - fi **ġbinu** ġerħa bajda |
| | | Lev. 13:43 | - fil-qorriegħa jew fi **ġbinu** |
| | | Lev. 13:44 | - **rasu** tkun il-ġerħa |
| Ġidd | Soldanis | Ġen. 17:7 | - minn **nisel** għal **nisel** |
| Ġiefi | Soldanis | Dt. 28:50 | - ġens ta' wiċċ **kiefer** |
| Għiba | Vassalli | Eż. 8:20 | - daħlet **qatgħa kbira ta'** dubbien |
| Hieb | | Num. 7:19 | - smid miblul fiż-żejt għall-**offerta** |
| | | Num. 7:43 | - smid miblul fiż-żejt għall-**offerta** |
| | | Num. 7:55 | - smid miblul fiż-żejt għall-**offerta** |
| | | Num. 7:61 | - smid miblul fiż-żejt għall-**offerta** |
| | | Num. 7:67 | - smid miblul fiż-żejt għall-**offerta** |
| | | Num. 7:73 | - smid miblul fiż-żejt għall-**offerta** |
| | | Num. 15:4 | - jagħti minn joffri l-**offerta** tiegħu |
| | | Ġen. 24:53 | - **għatjiet** li jqumu ta wkoll lil ħutha |
| | | Ġen. 25:6 | - tahom Abraham **għatjiet** |
| | | Ġen. 30:20 | - Tani Alla **għatja** tajba |
| | | Lev. 2:1 | - tas-smid tkun l-**offerta** tiegħu |
| Ħam | Vassalli | Ġen. 38:13 | - Ara, **missier żewġek** |
| | | Ġen. 38:25 | - bagħtet tgħid lil **missier żewġha** |
| | | Dt. 27:23 | - jimtedd ma' **omm martu** |
| Ħâmi | Soldanis | Num. 21:6 | - bagħat il-Mulej ... għall-poplu sriep **jaħarqu** |
| | | Dt. 8:15 | - art ta' sriep **jaħarqu** |

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Ħarb | Soldanis<br>Vassalli | Eż. 14:17<br>Eż. 14:9<br>Eż. 15:3<br>Eż. 15:4<br>Num. 21:14<br>Num. 22:11 | - b'nies it-**taqbid**<br>- nies it-**taqbid**<br>- Il-Mulej **gwerrier** qawwi.<br>- l-aħjar **ġellieda** tiegħu<br>- fi tkieb **taqbid** il-Mulej<br>- nista' **nħarrbu** u nkeċċih |
| Ħarreb | Soldanis<br>Vassalli | Ġen. 9:11<br>Ġen. 19:29<br>Num. 24:17 | - li ma jerġgax **jinqered** kull ħaj<br>- Imma meta **qered** Alla l-bliet<br>- u **jeqred** ulied il-kburija kollha |
| Ħâtem | Caruana | Ġen. 38:18<br>Ġen. 42:42<br>Eż. 35:22<br>Num. 31:50<br>Dt. 32:34 | - Is-**siġill** tiegħek<br>- qegħidlu f'għonqu **ħannieqa** tad-deheb<br>- ħoloq, ċrieket u **ħnienaq**<br>- ħoloq, ċrieket, imsielet u **ħnienaq**<br>- **issiġillat** fil-ħażniet tiegħi |
| Ħaten | Vassalli | Ġen. 17:11<br>Ġen. 17:12<br>Ġen. 17:13<br>Ġen. 17:14<br>Ġen. 21:4<br>Eż. 4:25<br>Lev. 12:3<br>Eż. 6:12<br>Eż. 6:30<br>Lev. 19:23 | - Tieħdu ċ-**ċirkonċiżjoni** f'ġisimkom<br>- Ta' tmint ijiem jieħu ċ-**ċirkonċiżjoni**<br>- jieħu ċ-**ċirkonċiżjoni** l-imwieled<br>- mhux **ċirkonċiż** ... ma jiħux iċ-**ċirkonċiżjoni**<br>- Abraham għamel iċ-**ċirkonċiżjoni**<br>- "Għarus id-demm," minħabba ċ-**ċirkonċiżjoni**<br>- tieħu t-tarbija ċ-**ċirkonċiżjoni**<br>- jien li m'iniex **maħtun** f'xufftejja<br>- jien m'iniex **maħtun** f'xufftejja<br>- frotthom fqisuh ...mhux **maħtun** |
| Ħawl | Vassalli | Eż. 33:22 | - għall-**kenn** tal-blata |
| Ħawlija | Soldanis | Ġen. 11:30<br>Ġen. 25:21<br>Ġen. 29:31<br>Eż. 23:26<br>Num:13:20 | - U kienet Saraj **bla wlied**<br>- Talab ... għal martu, għax kienet **bla wlied**<br>- baqgħet Raħel **bla wlied**<br>- mara **bla wlied**<br>- jekk l-art hix għammiela jew **ħawlija** |
| Ħiser | Caruana | Eż. 12:7<br>Eż. 12:22<br>Eż. 12:23<br>Eż. 21:6<br>Dt. 6:9 | - fuq il-**koxox** u fuq il-blata **tal-bieb**<br>- l-blata u l-**koxox tal-bieb**<br>- fuq il-blata u fuq il-**koxox tal-bieb**<br>- ħdejn il-**bieb** jew ħdejn il-**koxxa**<br>- fuq il-**koxox** ta' darek u fuq **bwiebek** |
| Ħorot | | Lev. 19:10<br>Dt. 24:21 | - La **taqtax il-frott kollu** tad-dwieli<br>- Meta **tqartaf** id-dwieli tiegħek |
| Ħoxba | Soldanis /<br>Vassalli | Ġen. 40:19 | - Fargħun... jgħallqek ma' **zokk ta' siġra** |
| Ħożża | Soldanis<br>Vassalli | Eż. 28:42<br>Lev. 6:3<br>Lev. 16:4<br>Eż. 28:43 | - U agħmlilhom **qliezet** tal-għażel<br>- jilbes il-**qalziet** tal-għażel<br>- u **qalziet** tal-għażel fuq il-laħam<br>l-ebda traċċa tat-terminu |
| Kejjen | Caruana | Lev. 26:41 | - Imbagħad **jumiljaw** il-qalb iebsa |
| Kenna | Vassalli | Ġen. 11:31<br>Ġen. 38:11<br>Ġen. 38:16<br>Ġen. 38:24<br>Lev. 18:15<br>Lev. 20:12 | - 'l Saraj **kenntu**, mart Abram<br>- U qal Guda lil Tamar, **mart bintu**<br>- Ma kienx jaf li hi **mart ibnu**<br>- Żniet Tamar **mart ibnek**<br>- L-għera ta' **mart ibnek** la tikxifhiex<br>- Jekk joqgħod wieħed ma' **mart ibnu** |
| Kibx | Vassalli | Ġen. 22:13<br>Ġen. 31:38 | - ħares u ra warajh **muntun**<br>- **mtaten** mill-imrieħel qatt ma kilt |
| Kien fuq | | Ġen. 1:16<br>Ġen. 1:18<br>Ġen. 41:40<br>Num. 3:32<br>Num. 7:2 | - biex **taħkem fuq**<br>- biex **jaħkmu fuq** in-nhar u fuq il-lejl<br>- Int **tkun fuq** dari<br>- **kien** hu **fuq** dawk kollha<br>- dawk li **kienu fuq** il-għadd |
| Kitf | Soldanis<br>Vassalli | Ġen. 21:14<br>Eż. 12:34<br>Num. 7:9 | - qegħidhomlha fuq **spallejha**<br>- mnatarhom fuq **spallejhom**<br>- kellhom jerfgħuhom fuq **spallejhom** |
| Kittien | Soldanis<br>Vassalli | Eż. 9:31<br>Eż. 28:42<br>Lev. 6:3 | - Il-**kittien** u x-xgħir tħarbtu<br>- U agħmilhom qliezet tal-**għażel**<br>- Jilbes il-qassis il-libsa tiegħu tal-**għażel** |

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Klika | Vassalli | Eż. 25:11<br>Eż. 25:25<br>Eż. 29:6<br>Lev. 8:9 | - **kuruna** tad-deheb madwarha<br>- u tagħmel **kuruna** tad-deheb lix-xkiel<br>- u l-**kuruna** mqaddsa fuq it-turbant<br>- il-biċċa rqiqa tad-deheb, **kuruna** mqaddsa |
| Kus | Soldanis<br>Vassalli | Ġen. 44:2<br>Eż. 25:29 | - il-**kies** tiegħi, il-kies tal-fidda<br>- u l-**kisien** tagħha u l-bwieqi |
| Lagħan | Vassalli<br>Caruana | Lev. 24:11<br>Lev. 24:15<br>Num. 5:21 | - dagħa ... u **seħtu**<br>- kull min **jisħet** lil Alla tiegħu<br>- mibegħda u **saħta** f'nofs il-poplu tiegħek |
| Lubien | Soldanis | Eż. 30:34<br>Lev. 2:1<br>Num. 5:15 | - gomma tal-ferla u **inċens** safi<br>- jsawwab fuqha żejtu u jqiegħed fuqha l-**inċens**<br>- u ma jferrexx fuqha l-**inċens** |
| Luħ | Soldanis<br>Vella | Eż. 26:15<br>Eż. 24:12<br>Eż. 34:1 | - U għamel it-**twavel** għall-Għamara ta' l-injam<br>- biex nagħtik it-**twavel** tal-ħaġar<br>- Fassal żewġ **twavel** tal-ħaġar |
| Mabħar | Vassalli | Lev. 10:1<br>Lev. 16:12 | - Qabdu ... **ċensier** kull wieħed<br>- Jieħu mbagħad iċ-**ċensier** mimli bil-ġamar |
| Maġra,<br>Miġra | Vassalli | Eż. 15:18 | - **reġġa'** l-Mulej **għal fuqhom** l-ilma tal-baħar (Eż. 15:19) |
| Mehel | Soldanis<br>Vassalli | Ġen. 33:14<br>Num. 14:18 | - u jien nimxi **bil-qajl**<br>- Il-Mulej **tqil biex** jagħdab |
| Merżaq | Soldanis | Eż. 27:3<br>Eż. 38:3<br>Num. 4:14 | - U tagħmillu **ħwat** għar-rmied<br>- il-**ħwat** għar-rmied<br>l-ebda traċċa tat-terminu |
| Middi | Vassalli | Num. 3:9<br>Lev. 7:14<br>Lev. 7:32<br>Num. 5:9 | - **mgħotijin** huwa lilu minn fost ulied Israel<br>- U minnhom **jagħti** waħda minn kull offerta, **għatja**<br>- **tagħtuha għatja** lill-qassis<br>- kull **għatja** minn kull ħaġa |
| Miegħer | Saydon<br>Vassalli | Num. 14:11<br>Num. 14:23<br>Num. 16:30 | - sa jdum **ma** jridx **jemmen** fija<br>- dawk kollha li **meruni** ma jarawhiex<br>l-ebda traċċa tat-terminu |
| Mifred | Saydon | Eż. 19:23 | - Aqta' **dawra madwar** il-ġebel |
| Moqbejl | Vassalli | Dt. 32:17 | - ġodda, **ftit ilu** ġew |
| Mrabbagħ | Saydon<br>Caruana | Eż. 27:1<br>Eż. 28:16<br>Eż. 30:2 | - **kwadru** jkun l-artal<br>- Tkun **kwadra** u mitnija<br>- driegħ twil u driegħ wiesa', **kwadru** |
| Mrid | Vassalli /<br>Saydon | Dt. 21:18 | - iben ta' ras iebsa u stinat, **ma jismax** kliem missieru |
| Nabi | Vassalli<br>Caruana | Ġen. 20:7<br>Eż. 7:1<br>Eż. 15:20 | - għax hu **profeta**<br>- Arun ħuk ikun il-**profeta** tiegħek<br>- U qabdet Marija l-**profetessa** |
| Naġar | Vassalli<br>Caruana | Eż. 31:5<br>Eż. 35:33 | - biex **jonqox** il-ħaġar tat-twaħħil u **jonġor** l-injam<br>- biex **jonqox** il-ħaġar tat-twaħħil u **jonġor** l-injam |
| Nataħ | Vassalli /<br>Caruana | Dt. 33:17 | - qrunu ... bihom il-popli **jidrob** |
| Nħas | Soldanis<br>Falzon | Ġen. 4:22<br>Eż. 25:3<br>Lev. 26:19<br>Num. 21:9<br>Dt. 8:9 | - l-għodda kollha tal-**bronż** u tal-ħadid<br>- deheb u fidda u **bronż**<br>- nagħmel ... l-art tagħkom bħal **bronż**<br>- U għamel Mosè serp tal-**bronż**<br>- u mill-iġbla tagħha taqta' l-**bronż** |
| Nisel | Soldanis<br>Falzon | Ġen. 2:4<br>Ġen. 5:1<br>Ġen. 6:9<br>Ġen. 10:1<br>Ġen. 11:10-27<br>Ġen. 25:12<br>Ġen. 25:19<br>Ġen. 36:1<br>Ġen. 37:2 | - Dan hu **nisel** is-sema.<br>-Dan hu ktieb in-**nisel** ta' Adam.<br>l-ebda traċċa tat-terminu<br>- Dan hu **nisel** ulied Noè<br>- Dan hu **nisel** Sem.<br>- Dan hu **nisel** Ismagħel<br>l-ebda traċċa tat-terminu<br>- Dan hu **nisel** Għesew<br>- ma' **wlied** Bilha u ma' **wlied** Żilfa |

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Għalla | Vassalli | Ġen. 4:3 | - ta' minn **uċuħ ir-raba'** |
| | Caruana | Ġen. 27:28 | - u l-**frott tal-art** |
| | | Ġen. 27:39 | - f'art bla **frott** |
| | | Lev. 19:23 | - **frotthom** qisuh bħala mhux maħtun |
| | | Dt. 7:13 | - frott ġufek u **frott artek** |
| | | Dt. 29:17 | - l-ebda **għerq** jarmi semm u absint |
| | | Dt. 28:30 | - tħawwel id-dwieli u le ma **tistgħallhom** |
| Għamm | Caruana | Lev. 10:14 | - iz-**ziju** ta' Arun |
| | | Lev. 20:20 | - Raġel li jersaq lejn mart **zijuh** |
| | | Lev. 25:49 | - jista' jifdih, jew **zijuh** |
| | | Num. 36:11 | - u żżewġu ... ma' wlied **zijiethom** |
| | | Eż. 6:20 | - U żżewweġ ... lil Jokebed, **oħt missieru** |
| | | Lev. 18:14 | - L-għera ta' ħu missierek ... lejn martu, **zitek** hi. |
| Għammân | Vass./Car. | Eż. 16:6 | - **Fil-għaxija** tagħrfu li l-Mulej |
| Għamuda | P. Magri | Eż. 13:21 | - jimxi quddiemhom f'**kolonna** ta' sħab |
| | (skont | Eż. 13:22 | - U **kolonna** tas-sħab bi nhar |
| | Saydon) | Num. 12:5 | - U niżel il-Mulej fil-**kolonna** ta' sħaba |
| | | Dt. 31:15 | - deher il-Mulej fit-tinda, f'**kolonna** sħab |
| Għanem | Saydon | Ġen. 20:14 | - **ngħaġ u baqar** |
| | | Ġen. 26:14 | - kellu **mrieħel** tan-ngħaġ u **mrieħel** tal-baqar |
| | | Lev. 1:10 | - Jekk tan-**ngħaġ** tkun l-offerta tiegħu |
| | | Dt. 12:6 | - frien tal-**baqar** tagħkom u tan-**ngħaġ** tagħkom |
| | | Dt. 12:17 | - friegħ tal-**baqar** tiegħek u tal-**imrieħel** tiegħek |
| Għaqba | Sol./Vass. | Dt:12:2 | - fuq l-iġbla l-għoljin, fuq l-**għoljiet** |
| Għaraġ | Caruana | Ġen. 32:32 | - u hu kien **izappap** f'koxxtu |
| | Vassalli | Lev. 21:18 | - min hu agħma, **zopp**, nieqes f'ġismu |
| Għarb | Soldanis | Eż. 27:12 | - fil-wisa' tal-bitħa, in-naħa tal-**punent** |
| | | Num. 34:6 | - Min-naħa tal-**punent** ikollkom b'tarf |
| | | Dt. 3:27 | - erfa' għajnejk lejn il-**punent** |
| | | Dt. 11:24 | - mix-xmara Ewfrat sal-Baħar tal-**Punent** |
| Għarib | | Ġen. 12:10 | - jgħammar hemm bħala **għarib** |
| | | Ġen. 15:13 | - Kien af tajjeb li **għarib** ikun nislek |
| | | Eż. 2:22 | - Jien **għarib** f'art barranija |
| | | Eż. 20:10 | - u la l-**għarib** li jkun jgħammar miegħek |
| | | Lev. 16:29 | - lanqas l-**għorba** li jgħammru f'nofskom |
| | | Num. 15:15 | - Liġi waħda għalikom u għall-**għarib** |
| | | Dt. 10:19 | - ħobbu l-**għarib**, għax għorba kontu fl-art ta' l-Eġittu. |
| | | Lev. 25:6 | - u lill-**għorba** li qegħdin miegħek |
| | | Eż. 12:19 | - sewwa l-**għarib** sewwa l-imwieled fl-art |
| | | Dt. 17:15 | - ma tistax tqiegħed wieħed **barrani**, li mhux minn ħutek |
| | | Ġen. 47:9 | - fil-jiem li **damu jiġġerrew** |
| Għarras | | Lev. 19:23 | - u **tħawlu** minn kull siġar ta' l-ikel |
| | | Dt. 28:39 | - **Tħawwel** id-dwieli u taħdimhom |
| Għawl | Caruana | Ġen. 31:36 | - X'**ħażen** hu tiegħi, x'inhi l-ħtija tiegħi |
| | | Lev. 19:15 | - La **tgħawwiġx fil-ħaqq** |
| | | Lev. 19:35 | - La **tgħawġux fil-ħaqq** |
| | | Num. 23:21 | - ma jilmaħx **ħażen** f'Ġakobb |
| | | Dt. 25:16 | - 'il kull min **jagħmel il-qerq** |
| | | Dt. 32:4 | - u bla **għawl**, tal-ħaqq u tas-sewwa Hu |
| Għaxxar | Vassalli | Dt. 14:22 | - **Tgħaxxar** il-ġabra kollha tal-miżergħa |
| Għelm | Vassalli | Ġen. 1:14 | - jkunu **sinjali** għall-għajjieda |
| | | Ġen. 4:15 | - Qiegħed il-Mulej **sinjal** lil Qajin |
| | | Eż. 3:12 | - u dan ikunlek **sinjal** li jien bgħattlek |
| | | Num. 2:2 | - u taħt is-**sinjal** ta' daru |
| Għorab | Soldanis | Ġen. 8:6 | - fetaħ Noè t-tieqa ... u telaq iċ-**ċawlun** (Ġen. 8:7) |
| Għorma | Soldanis | Eż. 22:5 | - u jinħarqu l-**qatet** |
| | Caruana | Eż. 15:8 | - qamu bħal **gods il-gliegel** |
| Qabil | Soldanis | Ġen. 10:5-32 | - skond it-**tribuwijiet** tagħhom |
| | Caruana | Ġen. 36:5-43 | - huma **wlied** Għasaw li twieldulu f'art Kangħan |
| | | Ġen. 36:16-30 | - ras it-**tribù** ta' |
| | | Ġen. 49:16 | - kull **qabil** ta' Israel |
| | | Ġen. 49:28 | - Dawn kollha huma t-tnax il-**tribù** ta' Israel |
| | | Eż. 24:5 | - U bagħat żgħażugħ minn **ulied** Israel |

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Qadib | Soldanis | Ġen. 49:10 | - u **ħatar** il-ħakma minn bejn riġlejh |
| Qajd | Vassalli | Lev. 26:13 | - kissirt **irbit il-madmad** tagħhom |
| Qalgħa | | Eż. 27:9-15 | - Tagħmel ukoll ... **qlugħ** tal-għażel mibrum |
| Qâna | Soldanis | Eż. 7:19 | - fuq is-**swieqi** tagħhom |
| | Vassalli | Eż. 8:1 | - fuq is-**swieqi** u fuq l-għadajjar |
| Qarħ | Saydon | Lev. 13:30-37 | - għandu l-falza, **ġdiem** tar-ras jew tad-daqna |
| | | Lev. 14:54 | - kull mard ta' **ġdiem** u ħakk |
| Qasdir | Soldanis | Num. 31:22 | - Id-deheb, il-fidda, l-bronż, il-ħadid, l-**istann**, iċ-ċomb. |
| | Vassalli | | |
| Qdieħ | Vassalli | Eż. 25:29 | - U tagħmlu l-**platti** tagħha |
| | | Eż. 37:16 | - il-kwies tagħha u l-**platti** tagħha |
| | | Num. 4:7 | - l-imgħaref, il-**platti** u l-kwies |
| | | Num. 7:13 | - **platt** tal-fidda jiżen mija u tletin sekel |
| Raħħam | Soldanis / Caruana / Saydon | Ġen. 43:14 | - inissel **ħniena** f'dak ir-raġel |
| Raħħas | Vassalli / Caruana | Num. 17:23 | - u kien **warrad**, ħareġ il-ġewż, fetaħ iż-żahar u sajjar il-lewż |
| Rbigħa | Soldanis | Eż. 29:40 | - bi **kwart** ta' hin żejt ... tiswiba ta' **kwart** ta' hin inbid |
| | Saydon | Lev. 23:13 | - tiswiba ta' **kwart** ta' hin inbid |
| | | Num. 15:4 | - efa smid mibxux bi **kwart** ta' hin żejt |
| Riegħi | Caruana | Dt. 32:14 | - demm l-għeneb **riegħi** kont tixrob |
| Rsal | Saydon | Ġen. 32:4 | - Bagħat Ġakobb **messaġġiera** |
| | Vassalli | Ġen. 32:7 | - Regħu l-**messaġġiera** ġew għand Ġakobb |
| | Caruana | Num. 20:14 | - Bagħat Mosè **messaġġiera** minn Qades |
| | | Dt. 2:26 | - U jien bgħatt **messaġġiera** mix-xagħri |
| Rsas | Vassalli | Eż. 15:10 | - għarqu bħaċ-**ċomb** f'ilma qawwi |
| | | Num. 31:22 | - Id-deheb, il-fidda, il-bronż, il-ħadid, l-istann u ċ-**ċomb**. |
| Saflieni | Caruana | Ġen. 6:6 | - **ta' isfel**, it-tieni u t-tielet |
| | | Dt. 32:22 | - u ħaraq sal-qiegħ **t'isfel** |
| Sarsur | Vassalli | Dt. 28:42 | - Is-siġar ... u l-frott ta' artek jeħodhom il-**ġurat** |
| Sebt | Soldanis | Num. 21:18 | - bix-**xettru**, bil-oħtra tagħhom |
| | Caruana | Num. 24:17 | - u jqum **xettru** minn Israel |
| | Saydon | | |
| Sedq | Vassalli | Ġen. 30:33 | - U jixhed għalija s-**sewwa** tiegħi għada |
| | Caruana | Dt. 6:25 | - U jkun għalina s-**sewwa** tagħna |
| | | Dt. 9:4-6 | - jew is-**sewwa** ta' qalbek |
| | | Dt. 33:19 | - hemm joffru s-sagrifiċċji tas-**sewwa** |
| | | Dt. 33:21 | - **ġustizzja** l-Mulej għamel |
| Sefaħ | Soldanis / | Eż. 39:3 | - U għamlu d-deheb **folji** rqaq |
| | Vassalli / | Num. 17:4 | - u għamilhom **folji** għall-kisi ta' l-artal |
| | Caruana | | |
| Seħwa | | Ġen. 43:12 | - għandu mnejn kien **żball** |
| | | Lev. 4:2 | - Meta jidneb xi ħadd b'**aljenazzjoni** |
| | | Lev. 4:13 | - Jekk tidneb b'**aljenazzjoni** |
| | | Lev. 22:27 | l-ebda traċċa tat-terminu |
| Sħiħ | Soldanis | Lev. 1:3 | - jagħtiha raġel u **bla għajb** |
| | Vassalli | Num. 6:14 | - ħaruf ta' dik is-sena, **bla għajb** |
| | | Num. 19:2 | - baqra ħamra bla **ebda għajb** |
| Siba | Vassalli | Ġen. 34:29 | - U ġidhom kollu ... it-tfal ... u n-nisa tagħhom **qabduhom** |
| | | Num. 31:9 | - U **ħatfu** wlied Israel in-nisa Midjanin |
| | | Dt. 21:10 | - u **jerħihomlok** il-Mulej ... f'idejk |
| | | Dt. 28:41 | - għax imorru **fil-jasar** |
| | | Num. 14:3 | - u **jitjassru** n-nisa tagħna u t-tfal tagħna |
| | | Num. 14:31 | - li intom għidtu se jsiru **lsiera** ta' ħaddieħor |
| | | Num. 31:12 | - u ġibu għand Mosè ... il-**qabda** |
| | | Ġen. 31:26 | - soqt il-bniet tiegħek bħal **maqbudin** fil-gwerra? |

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Siel | Soldanis<br>Vassalli | Eż. 22:24 | - tkunx miegħu bħal **wieħed li għandu jieħu** |
| Slân | Vassalli | Dt. 19:14<br>Dt. 27:17 | - il-**plieri** tar-raba' ta' għajrek<br>- Misħut min iħarrek il-**plieri** tar-raba' |
| Stâd | Vassalli<br>Caruana | Ġen. 27:5<br>Ġen. 27:33<br>Ġen. 25:27<br>Ġen. 25:28<br>Ġen. 27:19<br>Ġen. 27:25<br>Ġen. 27:30<br>Ġen. 27:31<br>Ġen. 27:3<br>Ġen. 27:6<br>Ġen. 27:33<br>Ġen. 10:9 | - Telaq Għesaw għar-raba', biex **jaqbad x'iġib**<br>- min hu dak li qabad **kaċċa** u ġiebli<br>- u sar Għesaw raġel jinqala' għall-**kaċċa**<br>- għax kienet togħġbu l-**kaċċa**<br>- qum, isa, bil-qiegħda u kul mill-**kaċċa** tiegħu<br>- Ressaqli ħa niekol mill-**kaċċa** ta' ibni<br>- ġie Għesaw ħuh bil-**kaċċa** tiegħu<br>- Iqum missieri u jiekol mill-**kaċċa** ta' ibnu<br>- u oħroġ fir-raba', aqbadli xi **kaċċa**<br>- Ġibli l-kaċċa u sajjarhieli tajjeb (Ġen. 27:7)<br>- Mela min hu dak li qabad il-**kaċċa**<br>- Hu kien **kaċċatur** kbir f'għajnejn il-Mulej |
| Stgħâd | Saydon | Ġen. 18:4 | - u nġib fitt ħobż, u **trejqu** (Ġen. 18:5) |
| Tabal | Soldanis /<br>Vassalli<br>Falzon | Ġen. 31:27<br>Eż. 15:20 | - b'daqq it-**tanbur** u ċ-ċetra?<br>- U qabdet ... it-**tanbur** f'idha |
| Tahax | Saydon | Eż. 25:5<br>Eż. 35:23 | - u ġlud ta' l-imtaten ... u ġlud tat-**taħas**<br>- u ġlud ta' l-imtaten ... jew ġlud tat-**taħas** |
| Tajfa | Vassalli | Eż. 6:26<br>Num. 1:3<br>Num. 1:52 | - ulied Israel ... fil-**qtajja'** tagħhom<br>- tgħodduhom **qatgħa**, **qatgħa**<br>- kulħadd taħt il-bandiera tiegħu, **qatgħa**, **qatgħa** |
| Tarad | Soldanis<br>Falzon<br>Caruana | Lev. 26:36<br>Lev. 26:37<br>Dt. 32:30 | - u jaqgħu bla ma **jiġri** ħadd **warajhom**<br>- u min **jiġri warajhom** m'hemmx<br>- Kif jista' wieħed **jagħmel wara** elf |
| Tebaħ | Soldanis /<br>Vassalli /<br>Saydon | Ġen. 43:16 | - oqtol xi bhima u **ħejji**, għax miegħi sa jieklu |
| Telliesa | Vassalli | Ġen. 42:25 | - li jimlewlhom ix-**xkejjer** bil-qamħ |
| Teraħ | Saydon | Ġen. 21:15<br>Eż. 32:19 | - **telqet** it-tifel taħt waħda mis-siġar<br>- u **teraħ** minn idejh it-twavel |
| Teraq | Caruana<br>Vassalli | Num. 17:3 | - agħmluhom **folji mmartellati** bied jiksu l-artal |
| Tewa | Soldanis<br>Vassalli | Num. 11:4<br>Num. 11:34 | - **kilbet** għall-ikel, u bdew jibku wlied Israel<br>- għax kienu midfunin il-mejtin tal-**kilba** |
| Thir | Sol./Vass. | Dt. 28:27 | - Jolqtok il-Mulej bl-infafet ... bil-**morliti** |
| Watar | Soldanis<br>Vassalli | Ġen. 4:21<br>Ġen. 31:27 | - dawk li jdoqqu l-**kordi** u s-sfafa<br>- b'daqq tat-tanbur u ċ-**ċetra**? |
| Wennes | Soldanis /<br>Caruana /<br>Vassalli | Ġen. 18:16 | - Abraham **miexi magħhom** biex **jurihom it-triq** |
| Wild | Soldanis | Ġen. 21:8<br>Eż. 13:13 | - U kibret it-**tarbija** u nfatmet<br>- Kull l-ewwel **wild** tal-bniedem f'uliedek |
| Wilġa | Sol./ Vass. | Ġen. 13:10-12 | - u ra l-**wita** kollha tal-Ġurdan |
| Wited | Caruana | Eż. 27:19<br>Dt. 23:14 | - u l-**imsiemer** kollha tagħha u l-**imsiemer** kollha tal-bitħa<br>- u jkollok ukoll biċċa **għuda** |
| Xaħħat | Caruana | Lev. 26:32<br>Lev. 26:43<br>Num. 32:15<br>Dt. 9:26<br>Lev. 26:31 | - **Inħarbat** l-art tagħkom<br>- meta tkun minnhom **imħarbta**<br>- u **teqirdu** intom dawn in-nies kollha<br>- Ja Mulej, Alla, la **xxaħħatx** il-poplu<br>- Blietkom nagħmilhom **ħerba** |
| Xâl | Caruana<br>Vassalli<br>Saydon | Num. 32:13<br>Ġen. 4:12<br>Ġen. 4:14 | - u ħalliehom **jiġġerrew** fix-xagħri<br>- **tiġġiera** u maħrub tkun fl-art<br>- inkun **niġġiera** u maħrub fl-art |

| Lista f'*Tifsir* | Sorsi lessiko-grafiċi | Referenzi bibliċi f'*Tifsir* | Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*[8] |
|---|---|---|---|
| Xejb | Vassalli | Ġen. 42:38<br>Ġen. 44:29<br>Ġen. 44:31<br>Lev. 19:32<br>Dt. 32:25 | - tniżżlu **xjuħiti** bil-għali fil-qabar<br>- tniżżlu **xjuħiti** bil-għali fil-qabar<br>- ix-**xjuħija** tal-qaddej tiegħek<br>- Quddiem ix-**xjuħija** tqum u tweġġaħ<br>- it-tarbija max-**xejbien** |
| Xekel | Saydon | Ġen. 23:16<br>Ġen. 24:22<br>Eż. 21:32<br>Lev. 27:3-7<br>Eż. 30:13 | - erba' mitt **sekel** tal-fidda<br>- jiżnu għaxar **skiel** tad-deheb (Saydon juża *xwiekel*)<br>- iħallas tletin **sekel** tal-fidda<br>- ħamsin **sekel** tal-fidda<br>- nofs **sekel**, skond is-**sekel** imqaddes |
| Xela | Falzon /<br>Caruana /<br>Soldanis /<br>Vassalli | Ġen. 42:9-34 | - **Spjuni** intom biex titkixxfu għeret l-art ġejtu |
| Xena | Vassalli /<br>Caruana | Ġen. 26:27 | - Intom **bgħadtuni** u bgħattuni minn għandkom |
| Xegħta | | Dt. 28:22 | - bin-**nixfa**, bir-riħ jaħraq |

Fir-raba' kolonna "Sostituzzjonijiet misjubin f'*Bibbja Saydon (1995)*", il-kliem b'tipa grassa ħamra jirreferi għat-tibdiliet magħmulin mill-Kummissjoni MUSEUM, filwaqt li qed inħalli l-inkonsistenzi tagħha jidhru b'tipa grassa blu skur.

Biex, fl-ispazju limitat li għandna, joħroġ l-effett tat-tifsir semantiku li jirriżulta mit-tibdil lessikali u f'ċerti mumenti morfosintattiċi fuq it-traduzzjoni oriġinali qed nagħti hawnhekk żewġ eżempji biss li fihom jitqabblu ż-żewġ verżjonijiet. Permezz tagħhom, se nkunu nistgħu nieħdu idea tal-effett li t-tibdil iħalli fuq it-test oriġinali.

**Eżempju 1: Lev. 6:1-6**

*Kellem il-Mulej lil Mosè u qal:* ***Wissi*** *lil Arun u lil uliedu u għidilhom: Din hi l-liġi* ***ta' debħet il-****ħruq; tinħaraq* ***id-debħa*** *fuq il-maġmar fuq il-****midbaħ*** *il-lejl kollu sas-sebħ, u n-nar tal-****midbaħ*** *jibqa mqabbad fih. Jilbes il-qassis il-libsa tiegħu tal-****kittien****, u jilbes il-****ħożża*** *tal-****kittien*** *għal-laħam, u jerfa' r-rmied* ***tad-debħa*** *maħruqa bin-nar fuq il-****midbaħ*** *u jqiegħdu ma' ġenb il-****midbaħ****. Imbagħad jinża' ħwejġu u jilbes ilbies ieħor, u joħroġ ir-rmied il-barra mill-kamp, f'imkien nadif. In-nar ta' fuq il-****midbaħ*** *jibqa' jixgħel fuqu, ma jintefiex, u jaħraq fih il-qassis ħatab kull fil-għodu u jgħammar fuqu* ***debħiet il-****ħruq, u jaħraq fuqu x-xaħam* ***debħiet is-****sliem. Nar dejjem jixgħel fuq il-****midbaħ****; ma' jintefa qatt.* (Saydon 1930)

*Kellem il-Mulej lil Mosè u qal:* ***Ordna*** *lil Arun u lil uliedu u għidilhom: Din hi l-liġi* ***tas-sagrifiċċju tal-****ħruq; tinħaraq* ***il-vittma*** *fuq il-maġmar fuq l-****artal*** *il-lejl kollu sas-sebħ, u n-nar ta' l-****artal*** *jibqa' mqabbad fih. Jilbes il-qassis il-libsa tiegħu tal-****għażel****, u jilbes il-****qalziet*** *tal-****għażel*** *għal-laħam, u jerfa' r-rmied* ***tal-vittma*** *maħruqa bin-nar fuq l-****artal*** *u jqiegħdu ma' ġenb l-****artal****. Imbagħad jinża' ħwejġu u jilbes ilbies ieħor, u joħroġ ir-rmied 'il barra mill-kamp, f'imkien nadif. In-nar ta' fuq l-****artal*** *jibqa' jixgħel fuqu, ma jintefiex, u jaħraq fih il-qassis ħatab kull fil-għodu u jgħammar fuqu l-****vittma tal-****ħruq, u jaħraq fuqu x-xaħam* ***tas-sagrifiċċji tas-****sliem. Nar dejjem jixgħel fuq l-****artal****; ma' jintefa qatt.* (Bibbja Saydon (1995))

**Eżempju 2: Num. 7:24-29**

*It-tielet jum,* ***ir-rajjes*** *ta' wlied Żabulun, Eljab, bin Ħelon; kienet il-għatja tiegħu* ***qdieħ*** *tal-fidda jiżen mija u tletin* ***xekel****, u* ***merżaq*** *tal-fidda ta' sebgħin* ***xekel****, b'użin il-maqdes, it-tnejn mimlijin bis-smid miblul fiż-żejt għall-****imħiba****, bieqja tad-deheb ta' għaxar* ***xwiekel*** *mimlija* ***bil-bħur****; għoġol,* ***kibx****, ħaruf ta' dik is-sena għal ħruq; bodbod* ***għal debħet il-****ħtija; u* ***għal debħet is-****sliem żewġ baqriet, ħames* ***kbiex****, ħames* ***utiet*** *u ħames ħrief ta' dik is-sena. Din hi l-għatja ta' Eljab, bin Ħelon.* (Saydon 1931).

*It-tielet jum,* ***il-mexxej*** *ta' wlied Żabulun, Eljab, bin Ħelon; kienet il-għatja tiegħu* ***platt*** *tal-fidda jiżen mija u tletin* ***sekel****, u* ***baċir*** *tal-fidda ta' sebgħin* ***sekel****, b'użin il-maqdes, it-tnejn mimlijin bis-smid miblul fiż-żejt għall-****offerta****, bieqja tad-deheb ta' għaxar* ***swiekel*** *mimlija* ***bl-inċens****; għoġol,* ***muntun****, ħaruf ta' dik is-sena għal ħruq; bodbod* ***għas-sagrifiċċju tal-****ħtija; u* ***għas-sagrifiċċju tas-****sliem żewġ baqriet, ħames* ***imtaten****, ħames* ***bdabad*** *u ħames ħrief ta' dik is-sena. Din hi l-għatja ta' Eljab, bin Ħelon.* (Bibbja Saydon (1995)).



Minn dak li qed jidher fit-tabella u fiż-żewġ eżempji minn *Levitiku* u *Numri*, ikkonkludejt li l-metodoloġija li użat il-Kummissjoni MUSEUM kienet fil-biċċa l-kbira tal-każijiet sempliċement li jiġi sostitwit it-tifsir tal-kliem arkajku fit-traduzzjoni oriġinali tal-Pentatewku bis-sinonomi ekwivalenti tagħhom li jinftiehmu b'mod aktar faċli mogħtija f'*Tifsir* minn Saydon innifsu fl-1931.

Bħal speċi, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li ladarba Saydon qed joffri dawn is-sinonimi f'*Tifsir*, hu ma kienx se jsib oġġezzjoni għalihom fl-editjar ulterjuri tal-1995! Billi *Tifsir* jinkludi biss ħames kotba minn 73 ktieb wieħed jista' jimmaġina l-iskala tal-editjar f'*Bibbja Saydon (1995)*. Ċertament, editjar li għal Saydon f'ħajtu żgur li kien ikun anatema għalih. Kif insibu f'Sciberras (2021):

> "Dun Karm Sant, fid-*Diskors ta' għeluq f'ġieħ il-Prof. P.P. Saydon mir-Rev. Prof. Dun Karm Sant*, ippubblikat f'*Leħen il-Malti* 60/27 (1991:22), jgħid bla tlaqliq, "Ma ried ibiddel assolutament l-ebda kelma!" Il-Professur Oliver Friġġieri wkoll jikteb li Saydon qatt ma ried li xi ħadd imisslu mqar kelma waħda biss mit-traduzzjoni tiegħu."[11]

Effettivament, bis-sostituzzjonijiet tagħha l-Kummissjoni MUSEUM ġabet fix-xejn dak li Saydon tant stinka, ħadem u seħaq fuqu biex iwassal it-traduzzjoni tiegħu.

Is-sostituzzjonijiet li niltaqgħu magħhom f'*Bibbja Saydon (1995)* tellfu l-unità u l-preċiżjoni formali li għandha t-traduzzjoni oriġinali li Saydon tant jagħti prova tagħhom f'xogħlu. Bħalma jgħid Bezzina, f'Kapitlu 13 — L-Aspett Xjentifiku tat-Traduzzjoni ta' Saydon, "l-eżattezza u l-eleganza letterarja huma ż-żewġ prinċipji li mexxew it-traduttur fix-xogħol tiegħu."[12]

Saydon ta' studjuż prim tal-ilsna Semitiċi[13] kien konxju mix-xebh kbir li jeżisti bejn il-Malti u l-Lhudi. Għalhekk, ra li seta' jittraduċi b'mod formali t-Testment il-Qadim kemm fil-livell sintattiku kif ukoll f'dak lessikali. B'hekk, konsistentament matul it-traduzzjoni tiegħu, żamm kemm mas-sintassi tal-Lhudi/Ebrajk u tal-Aramajk kif ukoll ma' lessiku Malti Semitiku li b'xi mod jew ieħor joqrob lejhom.

Fil-każ tas-sintassi induna bil-flessibbiltà tal-Malti bħala lingwa Semitika, li kienet se tippermettilu juża s-sintassi tal-Verb-Suġġett-Oġġett (VSO) imħaddma fit-test oriġinali Semitiku tat-Testment il-Qadim, minkejja l-fatt li, sinkronikament, l-ordni tal-kostitwenti VSO f'sentenza mhux immarkata tal-Malti kontemporanju hija fost l-inqas grammatikali.[14] B'hekk, fit-testi bibliċi, kif mogħtijin minn Saydon, is-sintassi VSO għandha s-setgħa li tixħet l-enfasi fuq il-verb fil-bidu tas-sentenza, imbagħad fuq l-aġent ta' dak il-verb.

Fil-każ tal-lessiku, minkejja l-influss ta' kliem Rumanz li daħal matul is-sekli fil-Malti wara t-tmiem tal-ħakma Għarbija, Saydon kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-lessiku misjub fost oħrajn f'Vassalli[15] u f'Caruana[16], iż-żewġ intermedjarji ta' Agius de Soldanis[17], li mid-dizzjunarji tagħhom silet kemm felaħ kliem Semitiku. Is-self lessikali tiegħu minn Vassalli u Caruana hu tant intensiv li nasal biex ngħid li fit-traduzzjoni tiegħu Saydon mhuwiex għajr il-ventrilokwu tagħhom. U għax Saydon għaraf dawn iż-żewġ vantaġġi kbar, li seta' jisfruttahom billi kien qed jittraduċi minn lingwa Semitika għal lingwa Semitika oħra, irnexxielu permezz tat-traduzzjoni formali joħloq opra letterarja u stil oriġinali fil-kitba bil-Malti li llum il-ġurnata hu assoċjat ma' ismu.

Il-limitu lessikali bibliku kien vantaġġ kbir ieħor għal Saydon fit-traduzzjoni tiegħu. Jekk neskludu (a) l-ismijiet tal-postijiet u tal-persunaġġi; (b) in-neoloġiżmi (li l-biċċa l-kbira tagħhom jikkonsistu fl-ismijiet tal-muniti u tal-piżijiet); (ċ) il-kliem grammatikali (l-artikli, il-prepożizzjonijiet, il-pronomi, eċċ.) li għandu jingħadd darba biss bħala kelma waħda fil-forom kollha tagħha; (d) il-verbi fil-forom ikkonjugati tagħhom, li wkoll għandhom jitqiesu bħala kelma waħda biss abbażi tal-mamma tagħhom; nispiċċaw forsi b'anqas minn elfejn kelma li permezz tagħhom hu minsuġ it-test bibliku fit-test Malti. Elfejn kelma għandhom imnejn jidhru ftit imma l-possibbiltajiet tal-permutazzjonijiet u l-kommutazzjonijiet tagħhom jagħmluhom kważi infiniti. Il-lessiku bibliku limitat[18] ma jnaqqas bl-ebda mod il-mertu ta' Saydon, hu biss sempliċement stat ta' fatt.

Id-dilemma ta' Saydon kienet jekk it-traduzzjoni tiegħu kellhiex tkun waħda letterarja, xjentifika u lingwistika li toqrob lejn it-test tal-udjenza primarja jew kellhiex tkun waħda komunikattiva għall-użu liturġiku ta' udjenza sekondarja kontemporanja mat-traduzzjoni tiegħu. Kif jikteb tajjeb Sciberras:

> "Minn naħa Saydon kien marbut mill-metodu ta' traduzzjoni tal-Bibbja fi żmienu — traduzzjoni formali — u min-naħa l-oħra dik imbuttata minn viżjoni ta' teoriji alternattivi ta' traduzzjoni, ewlenija fosthom dik ta' traduzzjoni iktar funzjonali jew dinamika. Din tal-aħħar ixxaqleb lejn qbil tat-testi li jintlaħaq min-nies, appuntu, traduzzjoni popolari bbażata fuq l-ekwivalenza dinamika ta' diskors mitkellem iktar milli fuq il-korrispondenza formali bejn it-traduzzjoni u t-test oriġinali..."[19]

Saydon b'kuraġġ kbir għażel it-triq tat-traduzzjoni akkademika. Mill-banda l-oħra wieħed jifhem li għal raġunijiet prattiċi, it-traduzzjoni akkademika tiegħu għall-Knisja ma kinitx utli għal-liturġija.



Prof. Pietru Pawl Saydon

B'hekk xogħlu twarrab mill-knejjes. Il-Kummissjoni MUSEUM, wara mewtu, ippruvat tirranġa fit-traduzzjoni tiegħu dawk in-nuqqasijiet li sabet il-Knisja biex sintendi l-opra letterarja ta' Saydon ma tintesiex.

Madankollu l-kompromessi li għamlet il-Kummissjoni MUSEUM ċaħħdu lill-istudjużi tal-ilsien Malti mit-traduzzjoni ta' Saydon fil-forma oriġinali tagħha. Fuq kollox ċaħdet dak kollu li Saydon kien jemmen fih.

Hu verament inaċċettabbli li dan it-tibdil tħalla jsir meta wieħed iqis li l-istess membri tal-Kummissjoni kienu konxji tal-insistenza ta' Saydon dwar kwalunkwe editjar fit-traduzzjoni tiegħu u li l-istess Kummissjoni MUSEUM , hi u tfakkar is-sena ċentinarja mit-twelid tiegħu, fil-*Kelmtejn Qabel* tal-edizzjoni tal-1995 tiddikjara b'mod ċiniku:

> "Dehrilna li ma stajniex nagħtu kontribut iżjed xieraq lil Saydon. L-ikbar monument li jfakkar lil dan il-Biblista Malti magħruf mad-dinja huwa li nżommu ħajja t-traduzzjoni klassika mill-ilsna oriġinali li waħdu ħadem fuqha matul ħajtu kollha minkejja t-tfixkil li sab."[20]

Traduzzjoni tal-kalibru li joffrilna Saydon, anki jekk nikkonċedu li hemm spażju għall-verżjonijiet ibridi adattati tagħha, jeħtiġilha fuq kollox tibqa' aċċessibbli fil-forma oriġinali intatta tagħha biex jinżamm dak li Saydon dejjem emmen fih.

It-traduzzjoni tiegħu hi opra letterarja unika u mument partikulari fl-istorja lingwistika ta' lsienna.

F'dan is-sens, l-akbar ġieħ li s-Soċjetà MUSEUM setgħet tat u għad tista' tagħti lil Saydon tal-fiduċja li kellu fiha hu li attwalment b'xi mod sew diġitali sew stampat toffri lill-pubbliku replika intatta tat-traduzzjoni kif insibuha fl-edizzjonijiet ippubblikati minnu u fil-maniskritti tiegħu.

It-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti ta' Saydon hi *tour de force* kumplessa li tiddefinixxih bħala traduttur u biblista b'reputazzjoni unika.

Il-fatt, li f'ħajtu, hu rrifjuta b'mod intransiġenti t-talbiet li sarulu biex jibdel xi aspetti fit-traduzzjoni tiegħu, u l-pożizzjoni tiegħu dwar kif u dak li ttraduċa, jagħtu ħjiel tal-importanza li l-Malti bħala lingwa kellu għalih f'kull aspett.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-isforzi letterarji, lingwistiċi u xjentifiċi li wassluh biex qaleb il-Bibbja mil-lingwi oriġinali ħolqu stil ġdid ta' kitba fil-Malti letterarju speċifikament f'dak li jirrigwardja s-sintassi, il-lessiku u l-morfoloġija.

B'hekk xogħol Mons. Pietru Pawl Saydon jeħtieġlu jibqa' ppreservat talikwali kif kien ippubblikat minnu nnifsu bejn l-1928 u l-1959.




Kull tbagħbis ulterjuri, anki jekk biex jissewwew żbalji ortografiċi, tipoloġiċi, inkonsistenzi, omissjonijiet eċċ., fit-traduzzjoni tiegħu jwassal biss għal verżjoni inferjuri tat-traduzzjoni oriġinali mogħtija minnu fit-tletin sena li dam jittraduċi l-Bibbja.

Kull "progress" fit-traduzzjoni Saydon mhux għajr rigress; xogħlu jeħtieġlu jibqa' talikwali bla ma jiġi mittiefes minn kif ippubblikah hu. Pietru Pawl Saydon kien jemmen li bħala traduttur kien sovran ta' xogħlu u li hu biss kellu l-awtorità li jimmodifikah kif u fejn jidhirlu.

*Paul Zahra hu traduttur tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell. Hu magħruf ukoll, fost oħrajn, kemm għat-traduzzjonijiet tiegħu ta' Proust, Flaubert u Balzac kif ukoll għar-riċerka tiegħu fit-traduzzjoni.*

## BIBLIJOGRAFIJA

Aquilina J., *Maltese-English Dictionary*, Midsea Books Ltd, Malta, 1987.

Bezzina C., *Saydon: Biblista u Studjuż tal-Malti*, Pubblikazzjoni Preca, Malta, 2006.

Grech S., "L-Element tal-Konfront f'Monsinjur Pietru Pawl Saydon", *Il-Malti*, Ħarġa Novembru, L-Akkademja tal-Malti, Malta, 2007, p. 63.

Said I., "Meta l-Biblista Saydon Qaleb Testi Mhux Reliġjużi mill-Għarbi", *Leħen il-Malti*, Għadd 41 XC1, Għaqda tal-Malti, Università, Malta, 2022 p. 125.

Saydon P.P., *Il-Bibbja*, (ed. Societas Doctrina Christiana, M.U.S.E.U.M.), Pubblikazzjoni Preca, Malta, 1995.

Saydon P.P., *Ktieb il-Levitku*, (Sensiela Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti, It-Tieni Ktieb), The Empire Press, Malta, 1930.

Saydon P.P., *Ktieb in-Numri*, (Sensiela Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti, Ir-Raba' Ktieb), The Empire Press, Malta, 1931.

Saydon P.P., *Tifsir il-Kliem tal-Kotba: Ġenesi, Eżodu, Levîtku, Nûmri, Dewteronomju*, The Empire Press, Malta, 1931.

Sciberras P., "It-Tħaddim tal-Malti minn Pietru Pawl Saydon fit-Traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid mill-Grieg", *Il-Malti*, Ħarġa XCIV 2021.

Sciberras P., *Mgr Prof. P.P. Saydon's Version of 1 Thessalonians: An exegetical & Translation Chritical Study*, (Silta minn teżi ppreżentata għal Dottorat fit-Teoloġija Sagra), Malta, 2013.

## ĦAJR LIL...

Ivan Said li ġentilment għoġbu jislifni l-kopji oriġinali ta' *Ktieb il-Levîtku*, u *Ktieb in-Nûmri* li mingħajrhom ma kontx inkun nista' nagħti l-eżempji 1 u 2 li jidhru hawn fuq taħt it-tabella. Ħajr ukoll lill-Prof. Mario Cassar u lil Mark Amaira li sabu l-ħin biex jaqraw u jiddiskutu miegħi xi punti fl-artiklu qabel ma ssottomettejtu għall-pubblikazzjoni.

## NOTI TA' TMIEM L-ARTIKLU

1. Effettivament, l-isem hu *Il-Bibbja* u mhux *Bibbja Saydon (1995)*. F'dan l-artiklu isem Saydon u d-data 1995 bejn il-parentesi wara Bibbja qed ninkludihom bil-korsiv bħala parti mill-isem. Dan qed nagħmlu biex nevita l-konfużjoni billi din hi t-tielet edizzjoni tal-Bibbja li ġġib ismu.
2. "Dwar il-bidu u t-tmiem tat-traduzzjoni tal-Bibbja minn Saydon, minkejja li f'ħafna sorsi nsibu dati differenti, hu stess jiktbilna: *As far as 1928 I undertook the translation of the whole Bible from the original languages. The work was completed in 1959* ("The Maltese Translation" 12)." Kwotazzjoni tan-nota f'qiegħ il-paġna misjuba f'*Il-Leħen il-Malti* (2022), fl-artiklu ta' Ivan Said, "Meta l-Biblista Saydon Qaleb Testi Mhux Reliġjużi mill-Għarbi", p. 125.
3. Saydon P.P., *Il-Bibbja*, Librerija Preca, Societas Doctrinae Christianae M.U.S.E.U.M, Malta, 1995, p. xii.
4. B'eċċezzjoni għat-terminu "Talent" li r-referenza li jagħtina Saydon hi dik ta' Matt. 25:15. (ara *Tifsir* p. 15).
5. Is-sorsi lessikografiċi kif misjubin fid-Dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Joseph Aquilina.
6. Ir-referenzi elenkati fil-lista u aktar 'l isfel fiż-żewġ eżempji — minn *Ktieb Levîtku* u minn *Ktieb in-Nûmri* meħudin mill-verżjonijiet oriġinali ta' Saydon u minn *Bibbja Saydon (1995)* — huma kkwotati *ad litteram*, għalhekk l-ortografija u xi żbalji tat-tipa li jidhru fit-testi oriġinali qed jitħallew kif jinsabu fihom.
7. It-tabella sħiħa b'219-il terminu beħsiebni napplowdjaha fuq **academia.edu** wara l-pubblikazzjoni ta' din il-ħarġa ta' *l-aċċent*, biex tkun disponibbli għal min ikollu bżonnha.
8. Fit-tabella, fil-kolonna "Sostituzzjonijiet misjubin f'Bibbja Saydon (1995)" qed inħalli l-inkonsistenzi jidhru b'tipa grassa blu skur.
9. Ara Bezzina (2006), p. 223.
10. Fil-kolonna "Sorsi Lessikografiċi", l-isem Saydon, meta jidher waħdu, jindika li l-kelma 99% hi neoloġiżmu maħluq minnu. Din il-konklużjoni wasalt għaliha għax fid-dizzjunarju ta' Aquilina ma jissemma l-ebda sors lessikografiku ieħor.
11. Sciberras P., "It-Tħaddim tal-Malti minn Pietru Pawl Saydon fit-Traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid mill-Grieg", *Il-Malti*, Ħarġa XCIV 2021 p. 89.
12. Bezzina C., *Saydon: Biblista u Studjuż tal-Malti*, Pubblikazzjoni Preca, Malta, 2006, p. 267.
13. Mingħajr ma ninsew ukoll dak li jikteb Sergio Grech fl-artiklu bijografiku tiegħu "L-Element tal-Konfront f'Monsinjur Pietru Pawl Saydon", f'*Il-Malti*, Ħarġa Novembru 2007: "Saydon kien il-bniedem li ħabb l-istudji, siefer barra minn butu għall-kungressi, xtara l-kotba, aġġorna ruħu akkademikament ...", p. 63.
14. Ta' min jinnota hawnhekk li elementi li jikxfu l-użu ta' VSO fil-Malti antik jinsabu f'*Il-Kantilena* ta' Pietru Caxaro misjuba minn Godfrey Wettinger u Mikiel Fsadni. Poeżija li nkitbet fis-Seklu XV:

   *Waqgħet hi, imrammti, niżżlet hi s-sisien,*
   *Ma ħtatlix l-imgħallmin, 'mma qatagħli l-ġebel;*
   *Fejn tmajt insib il-ġebel, sibt tafal merħi;*
   *Waqgħet hi, imrammti, l'ili żmien nibni.*

   Sintendi Saydon, matul it-traduzzjoni tiegħu, ma kienx konxju mill-eżistenza ta' *Il-Kantilena* imma kien żgur konxju mill-fatt li l-istruttura Semitika tal-VSO hi aċċettabbli f'test miktub b'Malti antik. Saydon ħaddan din l-istruttura u konxjament riedha tkun element importanti fit-traduzzjoni tiegħu u fl-istil li għalih hu tant magħruf u li hu marbut ma' ismu.
15. Vassalli, M.A., *Ktyb yl Klym Mâlti 'mfysser byl-Latin u byt-Talyân*, Romae, 1796.
16. Caruana, A.E., *Vocabolario della Lingwa Maltese*, Malta, 1903. L-entrati fid-dizzjunarju ta' Caruana huma lkoll ta' oriġini Semitika li kompletament jeskludu kliem missellef, ħlief għal xi ftit kliem li joħodhom mill-Ebrajk. Tagħrif misjub bl-Ingliż f'*Maltese-English Dictionary*, l-ewwel volum A-L ta' Joseph Aquilina, p. xxv).
17. De Soldanis, G.F. Agius, *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin*, 1750, f'4 volumi, manuskritt ppreservat fil-Librerija Nazzjonali.
18. Il-lessiku bibliku hu limitat għax is-soċjetà Ebrajka kien għadha, speċjalment fiż-żminijiet meta nkitbu l-ewwel kotba tat-Testment il-Qadim, waħda agrarja u primittiva. Jispikka pereżempju fil-Pentatewku d-diskors meħud mill-biedja u mill-elementi naturali. Irridu niftakru wkoll li l-Bibbja, apparti l-aspett reliġjuż tagħha, hi l-Istorja tal-poplu Lhudi. L-istorjografija tal-poplu Lhudi kif miktuba fit-testi bibliċi hi magħmula minn vrus li s-sintassi tagħhom huma ftit li xejn elaborati meta jitqabblu mal-istil tal-kitba storjografika moderna.
19. Sciberras P., *ibid*, p. 92.
20. *Bibbja Saydon (1995)*, p. vii.



# id-dizzjunarju jiggwida

Charles Briffa

**Dizzjunarju ġenerali mhux jiġġudikani fuq kliemi imma jiggwidani lejn ir-realtà lingwistika. B'dan il-ħsieb dħalt għall-prattika tal-ġbir ta' dizzjunarju. Il-ħidma lessikografika tiegħi ħaddnet il-prinċipju fejjiedi li riċerkatur irid jibni fuq l-isforzi siewja ta' qablu. U ma' dan il-prinċipju żżewġet il-ħtieġa li nqis u nifli d-drawwiet lingwistiċi tal-ħajja komuni.**

**Ħa nitkellem l-aktar fuq id-dizzjunarju bilingwali tiegħi *The English-Maltese Dictionary for the 21st Century* ippubblikat mill-Allied Publications fl-2015.**

**Dan id-dizzjunarju ġenerali mhuwiex xi gradus imma nbena bil-ħsieb li jgħin il-ħtiġijiet tal-Maltin bilingwali.**

## Id-dizzjunarju bħala għodda

Inħoss li dizzjunarju ġenerali huwa nfid għat-tagħlim formali u għat-trawwim tal-user modern; jgħaddina biex nifhmu l-għadd kbir ta' materjal mitkellem u miktub li jitlob l-attenzjoni tagħna. It-termini qegħdin jinbidlu u jiżdiedu l-ħin kollu minħabba li d-dixxiplini qegħdin jiżviluppaw u jespandu. Dan ifisser li l-lingwa tkun ħajja u miexja. U bosta drabi nkunu rridu ninqdew bil-kliem b'mod ekonomiku u effiċjenti.

Kulma jmur in-nies qegħdin jiltaqgħu ma' xogħol ġdid u jipprattikaw interessi ġodda, u għalhekk ikollhom ħtieġa kbira biex jifhmu preċiż it-termini li jmorru ma' ħidmithom jekk iridu jkunu suċċess.

Dizzjunarju huwa biċċa għodda indispensabbli għal biex wieħed jifhem il-lingwa ta' żmienu u biex wieħed jieħu sehem fil-progress ta' madwaru. Għaldaqstant jipprovdi għall-bidliet meħtieġa fil-ħajja moderna. U dan il-fatt jitlob li t-termini Ingliżi użati fid-dinja kontemporanja għandhom bżonn ikollhom ekwivalenti xierqa fil-Malti.

## Il-fażijiet tar-riċerka

Fejn jidħol l-effett tal-Ingliż fuq il-Malti, il-kompilazzjoni ta' dan id-dizzjunarju bilingwali l-aktar li kellha x'taqsam ma' żewġ fażijiet ewlenin. L-ewwel fażi kienet il-ġabra ta' termini li daħlu mill-Ingliż. Din il-ġabra inkludiet il-vokabularju standard kurrenti u għażla ta' xi wħud mit-termini speċjalizzati li sabu posthom fil-lingwa ta' kuljum kemm permezz ta' influwenza diretta u kemm minħabba l-impatt tal-midja. Għal din il-fażi kelli nikkonsulta dizzjunarji ġenerali u dizzjunarji speċjalizzati li kienu ppubblikati u elettroniċi.

Din il-għamla ta' konsultazzjoni offriet alternattivi possibbli ta' xi headwords. Kif urejt fid-daħla (p.viii-ix) tax-xogħol tiegħi *Dictionary for Specific Purposes: English-Maltese, Maltese-English* ippubblikat mill-Midsea Books fl-2007, il-konsultazzjoni bdiet tippreżentali ekwivalenti definiti u ekwivalenti possibbli biex tipprovdi ċ-ċans lill-users li jagħżlu l-aħjar forom li jiffittjaw l-għanijiet tagħhom. Forom alternattivi joffru l-opportunità għall-varjetà stilistika u juru qarraba għanja li tgħin l-espressjoni. Dawn l-alternattivi lit-traduttur joffrulu possibilitajiet ibbażati fuq għamliet prattiċi u raġunar lingwistiku li jinqeda bil-potenzjalitajiet tal-Malti.

It-tieni fażi kienet it-tfittxija tal-ekwivalenza fil-Malti. Imma qabel inkompli rrid ngħid fil-qosor x'nifhem b'**ekwivalenza** fit-traduzzjoni u biex infisser ruħi se ntenni dak li ktibt f'paġni 59-60 tad-dizzjunarju tiegħi *Ġrajjiet il-Kliem Qadim u Tekniku* ppubblikat mill-Malta University Publishing fl-2023.

**EKWIVALENZA** tirreferi għal kunċett bl-istess tifsir u funzjoni ta' terminu ieħor — forma li għandha l-istess siwi, funzjoni, u tifsir ta' oħra; l-użu ta' kliem u frażijiet fil-lingwa mira li jittraduċi l-espressjonijiet idjomatiċi fil-lingwa sors; similarità bejn segmenti sors u segmenti targit.

"Ekwivalenza assoluta" bejn il-forom fl-istess lingwa jew f'lingwi differenti forsi mhix possibbli, imma l-ekwivalenza hija kunċett fundamentali fit-teorija tat-traduzzjoni u tintrabat mas-sinonimija fl-istess lingwa. Eżempju ta' ekwivalenza fl-istess lingwa (intralingwali):

***Il-Papa Franġisku** għamel id-diskors tiegħu tal-Milied.*
***Il-kap tal-Knisja Kattolika** tkellem fuq il-ġmiel tal-ħajja.*

Fl-"ekwivalenza tat-traduzzjoni" terminu fit-test mira jkun ekwivalenti għal terminu fit-test sors meta jkollu l-istess valur, funzjoni, tifsir, jew effett. Fi kliem ieħor it-terminu fit-test mira jkollu l-istess importanza bħat-terminu fit-test sors f'sitwazzjoni partikulari.

Għalhekk fi traduzzjoni intralingwali, it-terminu fit-test targit ikun ekwivalenti għat-terminu fit-test sors meta ż-żewġ testi jkunu jistgħu jitpartu, eż. *saċerdot* = *qassis*; u fi traduzzjoni interlingwali, it-terminu fit-test targit ikun ekwivalenti għat-terminu fit-test sors meta l-effett tat-terminu fit-test mira jkun l-istess bħal dak tat-terminu fit-test sors, eż. *tal-ħalib* = *milkman*.

Fit-traduzzjoni ta' espressjonijiet fissi, l-ekwivalenza jista' jkollha forom differenti, eż. *in-nagħaġ tal-baħar* → *the sea's white horses*. B'mod ġenerali ngħidu li t-termini u l-espressjonijiet ekwivalenti bejn il-Malti u l-Ingliż jinħolqu kontestwalment. Mela minħabba l-problema tal-anisomorfiżmu, l-ekwivalenza tista' tkun parzjali jew relattiva aktar milli sħiħa jew eżatta għal bosta kuntesti.

F'dizzjunarju bilingwali, l-ekwivalenza tat-traduzzjoni timplika korrispondenza interlingwali. (Ara *A Bilingual Dictionary of Translation* Vol 1, paġna 270-271, Horizon Publications, 2017).

L-"**anisomorfiżmu**" huwa sitwazzjoni meta ma jkunx hemm qbil bejn żewġ lingwi minħabba differenzi semantiċi, grammatikali, u kulturali. B'eżempju nsemmu li l-Ingliż u r-Russu huma anisomorfiċi fit-termini tal-kuluri: fl-Ingliż *light blue* u *navy blue* huma tkanġijiet ta' kulur wieħed, imma fir-Russu huma żewġ tkanġijiet li mhumiex marbutin ma' xulxin.

Minħabba l-anisomorfiżmu lingwistiku u kulturali, l-ekwivalenza tat-traduzzjoni aktarx li tkun parzjali, approssimattiva, nonletterali, u asimetrika (aktar milli sħiħa, diretta, kelma-b'kelma, u bidirezzjonali). (Ara *A Bilingual Dictionary of Translation* Vol 1, paġna 57).

Allura, għat-tfittxija tal-ekwivalenza fil-Malti, dan id-dizzjunarju ġenerali adotta tliet kwalitajiet tal-lessikografija: ir-reqqa, iċ-ċarezza, u l-komprensività. Ir-**reqqa** jew il-**preċiżjoni** implikaw l-eżattezza u l-konformità mal-verità — dan ix-xogħol kien jitlob li nirreġistra t-tifsir skont l-użu; jiġifieri, ma tidħol l-ebda fehma editorjali jew ġudizzju fuq it-tifsir, u x'tifsir jew termini għandhom jintużaw; b'hekk id-dizzjunarju sar deskrittiv u mhux preskrittiv — u għalhekk il-labels li juru l-użu tal-kliem tħallew barra biex tonqos is-soġġettività, plass il-fatt li l-kliem jibdel ix-xejriet tiegħu minn żmien għall-ieħor u tabella li tlaqqam kelma taf wara ċertu żmien ma tibqax tgħodd.

Iċ-**ċarezza** implikat nuqqas ta' taħwid u xogħol li jinftiehem biex il-user ikun jista' jaqrah komdu; għaldaqstant, it-termini speċjalizzati huma bosta drabi spjegati ċari għall-qarrejja li diġà jkollhom ftit għarfien tas-suġġett tat-termini ttrattati; fil-fatt iċ-ċarezza kienet essenzjali fil-proċess kollu tal-kompilazzjoni.

"ekwivalenza"




U l-**komprensività** implikat l-inklużjoni ta' bosta mix-xejriet tat-tifsir (jekk mhux ukoll ix-xejriet kollha) biex it-tgħarbil ikun kemm jista' jkun sħiħ; dan ix-xogħol kien jitlob trattament massimu b'konċessjonijiet minimi. F'ħidma bħal din bilfors kellhom jiġu kkonsultati d-dizzjunarji ppubblikati, il-glossarji, l-esperti tal-oqsma u persuni oħrajn.

Dan fisser li kelli nikkonsulta bosta pubblikazzjonijiet għal skopijiet komparattivi ta' definizzjonijiet u tifsir, fosthom dizzjunarji Maltin, glossarji Maltin (l-aktar dawk il-bosta glossarji tat-82 volum tal-*Kullana Kulturali*), dizzjunarji Ingliżi ġenerali, dizzjunarji Ingliżi speċjalizzati, u dizzjunarji ta' lingwi differenti. Ikkonsultajt ukoll il-bosta teżijiet postgradwatorji li ħarġu mid-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija, u l-Interpretar tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, u diversi ħarġiet ta' *l-aċċent*

tad-Dipartiment tal-Malti mal-Kummissjoni Ewropea. Kelli għajnuna kbira minn esperti professjonali f'oqsma differenti — dawn tawni materjal siewi fl-erja rispettiva tal-ispeċjalizzazzjoni tagħhom. U tawni kontribut fejjiedi s-semmiegħa u t-telespettaturi tal-istazzjonijiet differenti tar-radju u tat-televixin — dawn kont nistħajjilhom nixxiegħa ta' tagħrif lessikali.

Matul dawn il-fażijiet kelli wkoll nagħmel wisgħa għal termini ġodda u għal użijiet ġodda ta' termini qodma, għax il-Malti bħala lingwa ħajja qiegħed jinbidel il-ħin kollu. L-għażla hawnhekk ġiet imrieġa mill-għadiet kontemporanji, u għalhekk termini obsolete intużaw b'ħafna ekonomija f'dan ix-xogħol. Barra minn hekk, ħafna termini ma tistax tagħti definizzjonijiet sempliċi tagħhom u għalkemm ippruvajt inkun konċiż kemm nista' dejjem fittixt li nikteb bid-dimis.

### Prinċipji sinkroniċi

Mela, dan id-dizzjunarju ġenerali tfassal fuq prinċipji sinkroniċi u jien mal-ewwel għaraft il-fatt li l-Malti Angliċizzat huwa parti mir-realtà tal-lingwa tal-lum u għalhekk kien meħtieġ f'xogħol deskrittiv bħal dan.

Mhux l-użu artifiċjali u akkademiku biss ikkunsidrajt (u għal dan kelli nikkonsulta materjal li diġà kien ġie ppubblikat), imma kelli nirrispetta wkoll il-lingwa komuni u l-użu naturali biex ngħolli l-vernakulu Malti tal-lum (li huwa mimli termini impurtati minn lingwi oħrajn) għal-livell ta' lingwa studjuża. B'hekk nifhem li l-individwu jista' jasal biex jifhem aktar ilsienu.

Sa mill-bidu, l-għan tiegħi kien li nirrekordja l-muna tal-kliem tal-Malti modern, u nrażżan il-materjal enċiklopediku, l-abbrevjazzjonijiet, u t-termini arkajċi u obsolete. U allura l-kliem li seta' jiddaħħal kien dak li n-nies jinqdew bih fl-isferi kollha tas-soċjetà moderna — dan sa fejn kien possibbli għax iż-żmien ma jistax jimponi konfini u trufijiet fuq il-lingwa.

Id-definizzjonijiet, it-tagħrif grammatikali, is-sinonimi, u l-eżempji illustrattivi tal-użu tad-diskors — dan kollu tqies meħtieġ għall-qarrejja. Fl-istess ħin, dan kollu wkoll juri kemm hija għanja u kkomplikata l-lingwa iżda, kif qed ngħid, hu mirjud biex nagħmlu distinzjonijiet fini jew biex ngħidu l-istess idea b'modi differenti.

### Il-preżentazzjoni

Il-kompilaturi ta' dizzjunarju jħabbtu wiċċhom mal-problema li jridu jippreżentaw ġemgħa kbira ta' termini f'daqqa u din il-ħidma trid issir b'mod ċar u ekonomikament. Ma jkunux iridu li d-dizzjunarju jkun ikkomplikat wisq biex il-qarrejja jħaffu meta jinqdew bih; u lanqas ma jkunu jriduh ikun bla rażan fl-ispazju biex ma jkunx goff u għali.

Għaldaqstant ippruvajt nsib bilanċ bejn dawn il-konsiderazzjonijiet, u għalhekk l-organizzazzjoni tal-entries kienet (sa fejn kienet possibbli) ibbażata fuq tgħarbil prattiku. B'eżempju nsemmi d-derivazzjonijiet li jien għamilthom bosta drabi jmorru mal-bażi tagħhom. Anki t-termini komposti laqqajthom mal-headword tagħhom; u l-ħomonimi daħħalthom f'entry waħda. Dan kollu għax kieku kont nieħu ħafna aktar wisgħa kieku d-derivazzjonijiet, it-termini komposti, u l-ħomonimi tajthom entries separati.

L-attenzjoni tiegħi kienet l-aktar fuq il-preżentazzjoni għax it-tifsir bosta drabi ried jakkomoda l-bżonnijiet ta' dizzjunarju f'volum wieħed, u fl-istess ħin il-lingwa moderna ordinarja ntużat fl-ispjegazzjoni tat-termini rreġistrati. U biex dan ix-xogħol jirnexxi, kelli noqgħod attent għall-istruttura tad-dizzjunarju. It-tiswira ridtha tkun effiċjenti, u għal din ir-raġuni, kull entry għamiltha bil-headword Ingliża li ġibdet magħha l-grammatika tagħha, u l-qofol tas-sens (jew sensi) bil-Malti. Fejn kien meħtieġ, għamilt l-inflessjonijiet tal-verbi u l-forom tal-plurali tan-nomi, u inkludejt ukoll il-varjanti ortografiċi taż-żewġ lingwi.




*Aħna u sejrin għall-istampar ta'* l-aċċent *tħabbret il-mewt tal-Professur Charles Briffa fl-età ta' 73.*

*Wieħed mill-pilastri tat-tagħlim u l-istudji tal-Malti modern, hu għallem il-Malti, fost suġġetti oħra, f'kull livell akkademiku sa dak terzjarju. Hu kien fost l-ewwel lecturers tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni u tal-Istudji tat-Traduzzjoni fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Jibqa' magħruf għall-istudji dwar il-Malti, għas-sehem estensiv tiegħu fix-xandir u bħala editur tal-* Kullana Kulturali.

*Nagħtu l-għomor lill-familjari tiegħu.*

Meta terminu jkollu aktar minn sens wieħed fil-Malti, dawn is-sensi jidhru enumerati biex il-qarrejja jagħżlu bejn tifsira u oħra. Id-derivazzjonijiet, il-kliem kompost, il-frażijiet, u l-idjomi Ingliżi kollha ngħataw ekwivalenti bil-Malti. U kultant ingħatat xi cross-reference u tressaq xi eżempju bl-Ingliż li minnufih kellu t-traduzzjoni tiegħu bil-Malti fil-brekits.

Fis-sistema tiegħi kull entry tibda bit-terminu Ingliż bħala headword miktuba b'tipa grassa, u wara hemm il-grammatika tagħha miktuba bil-korsiv. L-ekwivalenti Maltin, li jħaddnu magħhom id-definizzjonijiet, l-ispjegazzjonijiet, il-parafrasijiet, u l-alternattivi, jidhru b'tipa ordinarja.

Hemm ukoll termini derivati Ingliżi bil-grammatika tagħhom, eżempji illustrattivi, kollokazzjonijiet, u l-kliem kompost Ingliż li l-ewwel element tiegħu hija l-headword tal-entry. M'għandniex xi ngħidu, dawn kollha għandhom l-ekwivalenti Maltin.

Ħafna entries huma maqsumin f'taqsimiet enumerati, u kull numru juri tifsira differenti tal-headword. Kull entry tinħadem madwar is-sens qofol ta' kelma u tinkludi kull tifsir estiż u relatat jew kull erja semantika li normalment tintrabat mal-headword.

### L-importazzjoni tal-kliem

Kif diġà għedt, il-lingwi jinbidlu kontinwament u dan ifisser li prinċipju li kien jgħodd seklu ilu mhux bilfors għadu validu llum. L-importazzjoni lingwistika hija ġeneralment ikkontrollata b'limitazzjonijiet temporali u spazjali.

Il-proċess ta' importazzjoni lingwistika minn sors partikulari ma tibqax sejra indefinittivament qisu dak is-sors huwa biss jeżisti, imma tibqa' topera sakemm sors ieħor jieħu post l-ieħor. F'dawn il-ħwejjeġ l-ebda sors ma jista' jikklejmja d-dritt esklussiv għall-għoti jew tinwil lessikali.

Pereżempju, qabel it-Tieni Gwerra Dinjija ħafna mill-influwenza fuq il-Malti ġiet mit-Taljan (l-aktar mit-tlissin Taljan) u ftit kien hemm influwenza mill-Ingliż. Imma matul it-tieni nofs tas-seklu 20 u wara l-influwenza mill-Ingliż kienet kontinwa u kbira. U llum fis-seklu 21 l-influwenza mill-Ingliż hija qawwija ħafna u mwieżna sew mil-lingwa tal-globalizzazzjoni, l-islang tal-internet (bħall-internet shorthand u s-cyber-slang), il-lingwa tal-kompjuter u tal-mowbajl.

Billi l-Malti ta' kuljum huwa mimli importazzjonijiet mill-Ingliż, it-tlissin Ingliż daħal fil-Malti standard tal-lum. Għalhekk, it-termini tekniċi ma jistgħux jiġu biss mit-Taljan: iridu jimxu mar-realtà tal-lum.

Ngħidu aħna, *ichthyosis* jien għamiltha *iktijosis*, *hyper* għamiltha *ħajper*, u *inhaler* għamiltha *inħejler* (skont kif nismagħhom fil-ħajja ta' kuljum fil-gżejjer tagħna), mhux **ittjosi*, **iper*, u **inalatur* (li qatt ma nismagħhom fostna).

It-transliterazzjoni hi proċess siewi f'dawn iċ-ċirkustanzi. Imbagħad kelli nagħmel distinzjoni bejn użu u tiswir possibbli. Ngħidu aħna, għal *mouthwash*, jien fit-tifsir tiegħi l-ewwel tajtha *mouthwash* kif inhi użata fil-ħajja ta' kuljum, imbagħad tajt parafrasi tat-terminu, jiġifieri *likwidu antiseptik għat-tlaħliħ tal-ħalq* — imma l-parafrasi mhix prattika fil-komunikazzjoni bejnietna.

### Konklużjoni

Dan id-dizzjunarju bbażajtu fuq:

(a) l-esplorazzjoni estensiva tad-dizzjunarji eżistenti,
(b) tgħarbila bir-reqqa ta' materjal kurrenti pprintjat, fir-riċerka, u fuq l-internet, u
(ċ) analiżi tal-feedback li tawni nies differenti, inkluż studenti postgradwatorji tat-traduzzjoni, semmiegħa tar-radju u telespettaturi tat-televixin li magħhom kelli komunikazzjoni live u bl-emails li swewli ħafna.

Matul il-proċess kollu tal-kompilazzjoni, l-għan kien li nibni dizzjunarju tal-Malti kif veru mitkellem u miktub fl-ewwel deċennji tas-seklu 21, billi nħaddan elementi kontemporanji u nwarrab oħrajn obsolete.

In-neoloġiżmi ddaħħlu kull meta kien hemm il-possibilità li jiżdiedu b'mod siewi fil-Malti — mossa meqjusa rilevanti u sinifikanti għall-espansjoni lessikali. (Meta ġejt biex noħroġ it-tieni edizzjoni ta' dan id-dizzjunarju biż-żidiet, kien hemm pubblikatur li qagħad fuq xi ħadd li ma jifhimx fil-lingwistika u lanqas fil-lessikografija, u qalli li dan l-individwu ma jaqbilx ma' xi wħud minn dawn il-prinċipji. U l-pubblikatur irrifjuta li jippubblikah.)

Barra minn hekk, appena dizzjunarju jiġi ppubblikat donnu "jeqdiem" għax jinħolqu jew jidħlu termini oħra ġodda. Wara li pprintjajt dan id-dizzjunarju, iltqajt ma' termini oħra li ma kontx inkludejthom — bħal *infomercial*, *contronym*, *monkey chanting*, *intermittent fasting*, *dry humping*, *spooktacular*, u *meowgical* (uħud minn dawn aħjar jibqgħu kif inhuma fl-Ingliż meta jintużaw f'kuntest Malti).

U wara li għedt dan kollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li hija ħaġa diffiċli, anzi naħseb li impossibbli, li kompilatur ikun jaf kull kelma ġdida li tidħol fil-lingwa.

*Charles Briffa hu professur emeritus fid-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar tal-Università ta' Malta*

# San Ġwann tas-Salib bil-Malti

Ivan Said

It-twissija ta' Umberto Eco li "traduzzjoni perfetta hi ħolma impossibbli" (2001, p. ix), tgħodd għal kwalunkwe traduzzjoni mqar jekk issir mill-aqwa ħaddiema mogħnija bl-akbar ħila u kapaċità tal-kelma.

Iżda kliem Eco jgħodd aktar minn qatt qabel għall-qlib tax-xogħlijiet ta' San Ġwann tas-Salib, il-mistiku Spanjol, "meqjus bħala l-aqwa poeta liriku Spanjol" (Sammut f'Cortis, 1992, p. 59)

Dan għaliex twissija oħra ġejja mingħand il-Professur Edgar Allison Peers, dak li sejjaħ il-qaddis, "il-poeta tal-poeti", li tgħid, "the pre-eminence of St. John of the Cross as a poet cannot be fully appreciated save by those who study him in the original. His mingling of theology and philosophy with poetry is a characteristic which no other mystic possesses in the same degree" (1944, p. 135).

Fid-dawl ta' dan, it-traduttur tax-xogħlijiet ta' San Ġwann tas-Salib hu mwissi minn qabel li, meta jiddeċiedi li jaqlibhom, jaf minn qabel li jkun daħal għal għadma iebsa.

"Minkejja dan in-nies tittraduċi," ittemm it-twissija ta' Eco (2001, p. ix) — u hekk ġara meta tradutturi Maltin daħlu biex jaqilbu wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' San Ġwann tas-Salib minkejja li kienu jafu bit-toqol ta' kitbietu u b'hekk komplew isaħħu l-korp tat-traduzzjoni letterarja bil-Malti.

San Ġwann tas-Salib, li twieled Fontiveros, ħdejn Avila, Spanja, fl-24 ta' Ġunju, 1542, hu l-poeta mistiku, duttur tal-Knisja Kattolika, patrun tal-poeti Spanjoli, li tana biss ftit poeżiji iżda huma fost l-aqwa lirika tas-seklu sittax.

Hu kiteb trattati (jew aħjar, kummentarji) ibbażati fuq uħud minn dawn il-poeżiji, meqjusin fost l-aqwa tagħlim mistiku li qatt rat il-Knisja Kattolika.

Skont Peers, San Ġwann tas-Salib, bħala mistiku, żewġ rivali biss għandu fl-istorja sħiħa tal-letteratura Nisranija: Santu Wistin, speċjalment bil-passaġġi mistiċi tiegħu tal-kotba sebgħa, disgħa u għaxra ta' *L-Isqarrijiet* u l-Beatu Fjamming tas-seklu 14, John Ruysbroeck.

"Of all the remaining Christian mystics, from subapostolic times down to the present day, it is doubtful if a single one can fairly be called his equal," ikompli Peers (1944, p. 123). San Ġwann tas-Salib miet fl-14 ta' Diċembru, 1591, f'Úbeda, Spanja.

Dwar San Ġwann tas-Salib u l-poeżija bl-Ispanjol tiegħu se nieqaf hawn peress li fl-artikli dwar Ġorġ Peresso li qed nippubblikaw f'din l-edizzjoni ta' *l-aċċent* hemm ħafna tagħrif u analiżi li jitfgħu dawl biżżejjed fuq dan il-poeta Spanjol importanti tas-seklu sittax

## L-eqdem traduzzjonijiet bil-Malti

L-eqdem traduzzjonijiet tal-kitbiet ta' San Ġwann tas-Salib li sibt huma dawk ta' Albert M. Cassola li, flimkien ma' erba' artikli dwarhom miktubin minn Ġorġ Peresso, qed nippubblikawhom b'mod sħiħ f'din il-ħarġa ta' *l-aċċent*. Dawn kienu dehru l-ewwel darba f'*Il-Messaġġier Tereżjan* bejn Lulju 1971 u Diċembru 1972 bħala sensiela intitolata *Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib*.

| Parti | **Il-kummentarju ta' Ġorġ Peresso** | **It-traduzzjoni ta' Albert M. Cassola** | *Il-Messaġġier Tereżjan* |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib | Kanzunetta Spiritwali | Lul-Sett 1971, Vol. XV, n. 3, pp 13-17 |
| 2 | Huġġieġa Hajja ta' Mħabba | Strofi li r-Ruħ tikkomponi fil-Għaqda Sħiħa ma' Alla Għarus Maħbub tagħha | Jan-Mar 1972, Vol. XVI, n. 1, pp 14-17 |
| 3 | Ir-Ragħaj | Strofi Spiritwali fuq Kristu u r-Ruħ | Apr-Ġun 1972, Vol. XVI, n. 2, pp 9-12 |
| 4 | Fuq Xatt ix-Xmara tal-Babilonja | Rumanza fuq is-salm *Super Flumina Babylonis* ta' San Ġwann tas-Salib | Ott-Diċ 1972, Vol. XVI, n. 4, pp 16-19 |

Fl-1996 Peresso reġa' xandar *Strofi spiritwali fuq Kristu u r-ruħ* flimkien mal-oriġinal bl-Ispanjol u artiklu bl-isem *San Ġwann Tas-Salib Poeta tal-Poeti* (Ġunju 1996, p. 13-15).

## Il-kitba tiegħu

Kiteb ftit, u ma temmx tlieta mill-erba' xogħlijiet kbar tiegħu. Kiteb daqshekk ftit għal żewġ raġunijiet.

L-ewwel nett għax jagħti aktar importanza lill-ministeru u ħidma oħra tal-vokazzjoni tiegħu Karmelitana, u t-tieni għax iħoss li ġa qal dak kollu li kellu x'jgħid. Nistgħu naqsmu l-produzzjoni letterarja tiegħu f'żewġ blokki:

**Kitbiet Qosra**

1. Poeżiji: żewġ romanzi, ħames poeżiji, ħames strofi (glosa).
2. Kliem ta' Dawl u Mħabba: aktar minn mitejn sentenza, nofshom awtografi.
3. Twissijiet u Erba' Pariri: normi għall-konvivenza reliġjuża.
4. Ittri: daqs 33 ittra, xi wħud minnhom frammenti żgħar.

**Xogħlijiet Kbar**

1. Telgħa tal-Għolja tal-Karmelu: fi tliet kotba ta' 15, 32 u 45 kapitlu.
2. Lejl Mudlam: f'żewġ kotba ta' 14 u 25 kapitlu.
3. Kantiku Spiritwali: 1 u 2 redazzjoni: 39 u 40 strofa.
4. Ħuġġieġa Ħajja ta' Mħabba: 1 u 2 Redazzjoni: erba' strofi, b'daħla.

Dawn ix-xogħlijiet il-kbar mhumiex ħaġa oħra ħlief kummentarji tal-qaddis fuq il-poeżiji tiegħu: poeżija u proża jitħalltu u jitfgħu dawl fuq xulxin. Jissoponu mill-awtur kapaċità kbira. Huma kollha frott ta' esperjenza ħajja tal-qaddis. Il-poeżija tagħti ħjiel ta' x'għex hu fil-ġewwieni tiegħu. Il-kitba tagħtina ħjiel ta' xi tfisser din l-esperjenza tiegħu. Jiftħu orizzonti enormi lil min jaqrahom...

*(Lawrenz Cachia, Il-Kantiku Spiritwali (1991), pp ix-x.)*

### Ħames verżjonijiet sħaħ tal-poeżija *Lejl Mudlam*

Jekk hemm biċċa xogħol waħda ta' San Ġwann tas-Salib li hi magħrufa fid-dinja letterarja hi proprju *Noche oscura* (*Lejl mudlam*). Frans Sammut jgħidilna li "hija waħda mill-aktar magħrufin u oriġinali li kiteb" il-qaddis Spanjol (Cortis 1992, p. 59). Din il-poeżija hi ħafna għal qalb l-Ispanjoli tant li t-tfal Spanjoli jitgħallmuha bl-amment fl-ewwel snin tal-iskola tagħhom. Il-fatt li għandna ħames verżjonijiet sħaħ u oħra parzjali fil-korp tat-traduzzjoni letterarja tagħna juri wkoll kemm dan ix-xogħol mistiku hu importanti.

Il-poeta qatt ma ta isem lil dil-poeżija ta' tmien strofi b'ħames vrus il-waħda iżda fuqha sejjes iż-żewġ trattati tiegħu *Subida del Monte Carmelo* (*Telgħa tal-Muntanja tal-Karmel*) u *Noche Oscura* (*Lejl Kollu Dlam*), li t-tnejn jibdew biha.

Għaldaqstant xi kultant insibuha intitolata *Noche oscura* — bl-isem tat-tieni trattat — u xi drabi oħra nsibuha bl-ewwel vers tagħha *En una noche oscura*. *La noche oscura del alma* (*Il-lejl mudlam tar-ruħ*) hi fażi tal-purifikazzjoni passiva tar-ruħ li jitkellem fuqha fit-trattat *Lejl Mudlam*.

M'hemmx qbil dwar meta u fejn il-qaddis kiteb din il-poeżija iżda ħafna studjużi jemmnu li kitibha fl-1577 meta kien maqful fil-ħabs tal-kunvent ta' Toledo, Spanja (Attard, Jannar-Marzu 2019, p. 6; Saint John of the Cross, Biography, Feast Day, Writings, & Facts - Britannica) filwaqt oħrajn jemmnu li kitibha wara li ħarab mill-ħabs:

"The Ascent of Mount Carmel, which may be taken as having been begun at Monte Calvario, is based upon the poem *Dark Night*, which some critics believe to have been composed, together with an undistinguished verse paraphrase of the psalm *Super Flumina Babylonis* in the Toledo prison. On internal evidence (and, external testimony being inconclusive, there is little else to go upon, beyond surmise) it would seem more probable that the poem was written soon after the author's escape."

(Peers 1944, p. 63.)

Saħansitra Anġeliku Busuttil jemmen li "aktarx il-qaddis kitibha meta kien konfessur tas-sorijiet Karmelitani Tereżjani ta' Beas, jiġifieri f'xi żmien bejn is-snin 1579 u 1581" (2000, p. 7) anke jekk l-istess Busuttil jikteb ukoll li meta kien il-ħabs kien ikkompona f'moħħu u mbagħad kiteb "fuq biċċiet żgħar tal-karti li kien tah bil-moħbi l-kalzier xi poeżiji jew biċċiet minnhom, fosthom xi stanzi mill-*Kantiku Spiritwali* u l-*Lejl Kollu Dlam*" (2000, p. 5).

Busuttil jgħidilna li *Noche oscura* "mhix ħlief allegorija poetika li fiha l-maħbuba tkanta x-xorti hienja tagħha, meta f'lejl kollu dlam ħarġet bla ħadd ma ntebaħ biha u marret tingħaqad mal-Maħbub; imbagħad tinfexx tgħanni l-effetti sbieħ u tal-għaġeb ta' din l-unjoni" (2000, p. 7).

Lawrenz Cachia kien minn tal-ewwel meta nhar il-Lunzjata tal-1987 ittraduċa din il-poeżija bħala *Lejl kollu dlam* (p. 13). Dwar kif qalibha, Cachia jistqarr: "Żammejt kemm stajt mat-test oriġinali Spanjol u żammejt ukoll l-istil u r-ritmu [f'*Lejl kollu dlam*] biddilt ftit l-iskema tar-rima u flok A-B-A-B-B għamiltha A-B-A-A-B" (1987, p. 3).

Fl-istess sena, ftit xhur wara Cachia, kien l-avukat Ġorġ Zammit li tana traduzzjoni tal-poeżija "bl-istess skema ta' metru u ta' rima" tal-poeżija oriġinali (1987, p. 4) filwaqt għażel l-isem tal-kummentarju bħala t-titlu tal-poeżija, *Għanja tat-Telgħa tal-Monti Karmelu*. Aktarx hu qalibha mill-Ispanjol — Zammit kien lingwista kbir u kien jaf ħafna lingwi fosthom l-Ispanjol. Barra minn hekk, din ma kinitx l-uniku poeżija li qaleb mill-Ispanjol għax fl-1950 qaleb *Al Faro De Malta* ta' Angel de Saavedra bħala *Il-Fanal ta' Malta* (Zammit 1950, pp 89-91).

Fis-sena meta d-dinja kienet qed tiċċelebra l-400 sena mill-mewt ta' San Ġwann tas-Salib, Vincenzo Maria Pellegrini qaleb *Noche oscura* mill-Ispanjol bħala f'*Lejla tabilħaqq mudlama* (Marzu 1991, p. 8). Dan Pellegrini, midħla sew tal-letteratura Spanjola u traduttur ta' poeżiji ta' Federico García Lorca u Pablo Neruda (Said 2022), minn ta' San Ġwann tas-Salib, tana wkoll mill-Ispanjol għall-Malti *Kristu u r-Ruħ*, u *Poeżija tar-Ruħ f'Komunikazzjoni Sħiħa mal-Għaqda tal-Imħabba t'Alla*.

Dwar il-verżjoni ta' Zammit, li wisq probabbli nqalbet mill-Ispanjol u dik ta' Pellegrini, li nafu li nqalbet mill-Ispanjol għax hekk kitbilna, il-kollega Antoine Cassar, studjuż tal-kultura Spanjola u l-letteratura tagħha, kellu dan xi jgħid:

"*Noche oscura* hija miktuba bl-istrofa msejħa 'lira', imħaddma ħafna minn Bernardo Tasso u importata fl-Ispanjol minn Garcilaso de la Vega. San Juan de la Cruz, flimkien mal-kontemporanju tiegħu Fray Luis de León, huma magħrufin talli pperfezzjonaw din il-forma fl-aqwa tar-Rinaxximent. Pellegrini jinjora din l-istruttura biex jiffoka fuq it-tifsir, għad illi l-fehim tiegħu tal-lessiku Spanjol huwa pjuttost limitat: pereżempju, ventura ma tfissirx avventura iżda hena, kuntentizza, u lejn tmiem it-traduzzjoni, jonqos is-sens ta' dejéme, ċjoè intlaqt, essenzjali fil-kuntest biex tfisser l-għoti totali tar-ruħ. Madankollu, huwa ċar li Pellegrini fehem sew il-filosofija neoplatonika tbaqbaq taħt il-wiċċ tal-metafori senswali ta' San Juan de la Cruz.

Zammit jifhem is-sottillezzi tal-vokabularju Spanjol, u jirrispetta mill-qrib l-istruttura u r-rima tal-lirika, iżda l-mużika soda tal-bidu tat-traduzzjoni tiegħu tibda tmajna fin-nofs, sal-punt li t-test jinħass eżerċizzju nieqes mill-ispirtu. Tant hu hekk li Pellegrini, fil-vers ħieles tiegħu, joffri żewġ endekasillabi b'mewġa sabiħa li tisboq il-mużikalità ta' Zammit: ħlief dak li kien iħeġġeġ ġewwa qalbi, fejn ir-ritmu ġambiku (2-4-6-8-10) jirrifletti t-taħbit tal-fjamma tad-dawl; u vers li jista' jitqies il-qofol tal-poeżija, il-maħbuba mibdula fil-maħbub, b'mewġa dattilika (3-6-(10)) li tkompli tpinġi s-simmetrija tax-xbieha ta' twaħħid, jiġifieri *la amada*, ir-ruħ, li tittrasforma ruħha fi *el Amado*, Alla l-maħbub. Iż-żewġ eżempji jidhru f'tarf l-istrofa rispettiva tagħhom; hija ħasra li Pellegrini ma tax l-istess attenzjoni mużikali lill-bqija tal-istrofa u tal-poeżija sħiħa, iktar u iktar meta dan wera li kien kapaċi."[1]

Frans Sammut (Cortis 1992, p. 61) u Patri Anġeliku Busuttil (2000, p. 15-16, 326-327) tawna verżjoni libera ta' dil-poeżija mistika filwaqt Glen Attard qaleb mill-Ispanjol l-ewwel żewġ strofi biss (April-Ġun 2019, p. 18).[2] L-ewwel żewġ każijiet ma nafux inqalbux mill-Ispanjol.[3]


Lawrenz Cachia (1932-)


Ġorġ Zammit (1908-1990)


V.M. Pellegrini (1911-1997)


Frans Sammut (1945-2011)


Anġ Busuttil (1933-2002)

# Noche Oscura – Lejl Mudlam

### *En una noche oscura*
San Juan de la Cruz

En una noche oscura
Con ansiasen amores inflamada
o dichosa uentura
sali sin ser notada
Estando ya ni.i casa sosegada

A escuras, y segura
Por la secreta escala disfraçada .
o dichosa uentura
a escuras y ençelada
Estando ya mi casa sosegada.

En la noche dichosa
En secreto que nadie me ueya.
Ni yo miraua cosa
Sin otra luz y guia
Sino la que en el coraçon ardia.

Aquesta me guiaua
Mas cierto que la luz del medio dia
adonde me esperaua
quien yo bien me sabia
En parte donde nadie parecia

o noche que guiaste
o noche amable mas que el aluorada
o noche que juntaste
amado con amada
Amada en el amado transformada

En mi pecho florido
que entero para el solo se guardaua
alli quedó dormido,
y yo Ie regalaua
y el ventalle de cedros ayre daua

El ayre de la almena
quando yo sus cabellos esparzia
con su mano serena
en mi cuello heria
y todos mis sentidos suspendia.

Quedeme y oluideme
El rostro recline sobre el amado
ceso todo, y dexeme
dexando mi cuidado
Entre las açucenas oluidado.

### *Għanja tat-telgħa tal-Monti Karmelu*
Traduzzjoni ta' Ġorġ Zammit (1987)

Waqt lejl ta' dalma sħiħa,
bix-xewqa tal-imħabba tixgħel fija,
ħassejtni wisq ferrieħa
li ħadd ma ntebaħ bija
meta 'l dari ħallejt fis-serħ mogħnija.

Fid-dlam, u qalbi sħiħa
ma' taraġ moħbi nżilt, bil-mant mgħottija.
Ħassejtni wisq ferrieħa
ngħaddi fid-dlam, moħbija
meta 'l dari ħallejt fis-serħ mogħnija.

F'dik il-lejla ta' hena,
bil-moħbi, waqt li ħadd ma kien jarani,
xejn ma stajt nara jiena
bla ħadd li jiggwidani
ħlief id-dawl li xegħel f'qalbi, ħaj u għani.

Kien da' d-dawl li mexxieni
aktar mill-aqwa dawl ta' nofsinhar
lejn fejn kien jistennieni
dak li sid qalbi sar
hemm fejn ħadd ħliefu ma seta' jarani.

O lejla li dawwalt,
O lejla ħelwa aktar mis-sbieħ ghall-qlub;
O lejla li wassalt
maħbuba sal-maħbub
biex fil-maħbuba ġie l-Maħbub mibdul.

Ġo qalbi, sew fil-qiegħ
li għalih biss jien kont żammejt merfugħ,
hu mtedd ħalli jistrieħ.
Jien qgħadt ħdejh, kollni dmugħ,
u l-imriewaħ taċ-ċedri tawh ir-ruħ.

Mis-swar, riħ kellu ħlewwa
Xagħru ferrixlu ħiemed;
u ġerħa f'għonqi sewwa
ħallieli, għad li sieket,
waqt li kull sens go fija safa' liebet.

Bqajt hemm, u nsejt il-ħajja;
rasi fuq il-Maħbub sabet serħan.
Ħallejt kollox warajja:
kollox kien sar duħħan:
u d-dwejjaq kollha nsejt qalb is-susan.

### *Lejl kollu dlam*
Traduzzjoni ta' Lawrenz Cachia (1987)

F'lejl kollu dlam, sewdien,
mixgħula bl-imħabbiet u b'xewqat kbar,
O x'ferħ b'xortija kien!
ħriġt barra w ebda flien
ma ntebah bija, għax kienet rieqda d-dar.

Fid-dlam u ċerta, jien
tlajt sellum moħbi mleffa ġewwa star,
O x'ferħ b'xortija kien!
fid-dlam mingħajr għarfien,
ma ntebah hadd għax kienet rieqda d-dar.

U f'dak il-lejl hennej,
moħbija sewwa hekk li ma kontx nidher,
jien ma ħarist lejn xej',
bla dawl u bla mexxej
ħlief dak li kien qed jixgħel ġo das-sider.

U dan in-nar mexxieni
aħjar mix-xemx li nofs il-jum iddawwal,
sa fejn kien jistennieni
dak li kont nafu kmieni,
fin-naħa fejn ma seta' hadd jittawwal.

O lejl mexxej magħġub,
lejl li ħabbejtek wisq aktar mis-sbieh,
lejl li għaqqad żewġ qlub,
Mahbuba u Mahbub,
wara li dan biddel lill-ohra fih.

Fuq sidri kollu żahar,
li għalih waħdu jien żammejtu sħiħ,
ħa nagħsa mill-aħjar,
u l-fessud tiegħi sar,
u ċ-ċedri bħal imrewħa fewħu r-riħ;

Bħar-riħ ta' bejt setgħani,
filwaqt li xagħru jiena nofroq bdejt,
u driegħu kaim, bajdani,
daqqa fuq għonqi tani,
u s-sensi koliha imraqqdin ħassejt.

Hemm lili nnifsi nsejt,
mejjilt ftit wiċċi lejn il-maħbub tiegħi,
kollox siket – ċedejt –
u t-toqol li ġarrejt
insejtu qalb il-ġilji mdawrin miegħi.

# Noche Oscura – Lejl Mudlam

### *F'lejla tabilħaqq mudlama*
Traduzzjoni ta' V. M. Pellegrini (1991)

F'lejla tabilħaqq mudlama
Imkebbsa sew b'leblieba għall-imħabba
(ah, x'avventura ħelwa !)
Meta dari ġa kienet f'sikta kennija.

Fid-dlam, bla biża',
moħbija, tlajt taraġ sigriet
(ah, x'avventura helwa!)
fid-dlam mohbija,
meta dari ġa kienet f'sikta kennija.

F'dak il-lejl ixxurtjat
moħbija kont fejn ħadd ma seta' jarani,
imxejt bl-amment
u bla dawl ieħor
ħlief dak li kien iħeġġeġ ġewwa qalbi.

U b'dan terraqt żgura iktar
minn f'dawl ta' nofsinhar
għal dak il-post fejn jien kont mistennija
minn Dak li kont naf sew,
fejn ħadd ma seta' b'ebda mod jarani

Ja lejl, li triqti wrejtni.
Ja lejl, għażiż wisq aktar miż-żerniq
Ja lejl, li laqqajt
il-maħbub mal-maħbuba,
il-maħbuba mibdula fil-maħbub!

Fuq sidri mfawwar bil-fjuri,
li Għalih biss jien niżra',
hemm, f'raqda ta' mistrieh
offrejtlu jien rigali
maż-żiffa ħelwa taċ-ċedri jiżżeffnu.

Fl-arja friska tal-għolja
meta xagħru b'żegħil jiena ferraqt,
Hu b'idu kollha ħlewwa
ferieni f'għonqi
u s-sentimenti kollha raqqad fija.

Issaħħart u kollox insejt,
wiċċi serraħt fuq dak ta' maħbubi,
kollox għeb u għal dejjem
u nessieni kull ħsieb ieħor u nkwiet
mitlufa għal kollox qalb narċis imfewwaħ.

### *Lejl kollu dlam*
Traduzzjoni ta' Anġeliku Busuttil (2000)

F'lejl kollu dlam,
b'ħajriet u mħabbiet imkebbsa,
o xorti tassew hienja! –
ħriġt bla ħadd ma ntebah bija, b'dari issa mistrieħa.

Fid-dlam u fiż-żgur
b'sellum moħbi, fi star imkebba,
o xorti hienja!
tlajt fid-dlam u fil-ħabi b'dari issa mistrieha.

Fil-lejl hieni
bil-moħbi, bla hadd ma rani
u lanqas jien ma rajt xejn
bla ebda dawl iehor u gwida
ħlief dak li kien f'qalbi mkebbes.

U dan lili mexxieni
aktar fiż-żgur mid-dawl ta'
sa fejn kien jistennieni
dak li kont naf sewwa min kien
fin-naha fejn hadd ma deher.

O lejl li lili mort tmexxi!
O lejl ta' min ihobbu aktar miż-żerniq!
O lejl li għaqqadt qalb waħda
l-Maħbub mal-maħbuba
bil-maħbuba mibdula fil-Maħbub!

Fuq sidri mwarrad,
li għalih waħdu jien kollu żammejt;
hemm hu ha nagħsa ħelwa u bih jiena żegħilt
u ċ-ċedri bħal imrewħa ġiebu ż-żiffa.

U ż-żiffa ġiet mit-turretta.
Meta jiena xagħaru fraqt,
b'idu ħelwa daqqa fuq għonqi tani
u għamel li s-sensi tiegħi jiġu mraqqda

Hemm bqajt u kollox insejt,
u wiċċi lejn il-Maħbub mejjilt.
Kollox siket u jiena ntlaqt;
u t-tħassib kollu tiegħi qalb il-gilji ħallejtu.

### *Lejl mudlam tar-ruħ*
Traduzzjoni ta' Frans Sammut (1992)

F'lejl mudlam, mixgħula b'xenqat fl-imħabbiet,
o ġrajja ferrieħa, ħriġt bla rawni għax kienet ħiemda dari.

Maħruba imma żgura tlajt sellum moħbi, o ġrajja ferrieħa, fid-dlam u bil-moħbi, għax kienet ħiemda dari.

F'dik il-lejla, bil-moħbi, li ħadd ma rani, u lanqas jien ma rajt xejn, bla dawl ieħor u bla mexxej ħlief dak li kien ġie qalbi jħeġġeġ.

Dan mexxieni aħjar mid-dawl ta' nofsinhar, lejn fejn kien jistennieni min jien kont nafu sew, fin-naħa fejn hadd ma jidher.

O lejl, li mexxejtni, o lejl maħbub aktar miż-żerniq, o lejl li għaqqadt Maħbub ma' Maħbuba, Maħbuba ġo Maħbub mibdula.

Ġo sidri kollu żahar, li għalih kollu ftaqadt, hemmhekk baqa' jitniegħes u jien tajtu b'imħiba, u l-imrewħa taċ-ċedru tatu n-nifs.

Ir-riħ ġej mit-torri waqt li jiena mexxejt subgħajja f'xagħru, b'idu sielma darabni f'għonqi u raqqadli ħsusi koliha.

Intlaqt u lili nnifsi nsejt, heda kollox, mejjilt wiċċi fuq il-Maħbub u tlift għaqli hemm qalb is-susan

### *Il-lejl mudlam*
Traduzzjoni ta' Glen Attard (2019)

Darba waħda f'lejl mudlam,
anzjuża, bi mħabba taħraq,
oh xorti gawdjuża,
ħriġt mingħajr ħadd rani,
waqt li dari kienet ġa tistrieħ.

Fid-dlam u fiż-żgur,
fuq sellum sigriet, moħbija,
oh xorti gawdjuża,
fid-dlam u b'ħeġġa taħraq,
waqt li dari kienet ġa tistrieħ.

### It-traduzzjonijiet ta' Lawrenz Cachia

Fil-ktejjeb, *San Ġwann tas-Salib — Tliet Poeżiji* (1987), li fih dehret *Lejl kollu dlam*, dehru żewġ traduzzjonijiet oħra tal-istess traduttur, *Kantiku Spiritwali* (p. 5-11) u *Fjamma ħajja ta' mħabba* (p. 15).

Fiċ-ċentinarju tal-mewt ta' dan il-qaddis mistiku, Lawrenz Cachia reġa' ppubblika l-poeżija *Kantiku Spiritwali* fil-ktieb *San Ġwann tas-Salib — L-Ewwel Volum — Il-Kantiku Spiritwali* (1991, p. 41-48) biex magħha abbina t-traduzzjoni tiegħu għall-Malti ta' *Il-Kantiku Spiritwali*, jiġifieri l-kummentarju li l-qaddis għamel għal kull waħda mill-40 strofa tal-kantiku (p. 50-284) flimkien mad-daħla qasira li kiteb il-qaddis stess, *L-Argument* (p. 49).

Cachia jgħidilna li *Il-Kantiku* hu l-aktar opra għal qalb San Ġwann: "Hawnhekk isib lilu nnifsu, hawnhekk iħoss li ħalaq xi ħaġa sabiħa, frott ta' ħafna mħabba, frott ta' ħafna tbatija" (1991, p. 4). It-traduttur innifsu tana *Tagħrif Qabel* (p. 3-34) li fih ħames taqsimiet. Dwar il-poeżija *Kantiku Spiritwali*, li l-qaddis ħoloq sitt snin qabel ma kiteb il-kummentarju, Cachia, f'analiżi letterarja, isostni li "il-poeżija tlaħħam b'mod ħafna aktar dirett l-esperjenza mistika, is-simbolu reliġjuż u l-qawwa tal-ħolqien letterarju" (1991, p. 12) għax fiha l-qaddis "jirrakkonta u jkanta storja twila ta' mħabba bejn żewġ namrati, l-Għarus u l-għarusa" (1991, p. 13).

L-istudju ta' Cachia huwa estensiv, saħansitra jitkellem dwar l-istorja (p. 23) u l-evoluzzjoni storika tal-ktieb *Il-Kantiku Spiritwali* (p. 28) u kif għandu jinqara (p. 33).

#### *Strofi li r-ruħ tikkomponi fil-għaqda sħiħa ma' Alla l-Għarus maħbub tagħha*
Traduzzjoni ta' Albert M. Cassola (1972)

1. Fjamma ta' mħabba u sħana
li tidrob kollok ħlewwa
in-nofs għammieq ta' din ir-ruħ mixtieqa!
Billi m'għadikx beżgħana,
jekk trid, temm ix-xogħol sewwa;
ċarrat l-istar ta' dina l-laqgħa wtieqa!

2. O nar sħun u ta' sliema!
O ġerħa li tgħaxxaqni!
O id melliesa! Kif tmissni hekk ħafifa,
induq ħajja dejjiema
li minn kull dejn titlaqni!
Qerrieda, bdiltli l-mewt f'ħajja nadifa.

3. Lampi tan-nar bid-dija.
li jdawlu għerien oskuri
l-iktar profondi għas-sentimenti umani,
li kienu għomja u moħbija,
b'għaġeb glorjuż u kburi
lill-Maħbub tagħhom jagħtu dawl arkani!

4. U ħelu nħossok jiena
tistenbaħ minn fuq ħdani
fejn tgħammar waħdek
u mistoħbi hemm ġewwa,
u ma' kull nifs ta' ħniena,
ta' benna u sliem, tarani
ninġibed lejk bl-ikbar imħabba u ħlewwa!

#### *Fjamma ħajja ta' mħabba*
Traduzzjoni ta' Lawrenz Cachia (1987)

1. O nar ta' mħabba ħajja
li tidrob waqt li tmelles,
it-tokk l-aktar għammieq li hawn ġo fija,
la Int ma tħobbx titlajja,
dil-ħidma, jekk trid, eħles:
aqsam ix-xoqqa ta' dil-laqgħa għaslija.

2. O ħruq li jdewwi – x'benna!
Ġerħa mogħtija b'xejn;
id ratba li fejn tmiss qisek tajjar,
kemm fik togħma tal-ġenna,
u kollu tħallsu d-dejn:
x'ħin qtiltni, l-mewt biddiltha f'ħajja aħjar!

3. O ħġejjeġ tan-nirien
li meta tarmu d-dija
l-għerien profondi ta' kull sens midrub
(li agħma w fid-dlam kien)
b'qawwa mhux mistennija
isaħħnu waqt li jdawlu lill-maħbub!

4. O f'liema mħabba, ġwejjed
tfakkarni ġewwa ħdani,
fejn qiegħed tgħammar
moħbi u ħadd ħdejk;
b'nifs oħla mill-inbejjed,
bil-ġid u s-sebħ wisq għani,
b'liema delikatezza ġbidtni lejk!

#### *Strofi li tlissen ir-ruħ fl-unjoni intima ma' Alla, l-Għarus maħbub tagħha*[4]
Traduzzjoni ta' Carmel Mallia

1. O fjamma ħajja ta' mħabba
Li bil-ħlewwa tferi lil ruħi
Fiċ-ċentru l-iktar fond tagħha!
Ladarba Issa int m'intix oppressiva,
Issa kkonsma! Jekk din hi r-rieda tiegħek:
Ċarrat il-velu ta' din il-laqgħa ħelwa!

2. Ħruq ħelu! O ġid ġentili!
O messa delikata
Li taf il-ħajja ta' dejjem,
U li tħallas kull dejn!
Waqt li toqtol,
biddilt il-mewt fil-ħajja!!

3. O lampi tan-nar,
li fid-dija ħajja tagħhom
l-għerien fondi tas-sens uman,
li kien skur u għama
b'kura tal-għaġeb
għal Maħbub tagħhom jagħtu dawl u sħana!

4. B'kemm ħlewwa kollha mħabba
Inti tqajjem f'qalbi
Fejn waħdek u fis-sigriet inti tgħammar!
U fin-nifs ħelu tiegħek,
Mimli b'ġid u glorja
B'liema ħlewwa timla' qalbi bl-imħabba!

### It-traduzzjonijiet ta' Anġeliku Busuttil

F'*Kollox għal Alla waħdu — L-Ewwel Volum tal-Kitba ta' San Ġwann tas-Salib*, Busuttil ġabilna għall-Malti il-kummentarji *Telgħa tal-Muntanja tal-Karmelu*, u *Lejl kollu Dlam* flimkien mal-poeżija *Lejl kollu dlam* li fuqha jissejsu ż-żewġ kummentarji. Il-ktieb fih ukoll il-Massimi u s-Sentenzi tal-qaddis li wħud minnhom it-tradutur kien qaleb u ppubblika f'*Il-Messaġġier Tereżjan*. Meta ħareġ dal-volum fl-2000 hu ħejja biex jibda jaqleb "il-Kantiku Spiritwali u l-Fjamma Ħajja ta' Mħabba, flimkien mal-poeżiji l-oħra tal-Qaddis" (2000, p. 3). Busuttil hu t-tradutur Tereżjan *par excellence*: minbarra dawn ix-xogħlijiet ta' San Ġwann tas-Salib, hu qaleb għall-Malti ħafna xogħlijiet ta' Santa Tereża ta' Avila u ta' Santa Tereża ta' Liseux.




### *Poeżija tar-ruħ f'komunikazzjoni sħiħa mal-għaqda tal-imħabba t'Alla*[5]

Traduzzjoni ta' Vincenzo M. Pellegrini

1. Oh fjamma ħajja ta' mħabba,
li tinżel bl-ikbar ħlewwa
fiċ-ċentru l-iktar fond ta' ruħi
għax issa ma għadekx mifnija,
Stabar, jekk Inti trid,
u l-velu ċarrat għal dil-laqgħa ħelwa.

2. Oh il-jasar ta' hena kbira!
Oh ir-rigal ta' ġerħa!
Oh l-id ħelwa! Ah iż-żehila ġentili
li tagħti ħajja eterna
li tħallas id-djun kollha
li waqt li toqtol tbiddel f'ħajja il-mewt.

3. Oh x'mixegħla ta' nar
li bid-dija tagħha
l-għerien fondi tal-fehma
li kienet imdallma u għamja
tagħti mill-ġdid
sħana u dawl f'ħin wieħed lill-maħbub

4. Xi sliem u mħabba
iġġeddidli Int ġo fija,
fejn waħdek tista' toqgħod Inti biss:
U b'nifsek ħelu
mimli tjieba u glorja
kif iġġagħlni nissaħħar għalik!

### *The Dark Night*

Traduzzjoni ta' John Frederick Nims (1979)

Once in the dark of night
when love burned bright with yearning, I arose
(O windfall of delight!)
and how I left none knowsdead
to the world my house in deep repose;

in the dark, where all goes right,
thanks to a secret ladder, other clothes,
(O windfall of delight !)
in the dark, enwrapped in those –
dead to the world my house in deep repose.

There in the lucky dark,
none to observe me, darkness far and wide·,
no sign for me to mark,
no other light, no guide
except for my heart-the fire, the fire inside!

That led me on
true as the very noon is – truer too! –
to where there waited one
I knew – how well I knew! –
in a place where no one was in view.

O dark of night, my guide!
night dearer than anything all your dawns discover!
O night drawing side to side
the loved and lover –
she that the lover loves, lost in the lover!

Upon my flowering breast,
kept for his pleasure garden, his alone,
the lover was sunk in rest;
I cherished him – my own! –
there in air from plumes of the cedar blown.

In air from the castle wall
as my hand in his hair moved lovingly at play,
he let cool fingers fall
– and the fire there where they lay! –
all senses in oblivion drift away.

I stayed, not minding me;
my forehead on the lover I reclined.
Earth ending, I went free,
left all my care behind
among the lilies falling and out of mind.

## *Kristu u r-ruħ* ta' Vincenzo M. Pellegrini

Ir-Ragħaj żagħżugħ qiegħed jibki xortih,
imbiegħed minn kull ferħ u minn kull hena,
ħsiebu biss fuq ir-ragħajja li tant ħabb,
li tertqed sidru b'din l-istess imħabba.

Il-biki tiegħu mhux għax laħaq ħabbha,
lanqas għax hi bl-għemil tagħha weġġagħtu;
kulhadd iħossu mnikket waqt l-imħabba,
iżda Huwa kien imbikki għax insietu.

Kien biżżejjed il-ħsieb li hija nsietu,
is-sbejħa ragħajja, biex b'dulur li jnikket
jerħi ruħu f'idejn l-egħdewwa tiegħu
b'qalbu minfuda bl-imrar ta' għemilha.

U jgħid ir-Ragħaj: "X'xorti ħażina kelli
meta serquli l-kbira mħabba tiegħi,
u issa anqas biss ma trid tarani ħdejha
wara li qalbi bi ġrieħi kbar darbitli!"

U għax Huwa ma felaħx isofri iżjed
fetaħ is-sbieħ dirgħajh bi ħniena kbira
u mdendel baqa' sa ma safa mejjet
hekk ħorox kienu l-pwieni ta' mħabbtu.

San Ġwann tas-Salib
(Maqluba għall-Malti mill-oriġinal
bl-Ispanjol minn *V.M. Pellegrini.*)

mument

Kristu u r-Ruħ 01

R-Raghaj zaguh qieghed jibki xortieh
imbieghad minn kull ferh u ~~minn kull~~ hena
hsiebu biss fuq ir-raghajja li tant habb,
~~li tertqet~~ sidru b'din l-istess imhabba.

Il-biki tieghu mhux ghax lahaq habba,
lanqas ghax hi bl-ghemil taghha weggatu;
kullhadd ihossu mnikket waqt l-imhabba,
izda Huwa kien imbikki ghax insitu.

Kien bizzejjed il hsieb li hija nsietu,
is-sbejha raghajja, biex b'dulur li jnikket
jerhi ruhu f'idejn l-eghdewwa tieghu
b'qalbu minfuda bl-imrar ta' ghemila.

U jghajjd ir-Raghaj "X'xorti hazina kelli
meta ~~[illegible]~~ serquli il-kbira mhabba tieghi,
u issa anqas biss ma trid tarani hdejha
wara li qalbi b'griehi kbar ~~[illegible]~~ darbitli".

u ghax Huwa
~~[illegible]~~ ma felahx isofri izjed,
fetah is-sbieh dirghajh bi hniena kbira,
u mdendel baqa sa ma safa mejjet,
hekk horox kienu il pwieni ta' ~~din~~ mhabbtu.

San Gwann tas-Salib

Magluba ghal Malti
minn l-originał Spanjol
minn V.M. Pellegrini

nifdilli

40

OTRAS CANCIONES
A lo diuino (de el mismo autor)
De Christo y el alma.

Un pastorcico solo esta penado
ageno de plazer y de contento
y en su pastora puesto el pensamiento
y el pecho del amor muy lastimado
No llora por auerle amor llegado
que no le pena verse asi afligido
aunque en el coraçon esta herido
mas llora por pensar que esta oluidado

Que solo de pensar que esta oluidado
de su bella pastora con gran pena
se dexa maltratar en tierra agena
el pecho de el amor muy lastimado
Y dize el pastorcico, ay desdichado
de aquel que de mi amor a hecho ausencia
y no quiere gozar la mi presencia
y el pecho por su amor muy lastimado.

Y acabo de un gran rato se a encumbrado
sobre un arbol: do abrio sus braços bellos
y muerto se a quedado asido dellos
el pecho de el amor muy lastimado.

41

MADRIGAL
a lo divino:
of Christ and the soul

Once a young shepherd went off to despond:
how could he dance again? how could he sing?
All of his thoughts to his shepherdess cling,
with love in his heart like a ruinous wound.

The root of his sorrow? No, never the wound:
the lad was a lover and relished the dart
that lodged where it drank the best blood of his heart—
but sighing "Forgotten!" went off to despond.

For only to think it—forgotten by one
beautiful shepherdess!—drove him afar;
cost him a drubbing in foreigners' war,
with love in his heart like a ruinous wound.

The shepherd boy murmured: O curses descend
on the stranger who's stolen my pretty one: she
keeps a cold distance—stares stonily
on the love in my heart like a ruinous wound.

Time passed: on a season he sprang from the ground,
swarmed a tall tree and arms balancing wide
handsomely grappled the tree till he died
of the love in his heart like a ruinous wound.

## Traduzzjonijiet oħra

Carmel Mallia qaleb *Fjamma ħajja ta' mħabba* bl-erba' strofi u l-kummentarji fuqhom miktubin mill-qaddis. Hu ppubblikah online fuq *Fjamma ta' Mħabba* — San Ġwann tas-Salib | ORDNI SEKULARI KARMELITAN TEREŻJAN (https://oskt.wordpress.com/san-gwann-tas-salib/765-2/). Fuq l-internet, tal-istess traduttur insibu t-traduzzjoni tat-*Talba ta' Ruħ Namrata* — San Ġwann tas-Salib | ORDNI SEKULARI KARMELITAN TEREŻJAN u xi Sentenzi ta' San Ġwann tas-Salib | ORDNI SEKULARI KARMELITAN TEREŻJAN. Fl-ebda waħda ma jgħid liema edizzjoni uża bħala s-sors u jekk qalibhomx mill-Ispanjol jew minn xi lsien ieħor.

Fl-1992 rajna l-pubblikazzjoni tal-ktieb *Ġawhar — Sentenzi meħudin mill-kitba ta' San Ġwann tas-Salib, Duttur tal-Knisja*. Kien il-Kanonku Dun Alwiġ Camilleri li qaleb dawn is-sentenzi mit-Taljan għall-Malti mill-ktieb *Pensieri* tal-Kardinal Raffaello Carlo Rossi (1876-1948) u ppubblikat mid-dar tal-kotba *Il Passero Solitario* f'Ruma.

## Konklużjoni

Mill-esperjenza tagħna bħala tradutturi kif ukoll tal-istudji varji tat-teorija letterarja, nistgħu ngħidu li qatt mhu faċli taqleb il-poeżija, sew għall-Malti kif ukoll għal lingwi oħra, speċjalment meta nqabblu l-qlib tal-poeżija ma' dak tal-proża. Nistgħu ngħidu wkoll li hu ferm anqas faċli l-qlib tal-poeżiji ta' San Ġwann tas-Salib — dwar dan rajna t-twissija tal-Professur Peers. Madankollu fil-korp tat-traduzzjoni letterarja bil-Malti għandna l-essenzjali ta' dan il-poeta Spanjol, xi drabi anke l-istess biċċa maqluba minn tradutturi differenti.

Ħarsa lejn it-tabella tat-tqabbil tal-ħames verżjonijiet bil-Malti sħaħ u oħra parzjali ta' *Lejl Mudlam* (Cachia 1987, Zammit 1987, Pellegrini Marzu 1991, Sammut 1992, Busuttil 2000 u Attard 2019), tal-erba' verżjonijiet bil-Malti ta' *Fjamma ħajja ta' mħabba* (Cassola 1972, Cachia 1987, Mallia u Pellegrini) u ta' *Kristu u r-Ruħ* ta' Pellegrini (Ottubru 1991) turina l-versatilità tat-traduzzjoni bil-Malti anke jekk fil-verità erba' minnhom biss nistgħu nanalizzaw bis-serjetà skont it-test oriġinali: *Noche Oscura* ta' Ġorġ Zammit (1987) u ta' Vincenzo M. Pellegrini (Marzu 1991) flimkien ma' *Llama de amor viva*, u *Un pastorcico solo*, wkoll ta' Pellegrini, peress li dawn biss nafu li nqalbu mit-test oriġinali Spanjol (jew aħjar, ta' Pellegrini nafu fiċ-ċert li nqalbu mill-Ispanjol għax kitbilna hu stess u ta' Zammit qed nassumu li nqalbet mill-Ispanjol).[6]

Meta nħarsu lejhom mill-qrib naraw li anke dawn iż-żewġ tradutturi ttrattaw l-istess test sors b'mod totalment differenti, kemm fl-għażla tal-lessiku kif ukoll fl-għażla tas-sintassi.

Dawn it-traduzzjonijiet mil-letteratura klassika Spanjola jkomplu jsaħħu l-korp tat-traduzzjoni letterarja bil-Malti u tajjeb li nfakkru li dawn mhumiex l-uniċi bċejjeċ mil-letteratura Spanjola li tħaddan it-traduzzjoni letterarja bil-Malti: Pellegrini nnifsu tana bil-Malti kważi mitt poeżija tal-poeta Spanjol Federico García Lorca u sitt poeżiji tal-poeta Ċilen Pablo Neruda. Għandna wkoll traduzzjonijiet sħaħ u parzjali bil-Malti ta' xi rumanzi u plays maqlubin mill-Ispanjol li jinkludu *Yerma*, *La casa de Bernarda Alba*, u *Bodas de Sangre ta' Lorca* (Said 2022) u *Dun Kixott* ta' Cervantes (Alfons Maria Galea 1914 fil-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* u Pawlu Montebello 1995 u 2016 (SKS)).

*Ivan Said hu awtur, u traduttur tal-Kummissjoni Ewropea*

## BIBLIJOGRAFIJA

Attard, P. Glenn O. Carm. "San Ġwann tas-Salib — Il-Lejl Mudlam", f'*Il-Karmelu — Leħen il-Karmelitani Maltin*, April-Mejju 2019, p. 18-19.

Attard, P. Glenn O. Carm. "San Ġwann tas-Salib — It-Telgħa tal-Għolja tal-Karmelu", f'*Il-Karmelu — Leħen il-Karmelitani Maltin*, Jannar-Marzu 2019, p. 6-7.

Busuttil, Anġeliku M. *Kollox għal Alla Waħdu — L-Ewwel Volum tal-Kitbiet ta' San Ġwann tas-Salib — Telgħa tal-Muntanja tal-Karmel, Lejl Kollu Dlam, Massimi u Sentenzi Spiritwali*. Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana - Malta. 2000.

Cachia, Lawrenz Mons. *Il-Kitba ta' San Ġwann tas-Salib — L-Ewwel Volum — Il-Kantiku Spiritwali B*. Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana Malta. 1991.

Cachia, Lawrenz Mons. *San Ġwann tas-Salib — Tliet Poeżiji*. Malta. 1987.

Camilleri, Kan. Dun Alwiġ. *Ġawhar — Sentenzi meħudin mill-kitba ta' San Ġwann tas-Salib, Duttur tal-Knisja*. Lumen Christi. Għawdex. 1992.

Cortis, Toni (ed.). *Letteratura*. Ministeru tal-Edukazzjoni - Malta. 1992.

Eco, Umberto. *Experiences in Translation*. University of Toronto Press — Toronto Buffalo London. 2001.

Peers, Prof. Edgar Allison. *Spirit of flame, a study of St. John of the Cross*. New York, Morehouse-Gorham co. 1944.

Pellegrini, Vincenzo Maria. "F'Lejla Tabilħaqq Mudlama — Fil-Ħsieb ta' San Ġwann tas-Salib", f'*Leħen is-Sewwa*, id-9 ta' Marzu, 1991, p. 8.

Said, Ivan. "Vincenzo Maria Pellegrini's Maltese translation of poetry by Federico García Lorca and Pablo Neruda deposited at the National Archives of Malta", f'*L-Arkivju*, il-ħarġa 13, 2022, p. 35-52.

Schiavone, Michael J. *Dictionary of Maltese Biographies*. Vol. 1 & 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.

*The Poems of St John of the Cross. Third Edition — Original Spanish texts and English translations by John Frederick Nims*. The University of Chicago Press Chicago & London. 1979.

Zammit, George. "Il-Fanal ta' Malta — Mill-Ispanjol ta' Angel de Saavedra", f'*Il-Malti*, l-Għaqda Kittieba tal-Malti, Settembru 1950, p. 89-91

Zammit, George. "Qaddis Poeta", f'*Leħen is-Sewwa*, it-13 ta' Ġunju, 1987, p. 4, 11.

## ĦAJR LIL...

Juan Debono OCD, Victor Mallia OCD, Mariquita De Gabriele, Maroma Camilleri u Antoine Cassar tal-għajnuna li tawni fir-riċerka tiegħi biex ktibt dan l-artiklu.

## NOTI TA' TMIEM L-ARTIKLU

1. Komunikazzjoni privata bl-email datata l-5 ta' Frar 2024.
2. F'komunikazzjoni privata bl-email datata l-14 ta' April 2024, Attard ikkonfermali li qalibha mill-Ispanjol u li qaleb l-ewwel żewġ strofi biss.
3. Ġorġ Peresso qalli li hu wkoll qaleb *Noche oscura* għall-Malti. Hu qatt ma ppubblikaha iżda qraha fuq ir-radju. Kopja tagħha ma setgħetx tinstab.
4. Ippubblikata online mingħajr is-sena tal-pubblikazzjoni.
5. Traskritta mill-manuskritt li sibt fil-fond ta' Vincenzo M. Pellegrini fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. Nota fil-manuskritt tindika li aktarx din dehret jew fil-*Leħen is-Sewwa* jew f'*Il-Ġens*, żewġ gazzetti tal-Knisja Katttolika Maltija, iżda ma tgħidx meta jew f'liema edizzjoni dehret.
6. Dwar il-poeżiji kollha l-oħra, inklużi Il-Lejl Mudlam u Fjamma Ħajja ta' Mħabba, jien ma nistax neskludi li dawn inqalbu mill-Ispanjol iżda lanqas nista' nassumi bi probabbiltà kbira u ngħid li nqalbu mill-Ispanjol jew minn xi lingwa partikolari oħra sakemm ma sibtx mod ieħor b'ċertezza. Dan hu nuqqas li niltaqa' miegħu ta' spiss fir-riċerka tiegħi dwar l-istorja tat-traduzzjoni bil-Malti: it-traduttur Malti ma jistqarrx minn liema test u lingwa jkun qaleb ix-xogħol.

# l-aċċent

jagħti ġieħ lil żewġ ħaddiema tal-Malti

## Ġorġ Peresso u Albert M. Cassola

*Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib*

Ir-riċerka, bil-faxxinu kollu tagħha, għandha ħabta li tieħdok fi mkejjen imbegħdin u tħallik tagħmel sejbiet li ftit li xejn tista' tobsorhom. Hekk ġrali meta fil-Biblijoteka Nazzjonali, il-Belt, bdejt nirriċerka biex nikteb l-artiklu tiegħi dwar kitbiet ta' San Ġwann tas-Salib maqlubin għall-Malti waqt li kont qed inqalleb il-perjodiku ta' kull tlett xhur *Il-Messaġġier Tereżjan* skoprejt erba' artikli dwar il-poeżija mistika ta' San Ġwann tas-Salib li kienu jinkludu traduzzjoni għall-Malti ta' erba' poeżiji tal-qaddis Spanjol. Sejba sabiħa u mhux komuni li ferrħitli qalbi u ħeġġitni nkompli nfittex.

Ġorġ Peresso, li dak iż-żmien kien membru ta' ordni reliġjuż, kien l-awtur ta' din is-sensiela ta' artikli intitolata *Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib* li dehret fil-perjodiku tal-Patrijiet Karmelitani Tereżjani Maltin bejn Lulju 1971 u Diċembru 1972. Albert M. Cassola kien it-traduttur tal-erba' poeżiji ta' dan il-mistiku Spanjol li waħda waħda dehru fit-tarf ta' kull artiklu. Kif spjegali iben Albert M. Cassola, il-Professur Arnold Cassola, il-kitba tal-artikli minn Ġorġ Peresso u t-traduzzjoni tal-poeżiji minn missieru, kienet kollaborazzjoni frott ħbiberija li nibtet bejn it-tnejn meta l-familja Cassola għamlet żmien toqgħod Ta' Xbiex fejn il-Karmelitani Tereżjani kien għadhom kif waqqfu parroċċa ġdida bil-kunvent fl-1969 u Ġorġ Peresso ntbagħat jaħdem hemm.

Ġorġ Peresso rrakkontali ġrajja ħelwa li seħħet permezz ta' din il-ħbiberija. Din kienet dwar dik li aktarx kienet l-ewwel lejla letterarja li qatt saret fi knisja f'Malta: Fl-1969, għall-ewwel festa parrokkjali ta' San Ġwann tas-Salib f'Ta' Xbiex Ġorġ Peresso u Albert M. Cassola organizzaw lejla letterarja li fiha kellhom jinqraw kemm poeżiji ta' San Ġwann tas-Salib kif ukoll poeżiji tradizzjonali reliġjużi Maltin u ta' awturi kontemporanji bħal Oliver Friggieri, Victor Fenech, Ray Mahoney. Mario Azzopardi, Charles Coleiro u oħrajn. Din l-inizjattiva sabet l-oġġezzjoni tal-Kurja tal-Arċisqof għax kienet ħaġa kważi għalkollox ġdida li ssir serata letterarja f'knisja. Imma Ġorġ Peresso tkellem mal-arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons Mikiel Gonzi, li kien bagħat għalih, u dan fehem li serata bħal din kellha valur kulturali, letterarju u spiritwali u s-serata letterarja saret.

Mas-sejba tiegħi tal-artikli u t-traduzzjonijiet daqqli l-ħsieb li nipproponi lill-Bord Editorjali ta' *l-aċċent* li nirriproduċu b'mod sħiħ kemm l-artikli kif ukoll il-poeżiji kollha biex nesponu t-traduzzjoni bil-Malti tal-poeżija mistika ta' San Ġwann tas-Salib, apprezzata mhux biss fid-dinja Nisranija, Kattolika u mhux, imma wkoll fid-dinja lajka letterarja u fl-istess ħin, nieħdu l-okkażjoni li nagħtu ġieħ lil tnejn mill-aqwa ħaddiema tal-Malti, Ġorġ Peresso u Albert M. Cassola. Il-Bord Editorjali laqa' l-proposta tiegħi b'mod unanimu u minnufih u b'hekk wasalna għal dawn il-paġni ta' *l-aċċent* li llum jinsab f'idejkom.

Għaliex għandna nagħtu ġieħ lil Ġorġ Peresso u lil Albert M. Cassola?

L-ewwel u qabel kollox għandna nuruhom l-apprezzament tagħna u tal-qarrejja ta' *l-aċċent* tax-xogħol kollu li għamlu b'risq il-Malti, illum li Ġorġ Peresso għalaq 85 sena u Albert M. Cassola f'Ġunju ta' din is-sena għalaq 50 sena mejjet.

*Ikompli fil-paġni li jmiss...*



Kitbiet ta' Ġorġ Peresso
Traduzzjonijiet ta' Albert M. Cassola
Miġbura minn Ivan Said
Pittura ta' Frank Portelli

*Ħajr lil*
Ġorġ Peresso • Ylenia, bint Ġorġ Peresso
Natasha Turner • Arnold Cassola
Antoine Cassar • Katja Zahra Camilleri
l-Imħallef Giovanni Bonello
Joe Cassar • Victor Vella

Ħarsa ħafifa lejn il-bijografija ta' dawn iż-żewġ awturi turina li ħabbew il-Malti u użawh b'mod prolifiku u elokwenti fl-oqsma u l-ġeneri kollha tal-letteratura u x-xandir b'ħafna mezzi u b'ħafna modi iżda fuq kollox fuq il-mezzi tax-xandir pubbliku. It-tnejn kitbu u pproduċew bosta programmi bil-Malti għar-radju u t-televiżjoni — Albert M. Cassola beda ħidmitu fix-xandir fis-snin ħamsin u din baqgħet għaddejja sal-mewt ħesrem tiegħu fl-1974 filwaqt li Ġorġ Peresso beda fis-snin sittin biex imbagħad mill-1976 sal-età tal-pensjoni, ix-xandir sar ħobżu.

Barra minn hekk, hemm ħafna affarijiet komuni bejniethom x'niċċelebraw: it-tnejn kitbu ħafna plays bil-Malti, kemm għar-radju kif ukoll għall-palk (iben Albert M. Cassola jgħidilna li, "Imma l-vera passjoni tiegħu kienet it-teatru"); it-tnejn kitbu u ppubblikaw ħafna poeżiji (Ġorġ Peresso "iqis lilu nnfisu qabel kollox poeta"); it-tnejn kitbu ħafna kanzunetti bil-Malti — ta' suċċess — għal diversi kantanti; it-tnejn kitbu diversi rumanzi u ġabriet ta' novelli, saħansitra wħud minnhom ippremjati. Peresso rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb erba' darbiet u Cassola ngħata l-Premju Letterarju ta' Malta; it-tnejn kitbu u ppubblikaw bit-Taljan; it-tnejn huma tradutturi — qalbu ħafna xogħlijiet letterarji kbar għall-Malti; u t-tnejn irċevew onorefiċenzi u midalji statali b'apprezzament għal xogħolhom.

Dawn iż-żewġ ġganti letterarji tal-Malti, barra l-Malti, kienu jużaw u jħaddmu l-ilsna barranin b'mod mill-aktar effettiv, speċjalment l-Ingliż u t-Taljan, biex b'hekk juruna b'mod ċar li meta tħobb l-ilsna barranin u tkun interessat fil-kultura ta' popli oħrajn, m'għandekx għalfejn tiskarta jew saħansitra tistmerr ilsien pajjiżek. Nistgħu ngħidu wkoll li l-imħabba tagħhom għalll-ilsna u l-letteraturi Ewropej tirrifletti l-imħabba li kellhom għall-Ewropa u l-kultura Ewropea.

F'dawn il-paġni se taqraw x'kiteb Ġorġ Peresso dwar il-poeżija ta' San Ġwann tas-Salib u t-traduzzjonijiet bil-Malti ta' Albert M. Cassola f'erba' partijiet, u se taqraw wkoll intervista (editjata) ta' Natasha Turner ma' Peresso li dehret f'gazzetta lokali aktarx fl-2008: xtaqna u li kieku għamilnielu intervista ġdida imma ċ-ċirkostanzi li bħalissa qed idawru lil Ġorġ Peresso għamluha diffiċli biex tali intervista ssir. Iżda l-intervista ta' Turner turina l-umanità ta' dan l-awtur u xandar, x'importanza għandu l-qari f'ħajtu, x'kotba qara u x'awturi jħobb biex ikollna ħjiel minn fejn Ġorġ Peresso jikseb il-profondità ta' kitbietu letterarji u l-iskripts u l-kummentarji tax-xandir tiegħu — għax minn ewl id-dinja m'hemmx kittieb tajjeb li ma jaqrax ħafna. Fl-artiklu ta' Arnold Cassola naraw l-umanità tal-awtur mil-lenti ta' ibnu. Narawh jesprimi d-diqa tiegħu li ma kellux ċans jgħix is-snin tiegħu ta' adult ma' missieru minħabba l-mewt ħesrem tiegħu.

*Ivan Said, koeditur ta'* l-aċċent



## **Albert M. Cassola** (2 ta' Mejju 1915 - 23 ta' Ġunju 1974)

Twieled il-Belt, studja l-Liċeo u fl-Università degli Studi ta' Milan, fl-Università per Stranieri ta' Perugia, fiċ-Centro Culturale di Coordinazione Internazionale ta' Ruma u fl-Akkademja ta' Turin. Studja wkoll f'Londra biex fl-1953 ġie elett fellow tal-Istitut tal-Lingwistika ta' Londra. Fl-1953, ingħata l-Medaglia Culturale di Bronzo mill-ministru Taljan tal-affarijiet barranin u fl-1969 ingħata l-insinja ta' Cavaliere Ufficiale dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana. Kien għalliem tat-Taljan u l-Malti l-Liċeo, għallem it-Taljan fl-MCAST u serva ta' assistant head tas-sixth form. Fl-1951 ingħata t-Trofew Inez Soler għall-aħjar play oriġinali u fl-1977, tliet snin wara mewtu, ingħata l-Premju Letterarju ta' Malta għar-rumanz *It-Tfajla bil-Fjur fuq Sidirha*.



## **Ġorġ Peresso** (9 ta' Settembru 1939 - )

Twieled il-Birgu u ħa l-edukazzjoni De La Salle u fl-iskejjel Tereżjani ta' Birkirkara u Bormla. Studja l-letteratura u l-filosofija fi Treviso u Brescia, l-Italja, u t-teoloġija f'Malta. Iggradwa M.Th.Spir. mill-Facoltà Teologica (Teresianum) ta' Ruma. Għallem il-midja u t-teoloġija fl-Istitut tal-INSERM, u kien lecturer fl-MTADA. Beda l-karriera fix-xandir mar-Rediffusion wara kors f'St Gabriel's College, ir-Renju Unit. Fl-1976 laħaq producer ma' Xandir Malta u fl-1989 sar aġent kap tal-programmi tat-televiżjoni. Fl-1993 laħaq direttur kreattiv tal-istazzjon u fl-1995 laħaq kap tal-programmi tar-radju. Kien hu li waqqaf Radju Bronja. Xogħlu fix-xandir ġie rikonoxxut tmien darbiet mill-Awtorità tax-Xandir, u fl-2016 ingħata ġieħ għall-kontribut tiegħu fil-kultura u x-xandir. Fl-2018 irċieva l-Medalja għall-Qadi tar-Repubblika mill-President ta' Malta. Hu kiteb żewġ kotba għat-tfal *Karamellu Karamella* (1980) u *Kikku u Sika* (1980). Ippubblika l-bijografija *Anton Buttigieg: il-ħajja tiegħu fil-poeżija*. Kiteb żewġ ġabriet ta' poeżiji bit-Taljan *Silenzi per una notte* (1998) u *I colori del mio silenzio* (2001). *Għażilt li nħobb* hi ġabra ta' poeżiji bil-Malti li ħareġ fl-1987. Rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb erba' darbiet bil-kotba: *Il-Ħajja ta' Kelb* (2000), *It-Tifel tan-Nanna* (2010), *Ir-Raġel ta' Waħdu* (2013) u *Il-Wiċċ l-Ieħor* (2020).

# Taħdita ma'

## Ġorġ Peresso – ħabib u xandar

### kitba ta' Natasha Turner

*Din hi verżjoni editjata ta' intervista li Natasha Turner għamlet lil Ġorġ Peresso għal gazzetta lokali, aktarx fl-2008, fi żmien meta Peresso nieda l-ġabra tiegħu ta' novelli* Imħabba Buffa *u ftit qabel ma ħareġ* L-Istejjer tal-Istorja *u* It-tifel tan-Nanna, *it-tnejn ippubblikati fl-2009. Il-verżjoni ppubblikata ta' din l-intervista ma sibnihiex minkejja r-riċerka sfiqa tagħna u kien Peresso stess li tana steżura tal-intervista. Nirringrazzjaw lil Natasha Turner tal-permess li tatna biex nirriproduċuha hawn.*

Jgħidu li biex issir taf il-ħajja ta' awtur — min hu, kif jifhimha, xi jħobb jew le — aqra l-kotba tiegħu. Fid-dieher jew taħt forom moħbija, hemm l-awtobijografija tiegħu. Dan nista' ngħidu bil-quddiem dwar il-ħabib tiegħi u tagħkom, Ġorġ Peresso, kittieb u xandar. Jekk nistaqsih kemm-il programm radjofoniku u televiżiv ipproduċa jew kiteb it-tweġiba aktarx li se tkun "ma nafx."

Mindu beda jieħu sehem fil-programm tax-xandir mill-aħħar tas-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, Ġorġ kiteb għadd ġmielu ta' programmi u ħafna minnhom, l-aktar dawk radjofoniċi, ipproduċiehom u ippreżentahom hu. Ħidmitu fix-xandir ġiet rikonoxxuta bi tmien premjijiet tal-Awtorità tax-Xandir, u tnejn minnhom għal radjudrammi li minnhom Ġorġ kiteb 'il fuq minn 300.

Ġorġ hu pensjonant, imma ma refax mix-xogħol. Għadu għaddej b'żewġ programmi regolari fuq Radju Malta — fosthom bħala werriet ta' Charles Arrigo, il-programm tal-qari bil-Malti. Barra minn hekk, għandu tnejn oħra fuq Campus FM, u ma jiqafx jagħti sehemu fl-istazzjonijiet tal-komunità. Bħala kittieb dejjem għaddej. Ippubblika 'l fuq minn 17-il ktieb fosthom erba' rumanzi jew novelli — l-aħħar wieħed *Imħabba Buffa* [2008], ġabra ta' novelli ta' 300 kelma il-waħda. Bħalissa qed jistenna l-pubblikazzjoni ta' żewġ kotba oħra, *L-Istejjer tal-Istorja*, l-istorja ta' Malta rrakontata f'forma ta' stejjer għat-tfal, u *It-tifel tan-Nanna* [2009] bit-tifkiriet ta' tfulitu. Barra xi xogħol ta' traduzzjoni, Ġorġ ippubblika wkoll żewġ kotba bit-Taljan *Silenzi per una notte* [1998] u *I colori del mio silenzio* [2001], wieħed mill-ftit awturi Maltin li żamm it-tradizzjoni ta' kotba bit-Taljan.

Fil-kitba tiegħu u anki fil-programmi hemm varjetà sabiħa. F'waqtiet hu filosofiku, f'waqtiet hu umoristiku, f'waqtiet hu reliġjuż, f'waqtiet jagħtina battuti li jersqu anki lejn l-irriverenti, ir-romantiku ġentili daqskemm senswali. Din il-varjetà hi magħquda ma' stil tipiku tiegħu: konċiż, immedjat, b'realiżmu maġiku daqskemm poetiku, konxju mid-dinja ta' madwaru, iżda fil-kitba tiegħu hemm dinja maħluqa minnu. Saqajh fl-art, imma rasu fis-sema, aktar milli fl-ajru. Aspett li jiddeskrivi sew l-imġiba tiegħu ta' "distratt attent!"



Ġorġ Peresso jirċievi l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika mingħand il-President ta' Malta Marie Louise Coleiro f'Diċembru 2008













Fl-2000, Peresso rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb b'*Ħajja ta' Kelb* u fl-2010 bil-ktieb *It-tifel tan-Nanna*

Ir-rumanzi tiegħu, b'mod partikulari *Meta l-Ħarifa tiskot*, huma miktuba bi stil viżwali. Din it-taħlita, oriġinali aktar milli eklettika, tinsab ukoll fil-karattru ta' Ġorġ. "Kontradizzjoni?" staqsejtu.

"Kull kittieb għandu din is-sengħa ta' kontradizzjoni li hu sinjal ta' dijalettika aktar milli ta' inkonsistenza," weġibni.

Minn fejn wiret din il-ġibda għall-kitba?

"Fil-familja kien hemm in-nannu Giorgio Peresso li kien iħobb jikteb versi li għal żmienhom kienu magħmula teknikament tajjeb ħafna. Kien jikteb ukoll f'xi gazzetta. Barra minn hekk, iz-ziju ta' missieri, Carmelo Agius, kien kittieb u traduttur fost dawk il-kittieba tal-aħħar tas-seklu 19, bidu tas-seklu 20, li kienu jiktbu b'Malti stil Taljan. Imma l-imħabba li writt għall-kitba rawwimtha bil-qari u s-smigħ ta' programmi tar-Rediffusion meta kont żgħir. Il-qari dejjem ħabbejtu. Missieri kellu ġabra mhux ħażin ta' kotba, ħafna minnhom reliġjużi imma oħrajn le, bħar-rumanzi ppubblikati mil-*Leħen is-Sewwa* jew tal-Penguin.

"Barra l-kotba tal-iskola, bħal *Is-Salib tal-Fidda*, *Treasure Island* jew *Scarlet Pimpernel*, missieri kellu ktieb ta' Luret Cutajar, *Ben Jeħuda*, li affaxxinani.

"L-ewwel poeżija, speċi ta' sunett, ktibtha meta kelli 14-il sena. Patri Dovik Schembri, li kien jgħallimni l-Malti, ikkoreġiha, faħħarha fil-klassi, jien mingħalija sirt Dun Karm u komplejt nikteb, aktarx bi stil tradizzjonali, u anki drammi u fares għall-iskola.

"B'xorti tajba fis-sekondarja kelli għalliema tajba tal-letteratura, anki Ingliża, bħal Fr Marius Zerafa, li introduċieni għal letteratura aktar moderna bħal Oscar Wilde u G. K. Chesterton. Fl-Italja kelli għalliem, Patri Massimiljanu, li ħariġli l-verv letterarju tiegħi. Dan il-patri għalliem, barra li tgħallem ma' Giuseppe Ungaretti, wieħed mill-aqwa poeti Taljani, kien lecturer miegħu, u għallimni kemm il-letteratura antika u kif ukoll kontemporanja Taljana.

"Fl-Italja sirt midħla wkoll tal-letteratura Franċiża, speċjalment dik Kattolika, bħal Charles Peguy u Georges Bernanos. Meta ġejt lura Malta fl-1960 kont imħejji għal stil u kontenut li għadu jsawwar il-karattru letterarju tiegħi. "

Issib ħin biex taqra, Ġorġ?

"Jekk ma nsibx, nivvintah. L-ewwel nett, il-programmi tiegħi, l-aktar dawk li nagħmel ma' Celaine Buhagiar għal Campus FM, iridu ħafna riċerka. U t-tieni, il-qari iħaddimlek moħħok. Iżommok aġġornat mad-dinja tal-ħsieb u tal-letteratura. Meta kont daqsxejn ta' żagħżugħ, sirt naf rumanz ta' Evelyn Waugh, *Brideshead Rivisited*, u saħħarni għall-Ingliż sabiħ tiegħu, għall-istil, għall-wit and humour, għall-irriverenza satirika lejn is-soċjetà anki fil-kotba "serji" tiegħu. U xtrajt il-kotba kollha ta' Waugh. Ħadt pjaċir meta qrajt li żewġ awturi Ingliżi, Julian Barnes u Irvine Welsh, żewġ kittieba aggressivi li ħafna awturi żgħażagħ Maltin iħobbu jikkwotawhom, iżommu lil Waugh bħala l-awtur preferut tagħhom. Ma niddejjaqx ngħid li nħobb naqra lil Milan Kundera, lil Gabriel García Márquez, u l-poeżiji ta' Pablo Neruda u ta' Dylan Thomas, għalkemm — b'ton ironiku jgħidli — skont xi kittieba Maltin dawn illum *passé*."

Ġorġ minkejja li għandu diversi forom letterarji li bihom jesprimi lilu nnifsu, iqis lilu nnifsu qabel kollox poeta. Qalli, "Il-poeżija hija l-aktar ħaġa sinċiera. Filwaqt li f'rumanz u dramm qed titkeb fuq kollox għal min jaqra u jara, il-poeżija tiktibha qabelxejn għalik.

"Hija esperjenza personali li, jekk taqsamha ma' ħaddieħor, l-ieħor isib fil-poeżija tiegħek tifsira tiegħu nnifsu wkoll, allura għalija dik hi poeżija kbira.

"U l-poeta ma jibqax aktar tiegħu nnifsu, imma ta' ħaddieħor. Il-poeżija hija sbuħija distillata, tfittxija tiegħek innifsek. Sa ftit snin ilu kont naħseb li l-poeżija qtilnieha fl-iskejjel, bil-mod kif ngħallmuha. Illum nemmen li d-dinja konsumistika qerdet il-poeżija. Irridu nsibu mezz aktar kontemporanju kif inwassluha, iżda l-ewwel mezz iridu jkunu vuċi tajba u qari bis-sens."



Fl-1995, Peresso jingħata premju mill-Prof. Pirotta, chairman tal-Awtorità tax-Xandir

Ritratti: l-Awtorità tax-Xandir



Fl-2000, Peresso jirċievi premju ieħor mingħand l-Awtorità tax-Xandir għall-ħidma tiegħu fix-xandir

Ritratti: l-Awtorità tax-Xandir

U dwar il-proża, Ġorġ?

"Mhux kull ma jinbiegħ hu deheb, anki jekk ilellex," qalli u fil-pront staqsejtu jekk jaqbilx mal-erotiżmu u l-vulgarità li daħlin fil-letteratura Maltija. "Għala le? Ktieb, kif jgħid Wilde, m'għandux valur morali, imma letterarju. Madankollu mhux kull ktieb li fih kliem vulgari hu bilfors tajjeb.

"Imma ċerti espressjonijiet għandhom l-effett tal-metafora. Il-metafora, użajtha darba, tnejn imbagħad teqdiem. Il-letteratura hi tiġdid. Hi pass 'il quddiem minn dak li qed jiġri madwarna. Forsi hemm bżonn nagħmlu distinzjoni bejn il-qari u l-kontenut letterarju. Imma dan diskors li jitlob aktar minn erba' kelmiet li jtiru mar-riħ!"

U x'passatempi għandek? Issib ħin għalihom?

"Inħobb nimxi, nisma' l-mużika, minn klassika u operistika għall-mużika ta' gruppi u kantawturi impenjati bħal Mark Knopfler u Lucio Dalla, Walter Micallef jew Chasing Pandora. Dan l-aħħar issaħħart bl-album *Ommi* ta' Doreen Galea. Inħobb ukoll insajjar. Mhux xi menù varjat ħafna, imma tajjeb. U niekol ukoll. Xi flixkun birra mal-ħbieb inniżżlu wkoll. U l-eremit kittieb isir paċpaċi bi lsienu maħlul!"

Hu proprju dan l-element kważi kontradittorju f'Peresso, ta' eremit u l-bniedem li jħobb jitħallat, li jagħmlu dak li hu. Il-leħen moħbi wara mikrofnu. Il-bniedem mikxuf beraħ fil-kitba tiegħu.







Fl-2013, Peresso rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb b'*Ir-Raġel ta' Waħdu* u fl-2020 b'*Il-Wiċċ l-Ieħor* li nqaleb għall-Ingliż bħala *The Other Face* minn Irene Mangion







*Natasha Turner hi għalliema tad-drama u tal-kitba kreattiva, hi awtriċi tal-kanzunetti u tal-iskripts teatrali. Ħarġet ħafna kotba għat-tfal bil-Malti, fosthom* Aqra u Ilgħab, Aqta' X'jien? *Hi ggradwata mill-Università ta' Malta fil-psikoloġija u l-lingwi. Fl-2021 ingħatat Ġieħ San Ġiljan.*

# Memorji

## ta' Albert M. Cassola u ta' tfuliti

### kitba ta' Arnold Cassola

Meta miet missieri, ħamsin sena ilu, jien kelli għoxrin sena. Id-dispjaċir tiegħi hu li qatt ma kellna l-possibbilità li niddiskutu, adult ma' adult. Ta' għoxrin, jiena kont għadni tifel u r-relazzjoni tagħna kienet tabilħaqq waħda ta' bejn missier u tifel.

Meta twelidt jien, fl-1953, konna noqogħdu 117 Triq Rudolph, Tas-Sliema, bieb ma' bieb mal-Manchester Store. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq kien hemm il-ħanut iż-żgħir ta' Ninu tal-galletti, galletti kbar somor iqarqċu, li llum ma tarahomx aktar b'nemes.

Il-flett tagħna kien żgħir, bi tlett ikmamar kollox, kollha jgħaddu minn ġo xulxin, kċina, u toilet. Kamra tal-banju ma kellniex.

Il-lussu ta' banju kien riżervat għal darba jew darbtejn fil-ġimgħa għand in-nanna, xi mitejn metru 'l bogħod, Prince of Wales Road (illum Triq Manwel Dimech), f'110. Mur għid lil sħabi l-iskola li kienu jgħiduli Tal-Pepè!

L-iżveljarin filgħodu kien ikun it-tqaħqiħ ta' missieri fis-sodda xi 6.30 am, riżultat tal-madwar 50 sigarett li kien ipejjep kuljum.

Meta jiġi lura mil-liċeo fejn kien jgħallem, jew fil-weekends, missieri kien jintasab taħt it-tarag, jikteb għal sigħat sħaħ (u jpejjep) fuq il-bureau antik, li bilkemm joqgħod taħt it-tarag.

Hemmhekk ukoll kien jagħtini l-"privat" tal-Malti u tat-Taljan, għal dawk li jien — ta' tifel li kont — kont inqis bħala sessjonijiet ta' kastig.

U hemmhekk, kollni affaxxinat, kont inħares fiss lejn dak ir-ritratt bil-kulur meħud minn xi mageżin Taljan li missieri kellu mwaħħal ma' waħda mill-ħġiġiet tal-bureau. Dik il-leħja griża ppuntata (jew goatie, kif ngħidulha llum) kienet tqanqalli mitt mistoqsija dwar min kien dak il-bniedem.



Albert M. Cassola dakinhar li żżewweġ lil Ethel J. Marks, bint il-famuż awtur John F. Marks



Fil-jum tat-tieġ ta' Albert M. Cassola u Ethel Marks.
Bilwieqfa, it-tieni mil-lemin hemm missier Ethel, John F. Marks, awtur magħruf

Snin wara, sirt naf li ma kien ħadd aktar ħlief id-drammaturgu Taljan magħruf, Luigi Pirandello. Illum, *a posteriori*, nifhem l-importanza ta' Pirandello għal missieri.

Albert (ara qatt tinsewlu l-M. ta' Maria... għax iqum għalikom!) kien jikteb kull ġeneru ta' kitba letterarja, imma l-vera passjoni tiegħu kienet it-teatru.

Naħseb li nista' nistqarr dan bla ebda biża' li niżbalja. U għalhekk ħajjitna kienet iddur madwar it-teatru. Milli niftakar, ommi Ethel kienet is-Segretarja tal-kumpanija teatrali Maleth u missieri kien jikteb għall-palk... u ġieli jirreċta wkoll.

Kull ġimgħa, is-Sibt filgħaxija, konna ninżlu n-niżla tal-Prince of Wales, lejn il-Ferries. Hemmhekk immorru għand Bonaci, b'dawk is-siġġijiet jew pultruni tal-bellus aħmar, biex naraw lil Mario Riva u Edy Campagnoli f'dik il-kaxxa rivoluzzjonarja, li llum jgħidulha televiżjoni, fil-programm *Campanile Sera*.

Il-Ħadd filgħaxija minflok, dejjem għand Bonaci, konna naraw it-tieni half tal-logħba tas-Serie A, iswed u abjad fuq it-TV, bil-kummentatur Nicolò Carosio. Kien f'dawk is-snin li ċ-ċkejken Arnold mhux biss wara sitt xhur seta' jifhem x'inhu penalty, imma spiċċa jaffaxina ruħu bil-kalzetti mniżżla ta' Sivori, bil-gowls ta' Boniperti, il-forza fiżika ta' Charles, id-dribblings ta' Nicolé, eċċ. U baqa' sal-lum, aktar minn sittin sena wara, iżomm mal-Juve.

Anki matul il-ġimgħa konna ninżlu l-Ferries. Imma d-destinazzjoni finali kienet l-Allies Bar, fejn kienu jiltaqgħu l-*afficionados* kollha tat-teatru. Għadni niftakar, dejjem minn għajnejn ta' tifel żgħir, dawk l-adulti kollha jiddiskutu ma' missieri fuq dawk l-imwejjed tal-kewba bi rħama bajda fuqhom u l-banketti tal-aluminju lewn il-fidda: Twanny Scalpello, Francis Ebejer, Mary Camilleri, Nossi Ghirlando, Johnnie Navarro, Carmen Azzopardi, Ġużi Mallia, Ganado tal-Maleth u ħafna oħra, għalija lkoll xjuħ bla interess. Wieħed minnhom imma ma ninsiehx żgur. Meta kbirt, sirt naf li kien Watty Cachia. Kellu għajn falza tal-ħġieġ li kien iqiegħed fuq għajnejh... imbagħad jaqlagħha quddiemi. Kont nitwerwer.

Fiż-żgħożija, missieri kien sportiv ħafna. Fl-atletika kien jiġri l-isprints u rebaħ bosta medalji. Kien jilgħab ukoll il-waterpolo max-Sharks, wieħed mit-timijiet tan-Neptunes. In-niżla l-oħra tal-Prince of Wales, dik lejn Balluta, kienet in-niżla ta' kuljum fi żmien is-sajf, u għalija kienet tfisser: il-baħar. Fil-vaganzi tas-sajf missieri kien iniżżilni l-bajja tal-Balluta. Hemmhekk għallimni ngħum.

Dak iż-żmien Tas-Sliema u San Ġiljan kien għadhom bliet sbieħ ħafna b'dawk id-djar kolonjali kollha u b'popolazzjoni xierqa. Ma kinux dik il-massa ta' konkrit li huma llum. U anki l-baħar kien limpidu u kristallin, bl-ebda riskju li ssib xi "torpedo" ma' ħalqek, bħal-lum. L-infrastruttura kienet waħda adegwata.



















Malli tgħallimt ngħum bla tajer, spustajna lejn il-bajja ta' taħt il-kunvent tal-Karmnu u, meta kelli xi tmien snin u kunfidenza tajba mal-baħar, għaddejna aktar lil hinn, lejn l-Exiles, f'dik il-kamra u s-simenta li kienu magħrufa bħala s-Civil Service Sports Club. Hemm missieri kien jgħaddiha ma' impjegati oħra taċ-ċivil tal-età tiegħu, kollha b'xi laqam, bħall-Važož, il-Maġġur, eċċ. waqt li jien kont noqgħod inċafċaf taħt it-torri u nibda nagħti l-ewwel xuttijiet tal-waterpolo. It-telgħa lura lejn id-dar lejn Triq Rudolph kienet iebsa wisq għal tifel bħali ta' sitt snin jew ftit aktar. F'nofs it-telgħa tal-Prince of Wales kienet toħroġ preċett il-karba tiegħi "Papà, lift me up". U sistematikament kienet tiġi r-risposta "Salvu t-tapp"! U ċ-ċkejken Arnold kien ikollu jibqa' jimxiha sad-dar.

Missieri kien Belti u kburi. Ta' Slimiż li jien, ma kontx nifhem din ir-rabta vixxerali tiegħu mal-Belt. Is-Sibt filgħodu, preċett, karozza tal-linja sal-Belt. L-ewwel naraw il-marċ u l-parata fil-Main Guard, imbagħad, minn xil-10 ta' filgħodu, bilqiegħda Pjazza Reġina, għand il-Premier, fejn missieri kien jiltaqa' ma' grupp xjuħ oħra, differenti mill-grupp tal-Allies Bar, tal-Ferries. Waqt li dawn "ix-xjuħ" kienu jiddiskutu sas-1 pm, jien kont noqgħod naqra ktieb għal xi tliet sigħat dwar Biggles jew is-*Secret Seven*, li nkun issellift mill-Bibljoteka Nazzjonali, l-ewwel sular.

Meta kbirt, imbagħad, intbaħt li dawk ix-"xjuħ" ta' kull nhar ta' Sibt kienu letterati Maltin, ewlieni fosthom Rużar Briffa. Hekk għaddiet it-tfulija tiegħi ma' missieri, Albert M. Ħasra li ma setax ikollna xi diskussjoni mqanqla bejn adulti. Imma dak kellu jkun id-destin: ta' 59 sena, attakk f'qalbu, tromboži u telaq ċumm bumm. Dawk il-misħuta sigaretti!

U jien, li dejjem widdibni biex ma mmissx sigarett, qbiżt is-sebgħin... u għadni nferfer. *C'est la vie!*

*Il-Prof. Arnold Cassola, iben Albert, għallem il-letteratura kontemporanja għal bosta snin fl-Università ta' Malta. Fit-tmeninijiet għallem fl-Università ta' Katanja u fil-La Sapienza ta' Ruma. Fl-2003 kiseb l-unur* Cavaliere della Repubblica Italiana *mingħand il-President tar-Repubblika Taljan Carlo Azeglio Ciampi għall-ħidma kulturali u r-relazzjonijiet bejn l-Italja u Malta. Ilu attiv fil-politika għal dawn l-aħħar 35 sena u fl-2021 ingħata Ġieħ is-Swieqi.*



**Albert M. Cassola, bħala għalliem tal-Malti u t-Taljan, jilqa' fil-klassi tiegħu, il-Liċeo lil Sir Robert Laylock, il-Gvernatur ta' Malta 1954-1959**

# ...iżda qabelxejn

## *Min hu San Ġwann tas-Salib?*

"Karmelitan Spanjol tas-Seklu XVI, figura mill-akbar tal-Kontro-Riforma, sieħeb fil-ħidma ta' waħda mill-akbar nisa li qatt rat id-dinja, Santa Tereża ta' Ġesù. Kittieb mill-aqwa, kemm fil-poeżija kif ukoll fil-proża. U fuq kollox wieħed mill-akbar mistiċi tal-Knisja.

Il-mistiku hu l-bniedem li ħa grazzja ma' Alla u jħobbu tassew. San Ġwann tas-Salib ħaseb dejjem fuq Alla, fittex lil Alla, ġera wara Alla biex isir ħaġa waħda miegħu, kollu ħerqan li l-oħrajn jagħmlu l-istess. Dan hu s-sigriet tas-setgħa li ssaħħar f'ħajtu kollha, fil-karattru u fil-kitba tiegħu."

**Hekk kiteb E. Allison Peers fid-daħla tal-ktieb tiegħu *Spirit of Flame* dwar il-qaddis, kif tradotta minn Albert M. Cassola.**



Statwa ta' San Ġwann tas-Salib,
xogħol l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi
fil-knisja parrokkjali ta' Ta' Xbiex

# Il-Poeżija Mistika ta' San Ġwann tas-Salib

## l-ewwel parti

Il-poeżija u l-mistiċiżmu jixxiebħu. Ħafna drabi jieħdu xejra waħda, jitħalltu flimkien u jgħixu mill-istess idejat. Il-mistiku huwa l-bniedem li għandu qalbu tfawwar bi mħabba għal Alla tal-Imħabba, u din l-imħabba trid tinħall u tinfirex f'għanjiet ħelwin, minsuġa minn ħsibijiet u mirquma b'figuri li ħafna drabi l-ħajja materjali toħnoq u tnixxef fil-qalb tal-bniedem.

Ħafna qaddisin u ħafna poeti laħqu grad għoli ta' mistiċizmu. Biex insemmu poeti aktarx qrib lejna niftakru f'Gongora u Mallarmé, Hopkins, Paul Vallery, Juan Ramon Jimenez, kif ukoll fl-isem ta' Ungaretti u Jorge Giullen.

San Ġwann tas-Salib (1542-1591) kien mistiku kbir imżejjen b'doni poetiċi mill-aqwa tant illi, barra li hu meqjus bħala duttur mistiku tal-Knisja, huwa wkoll magħruf bħala poeta ewlieni Spanjol u patrun tal-poeti. Bir-raġun kollu l-Professur Allison Peers isejjaħlu "il-Poeta tal-Poeti".

### Poeżija *A Lo Divino*

San Ġwann tas-Salib għex f'perijodu meta l-poeżija Spanjola kienet qiegħda tieħu xejra ġdida. Kienu qegħdin jidhru poeżiji ta' mħabba profana, aktarx mibnija u mqiegħda f'ambjent fantastiku u pastorali, taħt l-ispirazzjoni tal-poeżija Taljana ta' dak iż-żmien.

Fost il-poeti kollha li ħaddnu din il-għamla poetika jinqatgħu Garcilaso u Sebastian de Cordoba. Kif wieħed jistenna l-qofol tal-poeżiji tagħhom kienet l-imħabba, imħabba mqanqla minn ħsebijiet senswali, mogħnija b'deskrizzjoni sa fl-iċken irqaqat.

Din ix-xorta ta' poeżija ntgħoġbot mill-Ispanjoli, demmhom sħun mis-senswalità meridjonali. Imma l-Ispanjoli huma tipikament reliġjużi. Reliġjon u senswalità jitħalltu f'taqbida bla serħan fil-moħħ imfawwar tal-Ispanjoli.

Minn din it-taħlita ħarġet xejra ġdida ta' poeżija fil-letteratura Spanjola msejħa poeżija *a lo divino*. L-istess poeżiji profani kienu jiġu mibdula, ħafna drabi mill-istess awturi tagħhom f'poeżiji reliġjużi.

L-imħabba profana mibdula f'imħabba divina, l-għarajjes mitlufa fi pjaċir idilliku mibdula f'Ġesù u r-ruħ, it-tnejn għatxana għall-imħabba ta' xulxin. Din l-għamla ġdida xegħlet il-poeti ta' dak iż-żmien. Il-ħila tal-poeti kienet tidher fil-mod li bih huma kienu jagħrfu jbiddlu u jdawlu l-profan bi ħsebijiet spiritwali.

San Ġwann tas-Salib hu l-aktar poeta magħruf f'dan il-fenomenu ta' *la divinacion*. Huwa kiteb madwar erbgħa u għoxrin poeżija. Xi wħud minnhom huma għalkollox oriġinali. Oħrajn iħossu l-influss ta' poeti profani, l-aktar ta' Sebastian de Cordoba.

Dawn tal-aħħar għandhom influss minn poeżiji oħra b'mod differenti. Ngħidu aħna, il-poeżija *Pastorcico*, hija meħuda kważi kelma b'kelma minn poeżija ta' awtur anonimu.

Oriġinali u milqut tajjeb huwa t-tmiem ta' din il-poeżija sanġwannista.

F'poeżiji oħra San Ġwann tas-Salib ikkopja u biddel xi ftit l-ewwel strofa, u kompla jaħdem fuqha bi ħsebijiet oriġinali. F'xi poeżiji oħra l-influss ta' poeti oħra huwa ftit wisq, forsi xi ħsieb, xi xbieha 'l hawn u 'l hemm.

### Simboli u mħabba

Din il-poeżija ta' xeħta divina qatt ma tista' tasal biex turi sewwa l-infinità tal-imħabba.

Għalhekk il-Poeta qaddis inqeda b'simboli. Veru li s-simboli jtaqqlu u jfixklu l-ħeffa tal-poeżija tal-ħsieb poetiku għax donnhom iġegħluk trid tifhem xi ħaġa aktar milli hemm miktub, u l-poeżija ssir misteru aktar milli espressjoni. Imma f'San Ġwann tas-Salib is-simboliżmu hu magħmul b'sengħa u reqqa fina.

L-aktar tliet poeżiji simboliċi ta' San Ġwann tas-Salib huma *Una noche oscura*, *El Cantico Espiritual* u *Llama de amor viva*.

Fihom kull kelma hi maħsuba għax ġew miktuba bħala daħla għall-kotba li l-qaddis kiteb u li fihom fisser kważi kelma b'kelma dawn il-poeżiji. Wieħed jammira kif it-teoloġija iebsa ssir ħelwa u ħafifa.

San Ġwann tas-Salib kanta l-imħabba, imqiegħda b'figuri simboliċi hawn ukoll, imma mill-bqija din l-imħabba hija awtentika u umana.

Huwa kanta l-vera mħabba fil-varjazzjonijiet kollha tagħha, imħabba mħeġġa u mqanqla bil-hena, imħabba li trid dejjem titla' u togħla 'l fuq, imħabba li minn daqqiet hi mtertqa mid-dubji, imħabba mill-fraġilità tal-istess natura umana li tħossha xejn quddiem il-kobor ta' Alla, imħabba li qatt ma taf tgħid biżżejjed, għalhekk dinamika u dejjem ġdida.

Din il-poeżija ta' mħabba, għalkemm tista' tidher profana, hija biżżejjed biex iddewqek il-ħlewwa tal-mistiċiżmu.

Il-poeżija reliġjuża dejjem qanqlet il-moħħ tal-poeta.

Kull poeta, quddiem is-sbuħija tan-natura jew meta jħossu mgħaffeġ taħt il-problemi tal-ħajja, iħoss il-ħtieġa ta' xi ħadd li hu Kollox għax hu mhu Xejn.

F'waqtiet bħal dawn, xi ħaġa fil-bniedem issir sema, kważi divina. U sakemm il-bniedem iħoss il-ħtieġa tal-infinit, il-poeżiji ta' San Ġwann tas-Salib jibqgħu għajn ta' ispirazzjoni u ħolqa bejn is-sema u l-art.

### Il-*Kanzunetta Spiritwali*

Din il-Kanzunetta Spiritwali ta' San Ġwann tas-Salib, li qegħdin inġibu maqluba għall-Malti b'sengħa kbira minn Albert M. Cassola, fiha tmien strofi, li minnhom il-qaddis poeta jispjega tlieta biss f'żewġ opri kbar tiegħu: *It-Telgħa tal-Għolja tal-Karmelu* u *Lejl Mudlam* (*Una Noche Oscura*).

L-ewwel waħda hi mqassma fi tliet kotba, fl-ewwel ktieb hemm 15-il kapitlu, fit-tieni 33 kapitlu, u fit-tielet 44. L-opra l-oħra hi mqassma f'żewġ kotba: l-ewwel wieħed f'14-il kapitlu u l-ieħor 25, jidher ċar li San Ġwann tas-Salib ried jissokta jispjega l-ħames strofi l-oħra ta' din il-*Kanzunetta Spiritwali* li kienet qiegħda sservih ta' tema għad-duttrina mistika tiegħu, iżda hu jieqaf ħesrem bla ma jgħid il-għaliex.

Kif għedna, San Ġwann kważi jfisser kull kelma ta' dawn it-tliet strofi, imma dawk il-grazzji ta' dawl mistiku, li fl-att tal-għaqda divina l-Mulej ixerred fuq l-erwieħ għarajjes tiegħu, hu jispjegahom b'mod tal-għaġeb fiż-żewġ opri l-oħra kbar tiegħu: *Għanja Spiritwali* u *Ħuġġieġa Ħajja ta' Mħabba*.

**Kanzunetta spiritwali li fiha r-ruħ tgħanni x-xorti hienja li messitha biex tgħaddi mil-lejl mudlam tal-fidi ħalli tasal, għerja u msoffija, għall-għaqda mal-Maħbub**

1. F'lejla mudlama sewwa
kollni ħerqana għal dik l-imħabba sħuna,
(xorti sbejħa ta' ħlewwa!)
jien ħrġt bla ma ħadd induna
waqt li d-dar tiegħi waqgħet f'raqda annuna.

2. Fid-dlam jien ħriġt minn ġewwa,
u rampa nżilt torġien, fid-dlam midfuna,
(xorti sbejħa ta' ħlewwa!)
biex tostrok kbira għajnuna
waqt li d-dar tiegħi waqgħet f'raqda annuna.

3. Jien biddilt ilbiesi
u ħrabt mit-taraġ moħbi f'iejl hekk hieni. .
ma rani ħadd minn niesi,
jien ma lmaħt xejn, mexxieni
biss dak id-dawl tal-qalb bla qatt ħallieni.

4. Dan biss l-imkien urieni,
aħjar mix-xemx ta' nofs in-nhar dehbiena,
fejn kien qed jistennieni
Min għandu għalija ħniena
u fejn kulħadd waħedha t-tnejn ħalliena.

5. O lejl li fejn ridt ġibtni!
O lejli sabiħ aktar mill-jiem bikrija!
Lejl li magħquda sibtni
ma' Dak li jgħodd għalija
msieħba l-maħbuba mal-Maħbub iss'hija.

6. Fuq sidri tfuħ il-fwieħa
tal-fjuri, li jien għaliH żammejtha,
xuxtU Huwa medd mistrieħa,
jien bit-tmellis ħabbejtha;
taċ-ċedru l-werqa tfewwaħ jien ħassejtha.

7. Tas-swar għoljin ir-rwejħa,
meta x-xagħar kollu jiena bdejt inferraq,
b'idejn hekk ħfief ħfief u sbejħa
fuq għonqi bdiet itterraq; .
kull sens ta' qalbi beda għalhekk iwerraq.

8. Kollox insejt, mhennija,
Fuq il-Maħbub ħaddejja t-tnejn middejthom,
waqaf kollox għalija,
il-ħsibijiet ħallejthom
jintilfu qalb il-ġilji u b'hekk insejthom.

# Ħuġġieġa Ħajja ta' Mħabba

## it-tieni parti

*Ħuġġieġa Ħajja ta' Mħabba* (*Llama de amor viva*) huwa l-aħħar ktieb ta' San Ġwann tas-Salib, ktieb li jiġbor fih l-esperjenzi tiegħu ta' bniedem li għallem u għex il-qdusija; għalhekk fuq kollox dan il-ktieb huwa ritratt ħaj tal-ħajja mistika tiegħu. Huwa ddedikah lil Dona Ana de Penalosa, *muy nobile y devota señora*, li talbitu jagħtiha xi tagħlim fuq l-għaqda tar-ruħ ma' Alla. Dan il-ktieb kitbu bejn is-sena 1585 u l-1587 meta l-qaddis kien vigarju ġenerali fi Granada. Ma nafux sewwa d-data meta kitbu, imma aktarx li nkiteb fl-ewwel sena li għex Granada. Nafu żgur li ħa ħamest ijiem biss biex kitbu. Ftit wara, jiġifieri f'Awwissu/ Settembru tal-1591, il-qaddis reġa' għamel reviżjoni sħiħa tal-ktieb tiegħu. F'dak iż-żmien San Ġwann tas-Salib kien għaddej minn mument l-aktar qalil ta' ħajtu: kien jinsab marid u għajjien. Fuq kollox kien qiegħed ibati l-konsegwenzi ta' min kellu qalb għajjura, imtertqa bil-għira għax kien jarah aħjar minnu, u wasal biex jixlih u jaqla' fuqu dak li moħħ ħażin, marid u suspettuż biss jasal biex jaqla' fuq nies kbar u qaddisa. Ftit wara li temm din ir-reviżjoni, San Ġwann tas-Salib miet f'Úbeda. Minn daqshekk, dan il-ktieb nistgħu ngħidu li nkiteb bl-aħħar nifs tal-qaddis, u fil-kitba ta' dan l-aħħar testment tiegħu huwa kien isib faraġ tas-sema.

### Poeżija

Dan il-ktieb, bħal *Lejla Mudlama* u *Kantiku Spiritwali* huwa mibni fuq poeżija mqiegħda fil-bidu tal-ktieb u li l-qaddis ifisser vers vers u kelma kelma sal-aħħar. Il-qaddis stess jgħid illi l-poeżija hija mfassla fuq poeżija profana ta' Boscan (maqluba b'sens spiritwali minn Sebastian de Cordoba). Fil-fatt, il-poeżija li jsemmi San Ġwann ġiet miktuba minn Gargilaso li ġieli ppubblika l-poeżija tiegħu flimkien ma' dawk ta' Boscan, għalhekk il-kotba tagħhom kienu magħrufa bħala "Un Boscan".

Il-poeżija fiha erba' strofi ta' sitt versi kull waħda. L-ewwel strofa, ta' seba' sillabi, tirrima mar-raba', it-tieni, ukoll ta' seba' sillabi, tirrima mal-ħames, u t-tielet, fl-oriġinal daqqa ta' ħames u seba' sillabi, u daqqa ta' 11-il sillaba, tirrima mas-sitt vers. Din l-għamla ta' strofa kienet ftit li xejn użata.

### L-istil

L-istil ta' din l-istrofa jaqdi tajjeb il-ħsieb tal-poeta qaddis: għalhekk hu stil mirqum u mfittex sal-inqas irqaqat, stil li juri l-kobor u l-glorja tal-għaqda tar-ruħ imħeġġa ma' Alla, kif ukoll l-istat tal-għaġeb li jaqa' fir-ruħ hekk kif tħoss fiha l-ħlewwa ta' id Alla.
Il-versi qosra ta' ritmu meqjus, juru s-serħan u s-sliem ta' ruħ maħbuba, u l-versi twal, b'ritmu mhux dejjem l-istess, imma ħaj u għaġġieli, juru l-ħeġġa tar-ruħ li trid tfittex teħles mill-irbit ta' din id-dinja biex tingħaqad f'estasi ta' mħabba mal-Maħbub tagħha.

### Simboli

U, tassew, San Ġwann tas-Salib seta' jsejjaħ din il-poeżija tiegħu bl-isem sempliċi imma sinifikattiv ta' *Estasi*, għax din hija poeżija ta' estasi: mhux fis-sens li hi tifsir ta' dak li tħoss ir-ruħ meta tintilef f'estasi ta' mħabba, imma hija estasi nnifisha, meta dak li hu uman donnu jiġi mgħolli għall-ħlewwiet tas-sema. Il-qaddis irnexxielu jagħtina din is-sensazzjoni mhux biss bis-sbuħija tal-ħsieb, imma wkoll bit-tixbihat u s-simboli milquta.

Il-figura prinċipali ta' din il-poeżija, bħal fl-opri tiegħu kollha, hija Il-Lejl; jew aħjar id-dlam tal-lejl mifruq mill-ħuġġieġa tal-imħabba. Imma jekk fil-poeżija magħrufa *Lejla Mudlama*, il-lejl jissimbolizza l-waqt tal-purifikazzjoni, meta r-ruħ tħossha waħedha u mitluqa biex aktar tixxennaq għall-Maħbub tagħha, f'din il-poeżija d-dlam tal-lejl qiegħed biex il-ħuġġieġa tkun tista' turi aktar. F'din il-poeżija, il-lejl mudlam u kiesaħ isir sħun u jiddawwal bin-nirien ta' mħabba. Għall-qaddis, in-nar huwa s-simbolu l-aktar ħaj tal-imħabba: in-nar isaffi, is-sħana tiegħu fiha ħlewwa, il-ħruq tiegħu jgħaxxaq; l-ilsna mħeġġa tan-nar juru l-qawwa tal-imħabba li ma tafx b'serħan.

L-għaqda tar-ruħ u Kristu hija mfissra tajjeb bit-tixbihat tal-għaqda bejn żewġ maħbuba. Din mhix figura retorika jew personifikazzjoni immaġinattiva biss. Id-djalogu mqanqal tar-ruħ huwa indirizzat lejn Persuna li teżisti tassew u li fiha r-ruħ issib is-serħan tagħha. Ritmu u simboli jingħaqdu biex ifissru aħjar dan il-moviment imqajjem u l-paċi serħana tal-imħabba.

### Dottrina

Imma s-simboli u t-tixbihat, sbieħ kemm huma sbieħ, jibqgħu ħaġa mejta jekk ma tifhimhomx. Meta wieħed jifhem it-tagħlim moħbi fil-kliem tal-qaddis ikun jista' japprezza aħjar il-poeżija tiegħu. L-ewwel strofa turi l-istat ta' qtigħ il-qalb li jkollha r-ruħ biex tingħaqad ma' Alla. Il-ħuġġieġa ta' mħabba hija l-Ispirtu s-Santu li bil-grazzja tiegħu jbiddel ir-ruħ f'ħuġġieġa waħda. Permezz tal-imħabba tkun tista' tilħaq "in-nofs għammieq"

jiġifieri Alla, sakemm huwa umanament possibbli. Ir-ruħ li għandha dan il-grad għoli ta' mħabba mhix imħawda u beżgħana, għalhekk titlob l-Ispirtu s-Santu biex iċarrat kull irbit, u saħansitra l-ħajja li jżommuha 'l bogħod minn Alla tagħha.

It-tieni strofa turi l-opra tat-Trinità Mqaddsa li bidlitilha l-ħajja fqajra tagħha f'ħajja li tgħaxxaq u ddewwaqha sa minn din id-dinja xi ftit mill-ħlewwiet tas-sema b'mod li r-ruħ tinbidel meta tibda tgħix f'għaqda mat-Trinità Mqaddsa. Ir-ruħ tqis din il-bidla mhux mewt imma ħajja ġdida. It-tielet strofa turi l-effett tal-grazzja tat-Trinità Mqaddsa. L-ewwel u qabel kollox issir tifhem aħjar xi ftit mill-essenza t'Alla li għall-intellett uman jibqa' mudlam. Imma meta wieħed ikollu xi ħaġa jsir jifhimha aħjar.

Ir-ruħ li qabel kienet fid-dlam, issir tiddi bi sbuħija mogħtija lilha minn Alla u b'dan ir-rigal mogħti lilha, hija tfaħħar il-Maħbub tagħha. Ir-raba' strofa turi l-paċi u s-serħan fil-qalb ta' min għandu 'l Alla. Hija forsi l-isbaħ strofa, u s-serenità fiha ddewqek xi ftit mill-paċi li jħoss min tassew iħobb lil Alla. Permezz ta' din l-istrofa, il-qaddis irid juri kif ir-ruħ tinbidel fil-Maħbub tagħha u kif hija tinġibed lejn Alla.

**Strofi li r-ruħ tikkomponi f'għaqda sħiħa ma' Alla għarus maħbub tagħha**

1. Fjamma ta' mħabba u sħana
li tidrob kollok ħlewwa
in-nofs għammieq ta' din ir-ruħ mixtieqa!
Billi m'għadikx beżgħana,
jekk trid, temm ix-xogħol sewwa;
ċarrat l-istar ta' dina l-laqgħa wtieqa!

2. O nar sħun u ta' sliema!
O ġerħa li tgħaxxaqni!
O id melliesa! Kif tmissni hekk ħafifa,
induq ħajja dejjiema
li minn kull dejn titlaqni!
Qerrieda, bdiltli l-mewt f'ħajja nadifa.

3. Lampi tan-nar bid-dija.
li jdawlu għerien oskuri
l-iktar profondi għas-sentimenti umani,
li kienu għomja u moħbija,
b'għaġeb glorjuż u kburi
lill-Maħbub tagħhom jagħtu dawl arkani!

4. U ħelu nħossok jiena
tistenbaħ minn fuq ħdani
fejn tgħammar waħdek u mistoħbi hemm ġewwa,
u ma' kull nifs ta' ħniena,
ta' benna u sliem, tarani
ninġibed lejk bl-ikbar imħabba u ħlewwa!

# Ir-Ragħaj

## it-tielet parti

Din hija waħda mill-aktar poeżiji magħrufa ta' San Ġwann tas-Salib. Imma mhix oriġinali. Hija meħuda kważi kelma b'kelma minn poeżija ta' mħabba, li l-awtur tagħha mhux magħruf, u li f'dak iż-żmien kienet imxerrda sewwa. Jingħad ukoll li saħansitra nkitbet xi mużika għal din il-poeżija oriġinali, u li n-nies kienu jkantawha fil-laqgħat soċjali u f'serenati ta' mħabba. Għaliex fl-oriġinal hija poeżija essenzjalment ta' mħabba profana, jekk bi mħabba nifhmu dak li aktar jagħti każ tal-ġibdiet senswali milli tas-sentimenti delikati li tnissel l-imħabba fil-qalb. Huwa ddedikah lil Dona Ana de Penalosa, *muy nobile y devota señora*, li talbitu jagħtiha xi tagħlim fuq l-għaqda tar-ruħ ma' Alla. Dan il-ktieb kitbu bejn is-sena 1585 u l-1587 meta l-qaddis kien vigarju ġenerali fi Granada. Ma nafux sewwa d-data meta kitbu, imma aktarx li nkiteb fl-ewwel sena li għex Granada. Nafu żgur li ħa ħamest ijiem biss biex kitbu.

**Poeżija *A Lo Divino***

Kif fissirt fl-artiklu tiegħi dwar il-poeżija mistika ta' San Ġwann tas-Salib f'din il-ħarġa ta' *l-aċċent*, f'dan il-perjodu tal-letteratura Spanjola nsibu ħafna poeżiji ta' mħabba li jistgħu jgħaġġbu lilna wkoll għall-mod miftuħ li kienu jitrattaw dan is-suġġett. Imma ħafna drabi dawn il-poeżiji kienu jiġu mibdula f'poeżiji reliġjużi: hekk inħolqot il-poeżija *A lo divino*.

San Ġwann tas-Salib huwa l-aktar poeta magħruf f'dan il-fenomenu ta' *la divinizacion*. U l-poeżija tiegħu *El Pastorcico* (*Ir-Ragħaj ċkejken*) hija eżempju l-aktar milqut ta' dan li qegħdin ngħidu.

It-tibdil li għamlilha San Ġwann tas-Salib jinsab fl-aħħar strofa. Waqt li l-poeżija oriġinali titkellem dwar il-mewt tar-ragħaj żagħżugħ bħala konsegwenza tan-niket li ħass f'qalbu għaliex imħabbtu ma ġietx milqugħa, San Ġwann tas-Salib idaħħal element ġdid li jbiddel għalkollox it-tifsira tal-poeżija u jagħtiha xejra ġdida. Skont San Ġwann tas-Salib, iż-żagħżugħ imut fuq siġra, b'idejh miftuħa. Biżżejjed din il-figura milquta, imnaqqxa bi kliem meqjus, ħajja għalkemm titkellem fuq mewt, biex tbiddel it-tifsira kollha tal-poeżija profana u ġġibilna f'moħħna l-idea ta' Kristu Msallab għall-imħabba tagħna.

## Simboliżmu

Is-simboliżmu f'din il-poeżija jidher u jiftiehem: ir-ragħaj, ir-ragħajja u s-siġra jirrappreżentaw lil Kristu, l-erwieħ u s-salib.

F'din il-poeżija għandna l-istorja qadima u dejjem ġdida tal-ħarba tal-bniedem minn wiċċ Alla tiegħu, taċ-ċaħda tal-imħabba t'Alla mill-bniedem moħħu biss fil-ħwejjeġ ta' din id-dinja. Ċertament meta San Ġwann tas-Salib sema' jew qara l-ewwel darba din il-poeżija ġietu f'rasu l-parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb li jmur ifittex in-nagħġa l-mitlufa. Ġesù hu mxebbah f'dan ir-ragħaj li ma jafx isib serħan u sliem jekk mhux filli jingħata bl-imħabba tiegħu kollha għas-salvazzjoni tar-ruħ.

Din ir-ruħ, moħħha biss fil-ħwejjeġ ta' din id-dinja, ma tridx taf aktar bil-ħwejjeġ tas-sema. Bejnha u bejn Ġesù hemm firda; it-tnejn jgħixu f'art bogħod minn xulxin. Ġesù jissokta jsejjaħ bi ħniena lil din ir-ruħ. U din tibqa' ma tagħtix widen għas-sejħa tal-imħabba tiegħu. Fl-aħħar din l-imħabba twasslu biex imut fuq is-salib tas-salvazzjoni (siġra sew mogħnija bil-frott). Din hi l-isbaħ prova ta' mħabba!

Barra mill-istorja individwali tar-ruħ fid-dnub u Alla li jfittixha, fil-poeżija nistgħu nifhmu wkoll l-istorja tal-poplu ta' Iżrael li ma laqax il-Profeti u saħansitra lanqas laqa' l-Messija hekk li wasal biex joqtlu fuq is-salib.

## Is-salib

Il-figura tas-Salib fix-xogħlijiet u l-ispiritwalità sanġwanista għandha post importanti ħafna. Wara kollox mhux ta' xejn ried li jibqa' jissemma' bħala Fray Juan de la Cruz (Patri Ġwann tas-Salib).

Għalih is-salib ma kienx biss is-sinjal kiefer tal-mewt ta' Kristu, imma prova tal-imħabba ta' Kristu. Is-salib ma kienx sinjal ta' mewt, imma sinjal ta' rebħa. Kien iqisu mhux sinjal ta' tbatija, imma sinjal ta' purifikazzjoni.

Ta' sikwit kien jgħid, u ħalla miktub ukoll, li min ma jħobbx is-salib ta' Kristu ma jistax iħobb il-veru Kristu, u min ma jimxix wara Kristu msallab ma jistax iqum miegħu għall-ħajja ta' hena u ta' sebħ dejjiemi fis-sema.

Mhux ta' xejn, mela, li San Ġwann tas-Salib kien jintilef f'estasi ta' mħabba meta kien jimmedita fuq is-salib. U kien f'waħda minn dawn l-estasi tiegħu li hu lemaħ 'il Kristu Msallab għadu kif imut, u wara li reġa' ġie f'tiegħu, għamel disinn mill-aqwa ta' Kristu Msallab.

Għalhekk, billi l-poeżija kollha tad-Duttur ta' Fontiberos mhix xi poeżija ħafifa li tista' tiftiehem malajr minn kulħadd, imma hija poeżija għolja, tqila u mimlija b'misteri u b'tagħlim kbir, naħseb li meta wieħed jaqra din il-poeżija sanġwanista, irid iżomm quddiem għajnejh dan id-disinn, għaliex dak li kiteb San Ġwann tas-Salib fil-Poeżija *El Pastorcico* jinsab iddisinjat f'dan il-magħruf salib.

Jiena żgur li San Ġwann tas-Salib żamm quddiem għajnejh id-disinn tiegħu meta kiteb *El Pastorcico*. Aktar milli l-poeżija tal-awtur mhux magħruf, kien id-disinn tas-Salib l-aqwa u l-aħjar nebħ spiritwali tiegħu fil-kitba ta' *El Pastorcico*.

### Strofi spiritwali fuq Kristu u r-ruħ

1. Daqsxejn ta' ragħaj isofri kull tbatija
ma jafx xi jkun il-ferħ, xi tkun is-sliema,
jaħseb fir-ragħajja biss b'farka dejjiema,
*qalbu bl-imħabba mtertqa sew, mifnija.*

2. Biss ma jibkix, għalkemm bl-imħabba mġerraħ,
għax mhux għalhekk li daqstant kiebi safa',
imqar jekk f'qalbu l-ġerħa tiegħu rafa';
li minsi jibki, u dan il-ħsieb jistkerraħ.

3. Għax il-ħsieb biss li mħabbtu hi minsija
mir-ragħajja sbejħa li hu jħobb, jeqirdu
fl-art barranija li minn dik tifirdu;
*qalbu bl-imħabba mtertqa sew, mifnija.*

4. U jgħid ir-ragħaj żagħżugħ: kemm għandha ħtija
dika li tbiegħdet mill-imħabba tiegħi
u ma tridx taqsam l-hena tagħha miegħi!
*Qalbu bl-imħabba għaliha jħoss mifnija.*

5. U wara ftit fuq siġra sew mogħnija
bil-frott hu tala' u d-dirgħajn sbieħ dendilhom,
biex miet hemmhekk bla qatt mill-ġdid qandilhom;
*qalbu bl-imħabba mtertqa sew, mifnija.*



# Fuq Xatt ix-Xmara tal-Babilonja

## ir-raba' parti

San Ġwann tas-Salib kiteb ukoll għaxar poeżiji msejħa *Romances*, poeżiji bi stil u żvolġiment proprju li laħqu l-aqwa tagħhom fil-letteratura Spanjola żmien qabel ma kiteb San Ġwann tas-Salib. Il-kritiku Damaso Alonso josserva li San Ġwann tas-Salib, bħal kull Spanjol ieħor tas-seklu XVI, kien iħobb ħafna r-*Romances*.

B'kollox San Ġwann kiteb għaxar *Romances*, aktarx meta kien fil-ħabs ta' Toledo.

Disgħa minnhom jitkellmu fuq l-istess suġġett: l-Inkamazzjoni, u l-aħħar waħda, li qegħdin inġibu f'din il-ħarġa, hija mnebbħa mis-salm *Super Humina Babylonis* (*Fuq xatt ix-xmara tal-Babilonja*) miktuba mis-salmista b'tifkira ta' meta l-poplu Lhudi kien meħud ilsir fil-Babilonja. Il-parafrasi hija perfetta, u t-tmiem tal-poeżija sanġwannistika jagħti xejra Nisranija u Kristoċentrika lil dak is-salm.

Ir-*Romances* mhumiex meqjusa bħala xogħol letterarju kbir ta' San Ġwann tas-Salib. Il-kritiku Padre Andre de la Incarnacion, fis-seklu XVIII kien ta' ġudizzju sfavorevoli li 'l quddiem kellu jinfluwenza lil ħaddieħor. Huwa jikkritika l-ewwel nett il-forma tal-poeżija u jgħid li l-metru mhux meqjus biżżejjed. Qal ukoll li hemm certa "ħruxija" u għalhekk ma jdoqqx ħelu fil-widna bħal dak, pereżempju, tal-*Kantiku Spiritwali*. Iżda huwa jżid jgħid li, għalkemm dawn ir-*Romances* huma ftit ibsin, għandhom ċertu seħer li hu jsejjaħlu "verġni". Din il-poeżija li qegħdin inġibu għandha waqtiet sbieħ. U t-traduzzjoni magħmula minn Albert M. Cassola hija magħmula b'sengħa li ma ttaqqal xejn il-ħsieb oriġinali tagħha.

### Rumanza fuq is-salm *Super Humina Babylonis* ta' San Ġwann tas-Salib

Mort fix-xatt tax-xmara ġierja
li minn Babilonja għaddejja,
u bid-dmugħ bdejt l-art insaqqi
li kien ħiereġ minn għajnejja;

hekk imbikki bdejt niftakar
f'kemm, o Sijon, jien ħabbejtek.
U t-tifkira ħelwa tiegħek
żiedet dmugħ li bih imlejtek.

Jien neħħejt l-ilbies tal-festi,
xeddejt dawk tax-xogħol, mormija,
u dendilt maż-żafżaf aħdar
l-arpa ħelwa li għalija

kienet qisha l-għelm tat-tama
li jien biha 'l ħajti mlejtha,
Hawn l-imħabba 'l qalbi ġerrħet,
din titqaċċat bħal ħassejtha

Tlabt lil qalbi biex toqtolni,
hekk li x-xorti bdiet tgħarraqni.
Jien inxtħett fuq in-nar jikwi
u kont naf li sa jaħraqni;

u ma stajtx inlum l-għasafar
li bin-nar jiġu mifnija.
Waqt li l-mewt resqet qalila
ridt tkun inti n-nifs għalija.

Ridt immut għalik ġo fija,
ridt mill-mewt nara l-qawmien,
għax naf li t-tifkira tiegħek
tagħti l-ħajja u l-mewt taż-żmien.

Barranin li kienu hienja
u li fosthom kont intarraf
bdew il-għana jistaqsuni
li għannejt f'Sijon xi jsarraf:

għanni fuq Sijon xi innu,
ħa naraw fihx melodija.
Iżd'għiduli: f'art imbiegħda,
b'qalbi għal Sijon imbikkija,

kif triduni nuri l-hena
li f'pajjiżi biss ħassejtu?
Qisni wsalt biex bl-għana tiegħi
dak il-hena issa nsejtu.

Għax aħjar jinxifli lsieni
milli 'l arti qatt ninsieha
waqt li jiena għaddej il-ħajja
f'din l-art l-oħra li ngħix fiha!

Għall-fergħat, Sijon, ħadrana,
li din Babilonja tatni,
ha tintesa l-lemenija
tiegħi, dik li nħobbok ratni,

jekk inqisek bħal minsija
f'dak li l-iktar kien jhennini
u jekk noqgħod nagħmel festa
bla ma wiċċek int turini!

Kiebja bint ta' Babilonja,
hekk imsejkna u sventurata!
Tassew hieni huwa daka
li jien fih urejt it-tama,
li jagħtik għad il-kastigi
li ġibt b'idek għax fil-għama,

u għad jgħaqqad lil uliedek,
lili wkoll li daqstant bkejtek,
u mal-ġebla li hi Kristu,
għaliex jien għalhekk ħallejtek.

# IL-KLIEM TALJAN FIL-MALTI STANDARD

Joseph Brincat

- Proġett internazzjonali tal-Osservatorio degli Italianismi nel Mondo -

Kienet idea tal-Prof. Luca Serianni mill-Università La Sapienza ta' Ruma li ssir ġabra tal-kliem Taljan fil-lingwi tad-dinja kollha. Fl-2008 ħareġ ktieb miktub minn Harro Stammerjohann, studjuż tal-lingwi romanzi, li ġabar il-kliem Taljan fl-Ingliż, fil-Franċiż u fil-Ġermaniż, *Dizionario di italianismi in inglese, francese e tedesco*. Fl-2014, l-Accademia della Crusca ta' Firenze nediet il-proġett fuq skala mifruxa iżjed. Id-diretturi huma Matthias Heinz u Lucilla Pizzoli.

Jien kont mistieden mill-bidu nett bħala kollaboratur f'dan il-proġett u bħala bażi għażel il-*Maltese English Dictionary* ta' Ġużè Aquilina, u daħħalt il-kliem Taljan u Sqalli fuq dokument Excel separat għal kull ittra, mill-A saż-Z. Dawn telgħu għal madwar 20,000. Meta tqis li l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż fihom madwar 5,000 kelma mit-Taljan, malajr tara din il-biċċa xogħol kemm hi iebsa.

Għal kull kelma tinfetaħ skeda, maqsuma fi tnejn: fl-ewwel waħda jitniżżlu, f'kaxxi apposta, il-kelma Taljana oriġinali, il-forma Maltija, it-traskrizzjoni IPA, imnejn ittieħdet (MED, il-Concise, jew il-Korpus Malti), u tagħrif siewi ieħor, jekk tkun ġejja mill-Isqalli (eż. *ċar*), jew mill-Ingliż u ngħatat forma Taljana (eż. *evalwazzjoni*).

It-tieni skeda turi deskrizzjoni grammatikali (m. jew f., sing. jew pl., aġġettiv, verb, eċċ.), u semantika (l-ambitu fejn tintuża, liġi, mediċina, letteratura, eċċ.), it-tifsira li għandha fil-Malti, jekk għadhiex tintuża jew le, u jekk hix formali, spreġjattiva, eċċ.

Inħossni grat ħafna lejn il-kollaboraturi involuti f'dan il-proġett, fosthom kollegi bħal Sandro Caruana u Michael Spagnol, u l-grupp sabiħ u ħerqan tat-tradutturi Joe Chircop, Louisiana Busuttil, Antoine Camilleri, Edward Farrugia, Ivan Said, Roderick Sant u Anna Vella, ilkoll jaħdmu fuq ittra differenti. S'issa tlestew 4 ittri, A, Ċ (palatali), D u E bi kważi 5,000 kelma.

It-triq twila, u l-ħin skars, imma bil-mod il-mod, bil-koperazzjoni ta' kulħadd, naslu. Ix-xogħol komplut jidher f'sezzjoni tas-sit web tal-Accademia della Crusca biex jintuża minn kull studjuż li għandu interess fil-lessiku.

*Joseph Brincat hu professur tal-lingwistika Taljana fl-Università ta' Malta. Hu kittieb u riċerkatur tal-lingwistika tat-Taljan u tal-Malti.*



Ħajr għall-istampar
lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE,
il-Lussemburgu